**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA)**

**IMĦALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel.,**
**Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum, 3 ta' Novembru 2022

Rikors Ġuramentat Numru: 126/2011 AL
*Fl-ismijiet:*

**A B**

**vs**

**C B**

**(Numru Progressiv tal-Att taż-Żwieġ: 1499/1971)**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ġuramentat tal-attriċi li permezz tiegħu ppremettiet:[1]

1. *Illi l-partijiet izzewgu f'Malta fit-8 ta' Awissu tas-sena 1971 (vide Dok A);*

2. *Illi minn dan iz-zwieg, il-partijiet ghandhom zewgt ulied, illi llum huma maggorenni;*

[1] Fol. 1.

3. *Illi l-konvenut irrenda ruhu hati ta' vjolenza, mohqrija, sevizzji u ingurji gravi fil-konfront tal-attrici;*

4. *Illi minhabba l-komportament tal-konvenut l-attrici kellha tabbanduna d-dar matrimonjali u tmur tghix go residenza ohra formanti parti mil-komunjoni tal-akkwisti;*

5. *Illi il-partijiet ilhom jghixu separati de facto sa mit-tmienja ta' Awwissu 2008 wara incident instigat da parte tal-konvenut li, di piu ma kienx incident izolat imma kulminazzjoni ta' agir krudili u vendikattiv da parte tal-konvenut fuq l-esponenti u binha D. L-attrici, pur instigat kienet ammettiet l-akkuzi dedotti kontriha sabiex tevita li ittawwal il-proceduri gudizzjarji minhabba ragunijiet ta' sahha;*

6. *Illi l-hajja konjugali bejn il-partijiet saret impossibbli ghar-ragunijiet fuq imsemmija;*

7. *Illi l-medjazzjoni giet dikjarata maghluqa u l-attrici giet awtorizzata tipprocedi b'kawza ghas-separazzjoni personali permezz ta' tad-digriet numru 472/11 (vide dok. D);*

*Ghaldaqstant, ghar-rgunijiet fuq premessi, l-esponenti titlob, bir-rispett lil din l-Onorabbli Qorti joghgobha tordna u:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti ghal ragunijiet imputabbli lill-konvenut u ghal finijiet tal-Art. 48 (c) tal-Kap. 16 tistabilixxi d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda;*

2. *Tawtorizza lill-esponenti tghix separatament mil-konvenut zewgha;*

3. *Tikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici manteniment fis-somma ta' seba mitt euro fix-xahar jew somma xierqa skond il-ligi bil-modalita ta' jum, hin u lok li jigu ukoll ffissati, kif ukoll bil-facilita ta' revizjoni tal-indici tal-inflazzjoni kif publikat fil-Kap 158 tal-Ligijiet ta' Malta;*

4. *Tapplika kontra l-konvenut interament jew in parti id-dispozizzjonijiet al-Art. 48 tal-Kap 16;*

5. *Tikkundanna lill-konvenut jikkonsenja lill-attrici l-beni kollha dotali u parafernali taghha w separatament tordna li l-attur jigi moghti l-pjena amministrazzjoni tal-beni parafernali tieghu;*

6. *Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti, tillikwida l-assi u d-djun formanti parti mill-istess komunjoni, u tordna li l-istess jigu divizi f'zewg prozjonijiet komposti kif ordnat u stabilit minn din l-Onorabbli Qorti in vista, inter alia, tad-data tal-akkwist tad-diversi beni formanti l-istess komunjoni u tad-data stabilita minn din l-Qorti bhala d-data meta l-istess konvenut ghandu jkun kunsidrat li minnha kien hati tal-firda, liema porzjonijiet illi jigu assenjati wahda lill-atttrici u l-ohra lil konvenut billi, jekk ikun hekk mehtieg ghal finijiet tat-talba odjerna, jigi nominat perit biex jaghmel il-likwidazzjoni mitluba u jipproponi pjan ta' divizjoni, nutar sabiex jircievi l-att relattiv u kuratur biex jirraprezenta lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

*Bl-ispejjez inkluz dawn tal-ittri legali, dawk tar-rikors fi hdan il-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja), kif ukoll tal-atti kollha relattivi, susssegwenti u ancillari u bl-imghaxijiet kontra l-konvenut li minn issa huwa ingunt in subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-attriċi;

Rat ir-risposta ġuramentata tal-konvenut,[2] fejn ġie eċċepit:

1. *Illi l-esponenti jichad il-qawwa kollha l-allegazzjonijiet lancjati kontra tieghu fir-rikors promotur bhala infondati fil-fatt u fid-dritt u jirrileva li jekk hemm xi lok ghal separazzjoni personali bejn il-kontendenti dan huwa biss rizultat ta' tortijiet u htijiet unikament u eklussivament imputabbli lill-attrici u bl-ebda mod ma ghandu xi forma ta' tort l-istess eccipjenti kif allegat l-attrici fir-rikors promotur. Illi ghalhekk l-esponenti jeccepixxi li t-talbiet attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt u dana billi:*

   i. *M'ghandux il-konvenut jinstab hati li kkawza s-separazzjoni bejn il-kontendenti stante li mhux minnu li huwa hati ta' vjolenza, mohqrija, sevizzi u ingurji gravi kontra l-attrici jew li minhabba fih z-zwieg tkisser irrimedjabbilment. L-unika tortijiet li wasslu ghas-separazzjoni kienu dawk tal-attrici li hija hatja inter alia ta' vjolenza, ecessi, sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess ecceipjenti b'mod li wasslet hi ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg b'tort uniku taghha stess*

   ii. *Illi minhabba li kienet htija tal-istess attrici li tkisser iz-zwieg m'hemmx lok li l-attrici tibqa' tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut, u ghalhekk l-attrici ghandha tigi dikjarata li ddekadiet mid-dritt li tippercepixxi manteniment, tigi ordnata tirrifondi l-manteniment lilha imhallas mil-eccipjenti a tenur tad-digriet tas-6 ta' Lulju 2009 filwaqt li l-*

[2] Fol. 41.

*istess digriet jigi revokat u jigu applikati kontra l-attrici is-sanzjonijiet komminati mill-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

iii. *Illi t-talba ghall-qasma tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tkun deciza fis-sens li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandha tigi maqsuma f'zewg prozjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u assenjata in kwantu prozjon lir-rikorrenti u porzjon lil intimat ope sententiam, pero dan wara li l-ewwel u qabel kollox jigu stabbiliti l-beni kollha parafernali tal-eccipjenti.*

iv. *Illi minhabba li l-konvenut m'ghandux tort, m'ghandhom jigu applikati l-ebda wahda mis-sanzjonijiet komminati mill-artikoli 48 sa 55A tal-Kap 16 kif mitlub mill-attrici izda bil-kontra ghandhom jigu applikati kontra l-attrici is-sanzjonijiet komminati mill-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

v. *Illi t-talba sabiex l-attrici tghix separatament mil-konvenut hija superfluwa in kwantu una volja kun hemm pronunzjament ta' separazzjoni personali dak ikun proprju wiehed mill-effetti tal-istess decizjoni.*

2. *Illi tant it-tort tas-separazzjoni huwa tal-attrici li l-konvenut qed jipprevalixxi ruhu mid-dritt lilu moghti taht il-Kap 12 tal-ligijiet ta' Malta u bil-prezenti qed jintavola kontra-talba kontra l-attrici sabiex jirribadixxi dan kollu.*

3. *Illi salv kif hawn fuq premess it-talbiet attrici huma infondati fil-fatt tu fid-dritt.*

4. *SALVI, jekk ikun il-kaz, risposti, ossia eccezzjonijiet ulterjuri.*

*Bl-ispejjez kollha kontra l-attrici.*

*Dikjarazzjoni Guramentata ghall-finijiet tal-artikolu 158(3) tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta*

1. *Illi dawn il-fatti jafhom hu personalment.*

2. *Illi l-esponenti jichad bil-qawwa kollha l-allegazzjonijiet lancjati kontra tieghu fir-rikors promotur bhala infondati fil-fatt u id-dritt u jirrileva li jekk hemm xi lok ghal seprazzjoni personali bejn il-kontendenti dan huwa biss rizultat ta' tortijiet u htijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-attrici u bl-ebda mod ma ghandu xi forma ta' tort l-istess eccipjenti kif allegat l-attrici fir-rikors promotur u dana billi:*

i. *M'ghandux il-konvenut jinstab hati li kkawza s-separazzjoni bejn il-kontendenti stante li mhux minnu li huwa hati ta' vjolenza, mohqrija, sevizzi u ingurji gravi kontra l-attrici jew li minhabba fih iz-zwieg tkisser irrimedjabbilment. L-unika tortijiet li waslu ghas-separazzjoni kienu dawk tal-attrici li hija hatja inter alia ta' vjolenza, eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid u offizi gavi da parti taghha fil-konfront tal-istess eccipjenti b'mod li waslet hi ghat-tkissir irrimedjabbli taz-zwieg b'tort uniku taghha stess.*

ii. *Illi minhabba li kienet htija tal-istess attrici li tkisser iz-zwieg m'hemmx lok li l-attrici tibqa tippercepixxi manteniment minghand il-konvenut u ghalhekk l-attrici ghandha tigi dikjarata li ddekadiet mid-dritt li tippercepixxi manteniment, tigi ordnata tirrifondi l-manteniment lilha imhallas mill-eccipjenti a tenur tad-digriet tas-6 ta' Lulju 2009 filwaqt li l-istess digriet jigi revokat u jigu appikati kontra l-attrici s-sanzjonijiet komminati mill-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

iii. *Illi t-talba ghal qasma tal-komunjoni tal-akkwisti ghandha tkun deciza fis-sena li l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti ghandha tigi maqsuma f'zewg prozjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-attrici hija unikamet hatja ghas-separazzjoni personali u assenjata in kwantu prozjoni lir-rikorrenti u porzjoni lill-intimat ope sententiam pero dan wara li l-ewwel u qabel kollox jigu stabbiliti l-beni kollha parafernali tal-eccipjenti.*

iv. *Illi minhabba li l-konvenut m'ghandux tort, m'ghandhom jigu applikati l-ebda wahda mis-sanzonijiet komminati mill-artikoli 48 sa 55A tal-Kap 16 kif mitlub mill-attrici izda bil-kontra ghandhom jigu applikati kontra l-attrici s-sanzjonijiet komminati mill-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijet ta' Malta.*

v. *Illi t-talba sabiex l-attrici tghix separatament mil-konvenut hija superfluwa in kwantu unavolta jkun hemm pronunzjament ta' separazzjoni dak ikun proprju wiehed mil-effeti tal-istess decizjoni.*

3. *Illi tant it-tort tas-separazzjoni huwa tal-attrici li l-konvenut qieghed jipprevalixxi ruhu mid-dritt ilu moghti taht il-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta u bil-prezenti qed jintavola kontra talba kontra l-attrici sabiex jirribadixxi dan kollu.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut;

Rat il-kontro-talba tal-konvenut,[3] fejn ippremetta:

[3] Fol. 46.

1. *Illi l-kontendenti zzewgu fit-8 ta' Awissu 1971.*

2. *Illi minn dan iz-zwieg l-konvententi kellhom zewgt itfal li huma lkoll maggiorenni.*

3. *Illi r-rikorrenti rikonvenzjonata rrendiet l-hajja matrimonjali ta' bejn il-kontendenti mpossibbli, inter alia permezz ta' vjolenza, eccessi, se mohqrija, theddid u offizi gravi da parti taghha fil-konfront tal-istess intimat rikonvenzjonanti u kif ukoll iz-zwieg taghha tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess rikorrenti rikovenjonata;*

4. *Illi l-kontendi gew debitament awtorizzati biex jipprocedu bl-isU permezz tad-digriet appositu tal-onorabbli Qorti Civili Sezzjoni tal-Familja.*

*Ghaldaqstnat l-esponenti qieghed ghar-ragunijiet fuq imsemmija, bil-qima jitlob illi din l-Onorabbli Qorti joghgobha prevja kull dikjarazzjoni mehtiega u opportuna, illi:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti u dana minhabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lir-rikorrenti rikonvenzjonata kif fuq spjegat u tawtorizza lill-intimat rikonvenzjonant jghix separatament minn mar-rikorrenti;*

2. *Tiddikjara li r-rikorrenti rikonvenzjonata iddekadiet minn kwalsiasi dritt li titlob jew tippercepixxi manteniment minghand l-intimat zewgha filwaqt li l-intimat rikonvenzjonant jibqalu d-dritt li jippercepixxi, jekk ikun il-kaz, manteniment minghand ir-rikorrenti martu ghalih;*

3. *Tillikwida ammont adegwat ta' maneniment li ghandu jkun pagabbli mir-rikorrenti rikonvenzjonata lill-intimat rikonvenzjonant ghalih, jekk ikun il-kaz, filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess rikorrenti rikonvenzjonata sabiex thallas jew tikkontribwixxi dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tipprovdi dwar il-modalitajiet ta' kif l-istess maneniment ghandu jigi rivedut u jawmenta biex jirrifletti z-zieda fil-gholi tal-hajja.*

4. *Tapplika kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 et seq tal-kap 16 tal-ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli inkluza l-komminazzjoni li hija tilfet kull dritt li tiret lill-intimat zewgha.*

5. *Ixxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti ezistenti bejn il-kontendenti u taqsamha f'zewg porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li r-rikorrenti rikonvenzjonata hija unikament hatja ghas-separazzjoni personali u tassenja prozjoni lill-intimat rikonvenzjonant u porzjoni lir-rikorrenti ope sententiam pero dan wara li l-ewwel u qabel kollox jigu stabbiliti l-beni kollha parafernali tal-esponenti. Filwaqt li tinnomina nutar sabiex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora*

*l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

6. *Tikkundanna lir-rikorenti rikonvenzjonata sabiex tirrestitwixxi lill-intimat rikonvenzjonant il-beni kollha dotali j/jew parafernali tieghu li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza u dana fi zmien qasir u perentorju li ghandu jigi lilha prefiss minn din il-Qorti u fin-nuqqas li r-rikorrenti taghmel dan, tikkundannaha thallas lill-intimat rikonvenzjonanti dik is-somma li ghandha tigi likwidata, occorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezenU l-valur tal-beni dotali j/jew parafernali sudetti.*

7. *Tordna li l-intimat rikonvenzjonant ghandu jibqa jkollu d-dritt li jghix u jabita fid-dar konjugali u dana ad eskluzjoni tar-rikorrenti rikonvenzjonata mill-istess dar inter alia peress li din hija parafernali tieghu.*

8. *Taghti kull proccediment iehor xieraq u opportun.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem il-Qorti Civili u tal-medjazzjoni kontra r-rikorrenti rikonvenzjonata li hi minn issa ngunta ghas-subizzjoni.*

Rat il-lista tax-xhieda tal-konvenut rikonvenzjonant;

Rat li l-attrici rikonvenjonata ġiet debitament notifkata bil-kontro-talba tal-konvenut rikonvenzjonant,[4] iżda ma jidhirx li ntavolat risposta ġuramentata;

Rat id-digriet tal-għeluq tal-medjazzjoni datat 17 ta' Marzu 2011, fejn l-attriċi ġiet awtorizzata tipproċedi b'kawża u dan fit-termini imposti mil-liġi;[5]

Rat iċ-Ċertifikat taż-Żwieġ tal-partijiet li jġib in-numru progressiv 1499 tas-sena 1971;[6]

Rat in-nota ġuramentata tal-attriċi tat-13 ta' Novembru 2008 intavolata fl-atti tal-medjazzjoni, li titkellem dwar: (i) ir-responsabbilita' tat-tifrik taz-zwieġ, (ii) manteniment, u (iii) spejjeż mensili;[7]

Rat in-nota ġuramentata tal-attriċi tat-30 ta' Settembru 2011 li titkellem dwar: (i) ir-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, (ii) kura u kustodja, (iii) manteniment, u (iv) komunjoni tal-akkwisti;[8]

[4] Fol. 49.
[5] Fol. 7.
[6] Fol. 6.
[7] Fol. 32.
[8] Fol. 58.

Rat l-affidavit u d-dokumenti annessi,[9] ix-xhieda,[10] u l-kontro-eżami tal-attriċi;[11]

Rat l-affidavit tal-konvenut;

Rat il-verbali tas-seduti miżmuma mill-Assistenti Ġudizzjarji Dr Barbara O'Brien u Dr Nadya H,[12] u kif ukoll mill-Periti Legali Dr Sandra Sladden u konsegwentament Dr Anna Mallia,[13] ix-xhieda li ddeponew quddiemhom u d-dokumenti esebiti mill-istess xhieda;

Rat l-atti kollha ta' dan il-proċediment;

Rat ir-rapport maħluf tal-Perit N Cassar, debitament maħluf u ppreżentat nhar it-28 ta' Frar 2019;[14]

Rat id-domandi in eskussjoni fir-rigward tar-rapport tal-Perit N Cassar, ippreżentata mill-konvenut rikonvenzjonant;[15]

Rat ir-rapport tal-Perit Legali Dr Anna Mallia, debitament maħluf nhar l-1 ta' Frar 2021 u ppreżentat it-2 ta' Frar 2021;[16]

Rat id-domandi in eskussjoni fir-rigward tar-rapport tal-Perit Legali Dr Anna Mallia,[17] u r-risposti għall-istess;

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-attriċi rikonvenzjonata;[18]

Rat in-nota ta' sottomissjonijiet finali tal-konvenut rikonvenzjonant;[19]

Rat illi l-kawża tħalliet għas-sentenza għal-lum.[20]

Ikkunsidrat;

---

[9] Fol. 8, 569.
[10] Fol. 584, 1105.
[11] Fol. 1141.
[12] Maħtura għal tali fini nhar l-10 ta' Ottubru 2011 a fol. 112, u l-25 ta' Jannar 2012 a fol. 376, rispettivament.
[13] Maħtura għal tali fini nhar is-6 ta' Novembru 2014 a fol. 595, u t-12 ta' Frar 2015 a fol. 608, rispettivament.
[14] Fol. 1456.
[15] Fol. 1478.
[16] Fol. 1483.
[17] Fol. 1573.
[18] Fol. 1577.
[19] Fol. 1608.
[20] Fol. 1576.

**KONSIDERAZZJONIJIET:**

Qabel ma tgħaddi għall-konsiderazzjonijiet tagħha stess, u dan senjatament minħabba d-domandi in eskussjoni u n-noti ta' sottomissjonijiet tal-partijiet, il-Qorti hija tal-fehma li fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li jiġi replikat dak kollu li ġie miġbur mill-Perit Legali fir-rapport tagħha, u ċjoe' il-konsiderazzjonijiet tal-istess perit wara li ħadet konjizzjoni tal-proċessi kollha li flimkien isawru l-każ odjern li ilu għaddej għal ħdax-il (11) sena.

**1. Ir-Rapport tal-Perit Legali:**

Il-Perit Legali Dr Anna Mallia ġie maħtura għal tali skop permezz ta' digriet datat 12 ta' Frar 2015, fejn in adempjenza tal-inkarigu mogħti lilha żammet numru ta' seduti. Wara li l-Perit Legali rat u inkludiet fir-rapport tiegħu r-rikors promotur, ir-risposta ġuramentata, u l-kontro-talba, hija kompliet tirrileva s-segwenti:

***Dokumenti esebiti***

*Fol 6 Dok A – certifikat taz-zwieg tal-partijiet;*

*Fol 7 Dok B – digriet ta' awotrizzazzjoni tal-Qorti sabiex l-attrici tipprocedi;*

*Fol 8 Dok P – affidavit ta' l-attrici;*

*Fol 13 Dok B – certifikat mediku tal-attrici dwar swat mil-konvenut;*

*Fol 14 Dok C – certfikat mediku tal-attrici dwar theddid u griehi mill-konvenut;*

*Fol 15 Dok G – ircevuta tal-vat tal-ispejjez li binhom D B ghamel biex sewwa l-van;*

*Fol 16 Dok L – sentenza Il-Pulizija vs C B deciza fil-21 ta' Frar 2011 sabiex ihallas l-arretrati ta' manteniment u rapport lil pulizija u ritratt tal-qtil fil-Mosta;*

*Fol 20 Dok N u fol 71 – ittra li baghat l-konvenut lill-attrici jghid li t-tieni tifel mhux minn tieghu*;

*Fol 24 Dok W – sentenza tal-14 ta' Ottubru 2008 Il-Pulizija vs A B;*

*Fol 29 Dok K – digriet ta' manteniment;*

*Fol 65-67 – tlett ritratti li l-attrici tghid li huma bil-kitba tal-konvenut;*

*Fol 68 – rapport li l-attrici ghamlet lil pulizija dwar cutting ta' gazzetta 'attentat ta' qtil fl-Mosta';*

*Fol 72 sa 74 – messaggi li jibghat il-konvenut lil martu;*

*Fol 75 – digriet tas-6 ta' Lulju 2009 biex l-konvenut jghaddi lil martu manteniment ta' €700 kull erba gimghat;*

*Fol 76 – case summary tal-attrici mahrug minn Mater Dei u l-appuntamenti taghha l-isptar;*

*Fol 78 – kuntratt tal-20 ta' Jannar 1988 atti Nutar Tonio Spiteri tal-akwist mil-partijiet tal-plot D Burmarrad road Burmarrad;*

*Fol 82 – kuntratt tas-27 ta' Frar 1993 atti Nutar C Spiteri tal-akwist mil-partijiet ta' bictejn raba tal-Wileg;*

*Fol 86 – kuntratt tas-16 ta' Novembru 1981 atti Nutar Tonio Spiteri tal-akwist mil-konvenut bictejn raba ohra tal-Wileg;*

*Fol 93 – kuntratt tal-25 ta' Jannar 1984 atti Nutar Tonio Spiteri li permezz tieghu l-konvenut xtara zewg plots li jinsab il-Hofra tas-Salina fil-kontrada tas-Salina limiti tan-Naxxar;*

*Fol 97 – kuntratt tal-(data mhix legibbli) ta' Gunju 1994 atti Nutar T Spiteri li permezz tieghu l-konvenut irceva b'donazzjoni minghand il-genituri tieghu bicca art li tinsab St Mary Street Bugibba tal-kejl ta' circa 380 metri kwadri;*

*Fol 102 – mandat ta' deskrizzjoni li sar fid-dar Qalb ta' Gesu Triq Manwel Bonnici Burmarrad*;

*Fol 188 et – Bov 1 sa Bov 11 kontijiet bankarji f'isem il-konvenut mal-Bank of Valletta*;

*Fol 133 et – HSBC 1 sa Hsbc 9 kontijiet bankarji f'isem il-konvenut mal-HSBC (Malta) plc;*

*Fol 336 et – dok GC1 investimat li kellu l-konvenut fl-ammont ta' €40,009.80 mal-Global Capital Global Capital funds Sicav – The Property Fund u investiment iehor*

*f'isem iz-zewg partijiet f'The Protected Asset Tep fund No 2 – GBP;*

*Fol 342 et – Dok Bova 1 u dok Bova 2 – zewg kontijiet f'isem l-attrici mal-Bank of Valletta;*

*Fol 410 – pjanta dok LD1u l-parti Fata P/OT 50352 hija mikrija lil C B u lil E B in solidum;*

*Fol 411 – Dok LD 2 juri l-kirja hija fuq C B u E B in solidum u fl-1 ta' Jannar 1975;*

*Fol 414 – Dok LD 3 pjanta li turi l-art li kienet mikrija f'isem il-konvenut wahda mis-16 ta' Awissu 1991 sal-1 ta' Frar 2010 meta mbaghad daret fuq it-tifel F B;*

*Fol 415 - LD 4 l-kirja originali rigward l-istess art;*

*Fol 420 – LD 5 Pjanta bin-notamenti tax-xhud li turi l-art P/O 50356 hija mikrija lil hafna nies mid-dipartiment in solidum fosthom lil C Camileri u tali kirja bdiet mis-16 ta' Awissu 1994;*

*Fol 421 - Dok LD 6 (fol 421) l-ittra fejn gew konoxxuti l-partijiet bhala inkwilini u pjanta LD2 biex juri l-estensjoni ta' din l-art mikrija lilhom;*

*Fol 422 – Dok LD 7 u LD 8 juru li l-konvenut ceda l-kirja favur ibnu F;*

*Fol 425 – skrittura ta' kirja ta' In & Out Snack Bar Triq Burmarrad Burmarrad tas-16 ta' Awissu 2008 li bdiet tiddekorri mil-1 ta' Settembru 2008;*

*Fol 430 – Dok LA 1 ktieb li juri l-lista ta' raba miktuba f'isem il-konvenut ghalkemm jista jkun li jahdimha haddiehor. Tali ktieb kien updated sas-sena 2007;*

*Fol 443 et – vetturi li ghandu u li kellu l-konvenut fuq ismu;*

*Fol 454 – rendikont ta' x'kellu l-konvenut mal-Borza ta' Malta u x'baqghalu;*

*Fol 468 – Dok DSS1 – rendikont ta' dak li jippercepixxi l-konvenut minghand id-Dipartiment tas-Sigurta Socjali;*

*Fol 469 - Dok IT1 – dettalji tal-income tax tal-konvenut;*

*Fol 470 - Dok IT2 – dettalji tal-attrici;*

*Fol 471 - Dok IT3 – statement tat-taxxa tal-konvenut sena b'sena;*

*Fol 477 - Dok IT4 sa IT6 – formula tat-taxxa ghas-snin ta' stima 2000 sa 2002;*

*Fol 487 - Dok IT7 sa IT 12 – formula ta' aggustament ghas-snin ta' stima 2003 sa 2008;*

*Fol 499 - Dok IT 13 – formula tat-taxxa ghas-sena ta' stima 2009;*

*Fol 506 Dok IT 14 u IT 15 (fol 507) – formula tal-aggustament internal;*

*Fol 508 Dok IT 16 – formula tat-taxxa ghas-sena ta' stima 2012;*

*Fol 544 – Dok FCCS – dhul tal-konvenut mill-Farmers Central Co-operative Society Limited mis-sena 1995 sas-sena 2003;*

*Fol 573 – Dok CDX 2 - ircevuti tal-kera ta' Inn and Out minn G H li kien hemm qabel C Cutajar;*

*Fol 596 – nota b'dokumenti Dok D1 sa D6 juru rapport tal-pulizija, ittri interpellatorji, li saru mill-attrici lil konvenut u nota mill-konvenut lill-attrici biex tiehu hsieb id-dar fejn qed tghix.*

*Mhix fil-process - Xhieda 18 ta' Gunju 2014 tal-attrici u Dok CDX1 esebit minnha.*

***Seduti mizmuma quddiem il-Perit Legali***

*Seduta 19 ta' Mejju 2015*

*Dok Bov (i) kont li l-mara ghandha mal-Bank of Valletta;*

*Dok Bov (ii) sa (iv) – tlett kontijiet kongunti li ghandhom l-partijiet mal-Bank of Valletta;*

*Dok Bov (v) – investiment li l-partijiet xtraw mil-Bank of Valletta;*

*Dok Bov (vi) – life policy wahda mal-MSC life li ghadha attiva;*

*Dok MSE (1) – 6238 shares li l-mara ghandha mal-Bank of Valletta*

*DOK hsbc (I) – investiment li l-mara ghandha mal-bods tal-gvern li inghlaaq fit-23 ta' Frar 2000 u hadet €11,854.49c.*

*Seduta 6 ta' Lulju 2015*

*Dok X – sentenza moghtija mil-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kontra l-attrici;*

*Dok Y u Dok Y1 – zewg sentenzi moghtija minn l-istess Qorti kontra l-konvenut u sentenza tal-Appell minn wahda minn dawn is-sentenza moghtija mil-Magistrat Dr Miriam Hayman;*

*Dok Z – sentenza mil-Magistrat Dr Anthony H li l-konvenut gie liberat;*

*Dok P1 u P2 – zewg rapport li r-rael ghamel kontra l-mara fl-ghassa tal-pulizija tal-Mosta;*

<u>*Seduta 30 ta' Settembru 2015*</u>

*Dok SB1 – estratt mir-registru elettorali li juri l-attrici minn April 2015 sa dakinhar tas-seduta l-attrici kienet toqghod Qalb ta' Gesu Triq Manwel Bonnici Burmarrad San Pawl il-Bahar;*

<u>*Seduta 11 ta' April 2016*</u>

*Dok MB1 – saving account f'isem il-mara mal-Mediterranean Bank;*

*Dok MB2 – fixed account f'isem il-mara mal-Mediterranean Bank;*

*Dok MB3 – dokument li juri li l-attrici ilha klijenta tal-istess bank mit-13 ta' Gunju 2015;*

<u>*Seduta 6 ta' Lulju 2016*</u>

*Dok MDC – skrittura privat ta' kirja bejn il-konvenut u I u J K tal-hanut In and Out;*

*Dok MDC1 – sitt ircevuti tal-istess kirja;*

*Dok MDC 2 – skrittura ta' bejgh ta' mobbli tal-istess hanut li saret bejn l-istess partijiet;*

<u>*Seduta 20 ta' Frar 2017*</u>

*Dok X – kuntratt atti Nutar Dr Tonio Spiteri tat-12 ta' Gunj2013 dwar bejgh mill-attrici ta' sehemha mid-dar tal-genituri taghha;*

<u>*Seduta 19 ta' Gunju 2017*</u>

*Dok X – rendikont tal-flus li wiret ir-ragel;*

*Dok 22 u Dok 21 – ircevuti datati 11 ta' Settembru 2001 u 15 ta' Ottubru 2011 ta' pagament ta' LM3000 u LM2000 minn iben il-partijiet D B lil bennej V W;*

*Dok Y1 u Y2 – zewg kuntratt ta' donazzjoni ta' plot kull wiehed lit-tfal tal-partijiet t-tnejn tat-18 ta' Mejju 1995 atti Nutar Dr T Spiteri;*

*Dok T1 u T2 - tlett ritratti li juru li snack bar In & Out huwa 'to let';*

*<u>Seduta 14 ta' Dicembru 2017</u>*

*Dok DSS(a) sa DSS – rendikont ta dak li tippercepixxi kull parti mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali;*

*Dok AA – l-atti kollha tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 134/11;*

*<u>Seduta tad-19 ta' Frar 2018</u>*

*Dok CC1 – ittra li baghat l-konvenut lil martu bi flus sirjani go fih u fuqha miktub 'donkey';*

*Dok CC2 – rapport li l-attrici ghamlet il-pulizija;*

*Dok CC3 sa Dok CC 6 - stima tal-Perit C K tal-erba immobli li l-partijiet ghandhom in komunjoni – stima tal-plots 122 u 123 tal-Wileg €100,000, tal-fond Qalb ta' Gesu, €160,000 tal-blokka Bistra House €420,000 u sit il-wileg off Kennedy Drive €155,000;*

*Dok CC7 – site plan li turi l-parti Fata bl-ahda li hija tal-komunjoni u dik Fata bl-ahma li giet ghal il-konvenut b'wirt;*

*Dok CC8 – stima tal-istess sit;*

*<u>Seduta 19 ta' Frar 2018</u>*

*Dok JCX 1 – oggetti imsemmija fil-mandat ta'deskrizzjoni numru 134/11 li t-tifel tal-partijiet F jghid li huma proprjeta tieghu;*

*Dok JCX 2 – ittra mil-Mepa li turi li l-konvenut kellu enforcement fis-sit ta' Triq l-Imdawra Burmarrad pero llum huwa nehha kollox u gie regolarizzat;*

*Dok JCX 3- ircevuti li juru r-raba hija kollha fuq it-tifel F;*

*Dok JCX 4- valutazzjoni ta' garage li hu parafernali tal-konvenut;*

*Dok JCX 5 – valutazzjoni ta' 2 plots St Mary Street parafernali tal-konvenut u li kienu inbieghu;*

*Dok JCX 6 – valutazzjoni ta' art il-Wileg parafrnali tal-konvenut;*

*Dok JCX 7 – valutazzjoni ta' plot numru 12 San Pawl Milqi parafernali konvenut liema plot qasamha biex ta nof skull wiehed lit-tfal;*

*Dok JCX 8 – valutazzjoni ta' plot 7 San Pawl Milqi parafernali tal-konvenut u fuqha hemm mikbija d-dar Qalb ta' Gesu;*

*Dok JCX 9 – konvenju tal-15 ta' Mejju 1994 li juri l-ftehim dwar il-qasma u li l-konvenut kien ser jigu assenjati lilu b'wirt l-plots numru 12 u 7 San Pawl Milqi;*

*Dok JCX 10 – kuntratt ta' xiri u bejgh tal-fond Arcville Triq il-Maghsur Burmarrad tal-20 ta' Jannar 1990 atti Nutar Remigio Zammit Pace;*

*Dok JCX 11 – kuntratt tal-25 ta' Jannar 1984 atti Nutar Tonio Spiteri tal-plot tas-Salina;*

*Dok JCX 12 – kuntratt ta' Bistra House Triq Burmarrad Burmarrad tal-20 ta' jannar 1998 Nutar tonio Spiteri;*

*Dok JCX 13 – kuntratt ta' bejgh tal-art ta' 380 metri kwadri circa f'St Mary Street Bugibba tas-7 ta' Jannar 1995 atti Nutar Pierre Falzon ghal prezz ta' LM30,000;*

*Dok JCX 14 – kuntratt ta' donazzjoni tal-proprjetajiet li l-konvenut inghata minghand il-genituri tieghu tad-19 ta' Gunju 1994 atti Nutar Tonio Spiteri;*

*Dok JCX 15 – kuntratti u dokumenti li juru li r-raba kollu li ghandu l-konvenut gew minn wirt tal-familja tieghu;*

*Dok JCX 16 – kuntratti art tal-Wileg: wiehed tas-27 ta' Frar 1993 atti Nutar C Spiteri li permezz tieghu l-konvenut xtara bictejn raba maghrufa bhala tal-Wiled wahda ta' 2202.62mk u ohra ta' 719.32mk u kuntratt tas-16 ta' Novembru 1981 atti Nutar tonio Spieri li permezz tieghu l-konvenut xtara prozjoni raba ohra tal-Wileg tal-kejl ta' 2201.mk;*

*Dok JCX 17 – testament ta' missier il-konvenut tat-18 ta' Lulju 1994 atti Nutar tonio Spiteri;*

*Dok JCX 18 – elenku ta' flejjes u investiment li nqabdu bil-mandat ta' sekwestru tal-attrici li huma parafernali tal-konvenut u gejjin minn wirt;*

*Dok JCX 19 – dokumenti dwar flejjes li wiret minghand l-familja tieghu l-konvenut;*

*Kuntratt tas-16 ta' Novembru 1981 atti Nutar Tonio Spiteri tal-akwist mil-konvenut bictejn raba ohra tal-Wileg. (jinsab ukoll fol 86 et);*

*Seduta 28 ta' Mejju 2018*

*Dok LA1 – hdax il-dokument rigward tenement number 050356-006;*

*Dok LA2 – rigward tenement 083178 juri l-qiela ghaddiet favur C B fil-11 ta' Jannar 1993;*

*Dok LA 3- kuntratt tas-26 ta' Marzu 1976 rigward tenement numru 050352 meta gie mikri lil C B u lil Gian Maria B;*

*Seduta 5 ta' Lulju 2018;*

*Dok NBX (1) – stimi tal-porpjetajiet li ghandhom il-partijiet;*

*Dok NBX (2) – stima tax-xohgolijiet li ghamel il-konvenut fit-tieni sular f'Qalb ta' Gesu;*

*Dok NBX (3) – stima tax-xogholijiet fuq plot & fejn hemm mibnija l-gaaxxijiet;*

*Dok NBX (4) – stima tax-xogholijiet fix-showroom fuq il-garaxxijiet;*

*Dok NBX (5) – ircevuti mahruga mil-bennej V W;*

*Dok NBX (6a), (6b) u 6(c) - ircevuti tal-bricks;*

*Dok NBX (7) – ircevuta tal-hlas tax-xibka;*

*Dok NBX (8) – ircevuti tal-Ballut Blocks;*

*Dok NBX (9) – hlas ta' ramel;*

*Dok NBX (10 - hlas ta' konkos;*

*Fol 698 – dok NBY1 sa NBY 13 – dokumenti li xehed dwarhom il-konvenut fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2018;*

***Provi attrici***

*Fl-affidavit taghha (fol 8 e)* ***l-attrici*** *tghid li hija zzewget lil konvenut fit-8 ta' Awissu 1971 u gal hafna snin iz-zewg mexa tajjeb u ghandhom zewg subien minn dan iz-zwieg li llum huma maggorenni. Xogholhom kien fir-raba saqsi. Bdew izidu r-raba li kienu jahdmu hi u zewgha u spiccaw jahdmu madwar erbghin (40) tomna raba saqwi flimkien. Minhabba xxoghol taghhom kienu jqumu dejjem fmieni fis-saj fl-erbgha u nofs ta' filghodu u fix-Xitwa fil-hamsa u nofs ta' filghodu. Hija kienet tqum qabel zewgha biex tlesti l-affarijiet tad-dar u meta t-tfal kienu ghadhom zghar kienet tlestihom ghall-iskola. Dan baqa minn mindu zzewgu sas-sena 2008 meta hija ma baqghetx aktar tghix ma zewgha. Hija tghid li daws kemm bata u hadem hu l-istess ghamlet hi. Anke meta fis-sena 2000 hija mardet serjament baqghaet tahdem mieghu fl-ghelieqi u kienet tghinu fix-xoghol tal-karti, tigri id-dipartimenti bhal tat-taxxa, bolla, kontijiet in generli, koperattiva tal-bdiewa u l-bqija. L-attrici tghid li kellhom dhul ta' hamsa u erbghin elf ewro (€45,000) fis-sena.*

*Bhala martu hija kienet tbaxxi rasha ghal kollox, hija dejjem ghenitu u kienu jiftehmu izda meta mietet ommu fis-sena 1994 u missieru fis-sena 1995 u zewgha wiret huwa beda jkun xhih maghha u kattiv kemm bi kliemu u 'ghemilu. Beda l-glied serju bejniethom u kien jghajjarha li izzewwigha biex jimpika ma' missieru li kienet mejta bil-guh u li ried ikecciha mid-dar biex igib mara ohra. Kien ta' sikwit ikun vjolenti, ihabbatha mal-hajt u jaghitha bil-ponn, bil-minkeb u bis-sieq. Huwa firidha minn mal-familja taghha ghax ma riedhomx aktar id-dar u meta kienet tmur tara lil ommha li kienet anzjana dejjem bil-glied minghandu. Kien anke igib il-kont itemised tat-telefon biex jara hija kienetx cemplet lil familjari taghha. Bhala vendikazzjoni mhux l-ewwel darba li kien ixerred borza taz-zibel fuq il-mejda tal-kcina biex hija jkollha toqghod terga tnaddaf. Kien jghidilha li t-tifel iz-zghir ma kienx tieghu u li ma kienet thallas il-kontijiet. Hija esebit ittra Dok N a fol 20 biex turi dan.*

*Sakemm mietu l-genituri tieghu fuq il-flus ma kienx hemm problema ghax kienu jqeghduhom f'post u kienu jiehdu minnhom skond il-bzonn izda meta miet missieru zewgha xtara safe kbir u ghalaq kollox hemm. Go fih kien izomm il-kuntratti, flus u affarijiet li kien wiret minghand il-genituri tieghu u oggetti ta' valur. Cavetta lilha ma tahiex u ghal hajja kien jaghtiha flus izda flus id-dar ma baqghax ihalli. Huwa mil-banda l-ohra kien jonfoq hafna flus fuq l-ingenji tieghu u bhala delizzju kien jixtri l-ingenji qodma u jirrangahom. Hija kienet tiehu mitejn lira Maltin (LM200) kull xahar, l-kera ta' Bistra House li minnhom thallas kollox inkluz l-ikel, dawl u telephone, medici u kull bzonn iehor.*

*Fis-sena 1998 hija nehhiet l-utru u zewgha kien jghidilha li ma ghadhiex tajba, fis-sena 2000 hargilha kancer u meta marret lura minghand l-professur zewgha qallha biex tiehu l-hwejjeg mil-kamra taghhom u tmur torqod go karma ohra. Huwa ma ghenha xejn matul il-marda anzi kien sahansitra jghid li t-tifel li kellu ghoxrin (20) sena li huwa*

*minn tat-tabib kuranti taghhom. L-affarijiet tant hzienu li fis-sena 2001 kellha titlaa mid-dar u damet barra mid-dar bejn Settembru 2001 u Frar 2002 u pprezentant Dok A u Dok B (fol 12 u 13) biex tipprova dan. Zewgha kien ukoll deher quddiem il-Magistrat Lofaro izda hafritlu ghax kien mar ikellem l-kappillan ta' Burmarrad Fr C Scerri u qallha li r-ragel ried jirranga. Hija regghet marret lura id-dar pero baqa jgib ruhu hazin tant li ta xebgha ponn f'rasi izda hija ma ghamlet la rapport lil pulizija u lanqas certifikat mediku. Fis-6 ta' Awissu hija sajret ghaliha u ghat-tifel u qaltlu li jekk ma jhallix flus ghal hajja hija ma kienetx ser issajjarlu. Huwa tajjar kollox minn fuq l-mejda u fetah t-television u zewg stereos full on u bil-lejl ma hallihiex torqod. Fil-ghodu hija semghetu jghajjat mat-tifel u jghidlu johrog it-trakk mil-garage meta hija kienet fil-kcina tipprepara xi ikel ghat-tifel biex jiehdu x-xoghol.*

*Semghet lir-ragel u t-tifel jghajtu u kif harget fil-gallerija ta' fuq it-triq rat lit-tifel idahhal it-trakk fil-garage teighu u dan kien xi mitt metru il-boghod mid-dar taghhom. Kif it-tifel ghalaq il-garage tieghu u hareg fit-triq jimxi ghal van tax-xoghol hija rat lir-ragel isuq ghal fuqu bi tractor. It-tifel gera ghal gol vann tax-xoghol izda zewgha qabez l-istess van u rriversja ghal fuq it-tifel bit-tractor u kissirlu l-bieba tan-naha tal-isteering. Hija prezentant Dok G a fol 15 spejjez biex irranga l-bieba. Hija rat lil zewgha jaqbad sieq it-tifel u kif kienu qeghdin il-vettura t-tractor tar-ragel kien qieghed jaghlaq lit-tifel u t-tifel ma setax johrog mil-vann. Rat lil zewgha jinzel mit-tractor u jidhol gol-garaxx tieghu u jgib tornavit u virga ta' pied. Meta hija rat dan griet isfel u harget fit-triq fejn lemhet lir-ragel ixejjer l-istess tornavit f'wicc it-tifel. Hija kellha s-sikkina tal-hobz li kienet qed taaghmel l-ikel biha u nigzitu f'saqajh u kellu bzonn punti ghax d-daqqa kienet superficjali. Dan xehdu t-tabib tal-Qorti fejn qal li kienet biss a slight injurgy. It-tifel ha l-okkazjoni u hareg mit-tieqa tan-naha tal-passenger seat. Izda zewgha qabez fil-kaxxa tal-vann tax-xoghol tat-tifel u rega hebb ghalih pero tfixkel go bucket u t-tifel zgicca. Ir-ragel rega nizel warajh u x'hin wasa f'nofs it-triq ra karozza tal-pulizija gejja u nxtehet fl-art u beda jghajjat'ajma ajma' u kull ma kellu kien demm li carcar xi tlett pulzieri ghax id-daqqa diga kienet bdiet taghlaq.*

*Is-surgent saqsieh riedx ambulanza u hija qalet lis-surgent li zewgha kien qed jirrecta ghax ftit ilu kien ghadu kif qabez minn fuq il-kaxxa tal-vann tax-xoghol tat-tifel u kien qed jimxi lejn il-garaxx u kien biss ghax lemah lilhom u ma riedx li jigi fl-inkwiet li ghamel hekk. Is-surgent arresta lilha u lil zewgha u dehru fit-8 ta' Awissu 2008 quddiem il-Magistrat Michael Mallia. Meta giet mistoqsija riedetx tmur lura d-dar hija wiegbet le ghax kienet qed tbaghti mil-pressjoni u ma kienetx tiflah ghall-inkwiet tieghu u ghax mhux l-ewwel darba li meta marret lura d-dar minflok irranga l-affarijiet aktar hrax u bezghet tirritorna d-dar.*

*Hija marret tghix fid-dar li ghandhom l-partijiet u li tinsab Bistra House Triq Burmarrad Burmarrad u zewgha baqa jghix fid-dar matrimonjali. Hija hadet biss l-affarijiet bazici bhala hwejjeg u xejn ta' valur ghax kollox kien fis-safe u dan ghamlitu*

*bl-assistenza tal-pulizija. Hija ammetti l-akkuzi ta' griehi hfief u dan ghar-ragunijiet ta' sahha. Dok W fol 24 juri dan.*

*A fol 569 fl-**affidavit ulterjuri taghha** hija tghid li f'dawn il-proceduri saret taf li zewgha qaleb il-qbiela fuq it-tifel F, u trasferixxi wkoll fuqu l-vetturi u l-ingenji tar-raba li ghandu aktar minn mitt wahda. Huwa lil F trasferielu l-Pajero, t-trakk tal-Fa Toyota Dyna u Isuzu karozza 4x 4 li lkoll iqumu l-flus specjalment il-Pajero li nefaq hafna fuqha. Kull ma zamm zewgha fuqu kienet l-karozza Honda li ghandha tletin sena u kissierha u hija kollha daqqiet. Mart binha F Michelle kienet cemplitilha u qaltilha biex ma tmurx ghandhom aktar ghax F ma riediehx minhabba missieru.*

*Hija tghid li mhux minnu dak li xehed binha F li t-trasferimenti tar-raba saru bil-kondizzjoni li mart F tiehu hsiebu u dan ghaliex hija tara lil-zewgha fil-Inn and Out Snack Bar kull filghodu wara nofsinhar u filghaxija biex jiekol u ilu jaghmel hekk minn meta hija kellha titlaq mid-dar fit-2008. Il-Hadd imur jiekol Panorama Bar ghaliex il-hanut taghhom ikun maghluq. L-ahhar darba li kienet id-dar matrimonjali cioe fl-14 ta' gunju 2011 meta gie ezegwit il-mandat ta' deskrizzjoni hija nnotat li l-post kien abbandunat ghall-ahhar u ghalhekk mhux minnu li mart F Michelle qed tiehu hsieb tnaddaflu d-dar. Hija ta' spiss tghaddi minn hdejn id-dar ta' F biex tmur ghand binha l-iehor u lil zewgha qatt ma taralu l-karozza hemmhekk.*

*Hija tghid li lit-tfal ta' F thobbhom u kull birthday, Milied u ghid timpustalhom card bi flus fiha. F izzewweg fis-sena 1999 u qatt ma kien jersaq id-dar hlief ghall-ikla tal-Milied u ghalhekk ma kienx ikun jaf x'qed jigri d-dar. Hija ma tiftakarx li xi darba kienet kelmet lit-tfal ta' F bil-herra. F fix-xhieda tieghu kien irrabjat sew ghax ppretendi li kellha toqghod ma zewgha minkejja li kienet marida u kien refa jdejh fuqha.*

*Hija tghid li liz-zewg uliedha t-tnejn zammitilhom u F meta kellu 15-il sena kien qabad kumpanija hazina tant li kien inzamm lejl l-ghassa u l-pulizija kelmuha biex tiehu hsiebu u hija kienet zammitlu sew pero ta' 18-il sena missieru xtralu karozza u kienet hi li tinsisti sal-hdax irid jidhol . Liz-zghir D missieru qatt ma xtralu karozza u meta D xtara vann missieru ha l-vat lura minghajr ma roddhom lura lil D. Hija preferenzi ma hadd ma ghamlet miz-zewg uliedha u lit-tnejn kienet izzommilhom l-istess u infatti meta missierhom ghaddielhom xi plots u t-tnejn riedu l-istess wahda hija kienet issugeriet li jitellghuha bix-xorta u l-bicca mixtieqa giet ghand F. Hija spjegat li r-raba li kien ghadda zewgha lil D biex jahdimha kien tah is-Saqwija u kienet ghamlet hafna xita u gie hafna ilma minn Wied Qannotta u minn Wied il-Ghasel u garritlu kollox maghha. Kien nizel ukoll hafna imbarazz li kien fil-wied u dan spicca fir-raba ta' D mentri l-bicca li misset lil F kienet biss affetwata mill-ilma li nizel minn Wied il-ghasel u ghalhekk ma garbitx hsara daqs kemm garbet ta' D. Mhux veru li D kien qatel id-dwieli ghax ma hax hsiebhom.*

***Fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014 (mhix fil-process)*** *l-attrici xehedet li dwar il-Pajero din kienet tghajjat lil zewgha izda llum hija proprjeta tat-tifel il-kbir taghhom u hija tiftakar li r-ragel kien xtraha LM3,000. Hija ma tatx il-kunsens taghha biex din l-vettura tinqaleb minn fuq ir-ragel ghal fuq it-tifel u lanqas biss kienet taf b'dan it-transfer. Zewgha kien dawwar it-trakk fuq it-tifel fis-sena 2002 u lanqas dwar dan ma kienet taf. It-trakk kien tat-tip Toyota. Il-flus ghal Pajero zewgha kien hadha l-Bank of Valletta ta' San Pawl il-Bahar u qallha biex tiffirma biex jingibdu l-flus qabel ma ghalqu u kien lest li jitlef l-imghax kif effettivament gara u ghalhekk dawn il-LM31,000 gew parti mil-bank u parti minn flus li kellhom id-dar. Il-karozza kien xtraha minghand ir-Regina Auto Dealer. Oltre l-flus kien tah ukoll truck Mitsubishi double cab bil-kaxxa u tghid li b'kollox kien tah LM28,000 u dan it-trakk. Hija ma kienetx prezenti meta sar dan in-negozju izda rat id-dokumenti meta gabhom id-dar. Dwar l-vettura Isizu Trooper hija tghid li din l-vettura zewgha xtraha meta hija kienet telqet mid-dar. Hija esebiet Dok CDX1 email li irceviet l-avukat taghha minghand l-Malta insurance Association jinfurmawha li ma setghux naghtuha informazzjoni dwar dawn il-vetturi. Pero hija taf mill-informazzjoni li tawha l-istess insurance li l-vetturi jonqosu bir-rata ta' ghaxra fil-mija (10%) kull sena.*

*Dwar l-ingenji hija tghid li r-ragel ghandu sitt garaxxijiet mimlijin ingenji tal-ghelieqi li huma garaxxijiet kbra li jidhol xi tnax (12) il vettura f'kull garage. Huwa kien iffissat fuq dawn l-ingenji. Kien jixtri ingenji qodma u jirrangahom. Darba minnhom xtara mutur li kien jiswa tletin lira u imbaghad semghetu jiftiehem fuq it-telephone biex jixtri r-roti ghal dan il-mutur li jiswew LM30 l-wahda. X'kien jonqos fuq dawn l-ingenji ma kienx jghidilha u kien inaqas l-prezz tal-oggetti li kien jixtri biex ma jurihiex kemm nefaq. Huwa kien jixtri dawn l-ingenji minn xi barriera jew mill-irziezet.*

*Lil zewgha hija tiddeskrivih bhala mignun fuq dawn l-ingenji u darba minnhom kien xtara ingenji li kienu mirdumin that l-art u dawn kienu jinsabu f'xi barriera wara r-Razzett tal-Hbiberija. Minkejja li zewgha kien jonfoq daqshekk flus fuq l-ingenji jekk imbaghad jigi l-kont tad-dawl u hija titolbu l-flus ghal kont kien jghajjat kemm jiflah. Meta sar il-mandat ta' deskrizzjoni tant kien hemm ingenji li lanqas nizluhom kollha fil-mandat. Hija ma taf lil hadd li jista jivvaluta dawn l-ingenji. L-persuni li jkunu diletU ta' dawn l-ingenji jkunu kollha klikka wahda. hija xtaqet tiehu ritratt ta' dawn l-ingenji izda l-avukat ta' zewgha waqafhom milli jiehdu dawn ir-ritratti. L-marixxal kien cempel lil Dr Bartolo li ma kienx accetta li jittiehdu ritratti ta' dawn l-ingenji. Hija taf li zewgha ghadu jinvesti fihom u jonfoq flusu fuq dawn l-ingenji u dan tafu peress li l-garage qieghed quddiem il-gallerija taghha u minkejja li qieghed ftit boghod hija tkun taf li jkun f'dan il-garage.*

*In kontro-ezami (seduta 20 ta' Marzu 2017) l-attrici xehdet li taht id-dar fejn toqghod Bistra House hemm zewgt ihwienet taghhom u fuqha ma hemm xejn.*

*Bhala dhul ghandha biss l-manteniment tar-ragel fl-ammont ta' €698.81c kull erba gimghat. Hija tircevi imghaxijiet mil-wirt cioe mis-somma ta' sebgha u tletin elf ewro (€37,000) li wirtet mal-bejgh ta' sehemha tal-proprjeta tal-genituri taghha. Hija ddepozitat dan is-sehem mal-Bank of Valletta u tiehu xi tlett mija u erbatax il ewro (€314) fis-sena.*

*Hija tammetti li dawn l-ahhar hames snin siefret il-fjords dan l-ahhar mat-tifel u qabel ma marret imkien. Hija gibdet tlett elef ewro (€3000) mil-bank meta siefret. Hija marret xi darbtejn gurnata Sqallija.*

*Hija tammetti wkoll li zewgha wiret u irceva l-flus mil-wirt ta' missieru. Proprjeta ma tafx li wiret. U tichad li l-art tal-Bistra House xtrawha bi flus li huwa wiret u dan ghax xtrawha fis-snin tmenin ferm qabel ma wiret. Bistra House inbniet fiz-zwieg bi flus li qalghu fiz-zwieg. Il-bennej qabduh huma u r-ragel dejjem qabbad in-nies. Xoghol fid-dar ir-ragel ma jaghmel xejn u l-post fejn jghix ir-ragel irrangah bi flus tal-komunjoni u mhux bi flus tal-wirt. Il-flus tal-wiret xtara Pajero u kienet marret il-Bank of Valletta biex tiffirma ghax gibidhom qabel iz-zmien.*

*Hija tghid li raba bi qbiela tal-familja tieghu hemm biss tlettax-il tomna u l-ohrajn u fiz-zwieg huwa ha l-qbiela minghand nies li riedu jwellu u jaghtihom rigal u l-qbiela tigi fuqu. L-ingenji kien jixtrihom hu u mhux veru li huma tat-tifel F. Il-hanut Inn and Out ilu ma jinkera mil-21 ta' Dicembru 2015 u hija ma tikmandahx biex jikri l-hanut ghax kollox f'idejh qieghed.*

*Il-garage li wiret u li jinsab Triq Burmarrad Burmarrad jikrieh hamsin ewro (€50) kuljum u dan tafu ghax hekk qalulha u huwa mikri lil certu L M li joqghod Ursuline Sisters Street San Giljan u dejjem jahsel il-karozzi kien. Hija taf b'dan ghax rat it-tabella mal-hanut u anke telefon number kellu mat-tabella u ghandha t-telefon number tieghu. Illum maghluq u ilu xi sentejn maghluq.*

*Hija tghid li r-ragel kellu dhul mir-raba ghax kellu d-dwieli u li l-business ilu f'idejn it-tifel mindu hija telqet mid-dar. Hija tara lir-ragel u lit-tifel hemmhekk. Hija tara lir-ragel u lil F u lil martu jahdmu r-raba u dan ma ilux snin li F u martu qed jahdmu r-raba. Meta r-ragel ta lit-tfal plot kull wiehed liz-zghir r-ragel ma tahx flus biex jibni mentri lil F ma tafx jekk tahx.*

*Hja tghid li ftit qabel hija telqet mid-dar zewgha ghamel il-kont quddiemha fil-kcina tal-flus li kellu fis-safe u dawn kienu jammontaw ghal hamsa u hamsin elf lira Maltin (LM55,000). Hija rathom b'ghajnejha xi sena u nofs qabel ma telqet. dawn il-flus kienu mgemmghin bejniethom.*

*A fol 61 fl-affidavit tieghu,* ***Fr C Xerri*** *xehed li huwa kien kapillan fil-Parrocca ta' Burmarrad bejn 1992 u 2003 u lil partijiet jafhom personalment. Huwa jaf li huma*

*ppruvaw jikkoperaw ma xulxin pero kien hemm diversi mumenti fejn l-mara kellha titlaq mid-dar u huwa ghamel hiltu biex hija tirritorna d-dar. Huwa jaf li l-konvenut huwa bniedem ribelluz u kien hemm mumenti fejn kien agressiv. Huwa jaf li kien hemm mumenti fejn l-attrici ma kelliex flus f'idejha u huwa jifhem l-pozizzjoni tal-attrici li issa trid ftit trankwilita f'hajjitha u tgawdi lil uliedha u lin-neputijiet taghha. Huwa jaf li l-attrici kienet tikkopera hafna ma' zewgha fix-xoghol tieghu tar-raba u li dejjem ghamlet hilitha li zzomm id-dar. Bhala familja kienu jahdmu hafna.*

*A fol 62 fl-affidavit tieghu **N H** xehed li huwa hu l-attrici u li matul iz-zwieg ohtu dejjem hadmet hafna fir-raba u huwa u hu ommu kienu jmorru jghidinhom fir-raba. Huwa kienu jahdmu madwar 34 tomna raba saqwi. Xi ghaxar snin ilu huwa ma baqghax jinzel aktar ghakiex l-konvenut ma baghax jghidlu biex jinzel u dan kien meta huwa wiret il genituri tieghu. L-attrici li tigi ohtu inqatghet mil-familja taghhom ghax kienet titla s-sibtijiet u ma baqghetx. Huwa ssopona li kien hemm xi haga hazina izda huwa ma kienx jaf u kienet ommu li qaltlu li ohti u zewgha kienu qed jiggieldu. Xi snin wara li l-attrici inqatghet minn mal-familja taghhom huwa sar jaf li hija kienet ma tiflahx sewwa u li ma kellhiex ghajnuna minghand zewgha. Huwa sar jaf li l-partijiet kienu ser jinfirdu xi sena ilu.*

*A fol 63 fl-affidavit tieghu **D B** li jigi t-tifel tal-partijiet jghid li jiftakar l-glied bejn ommu missieru beda jihrax xi hmistax il sena ilu u dan kien meta missieru wiret il-genituri tieghu. Huwa ma kienx jindahal bejniethom u meta kien jismag hhom jiggieldu jew jitlaq il-barra jew imur f'kamartu. Meta ommu kienet ma tiflahx sewwa missieru kecciha mil-kamra u ma kien ghena xejn u ommu kellha titlaq mid-dar ghal xi xhur ghax missieru kien jghajjaraha pero kienet terga lura u tahfirlu.*

*F'Awissu 2008 huma kellhom glieda kbira. Kienet fil-festa tas-Salvatur ta' Hal Lija meta ommu sajret u lil missieru ma sajritlux. Bil-lejl missieru ma halla lil hadd jorqod ghaliex fetah zewg stereos u t-television full on u qabel ma dahal f'kamartu dahal fil-kamra tieghu u qallu biex inehhi t-trukk minn gol-garaxx tieghu.*

*Fil-ghodu missieru rega qam jghajjat u huwa nizel fil-garage biex inehhilu t-trukk tieghu minn gol -garage tieghu izda t-trukk ma riex jistartja. Huwa ghamlu ftit fuq ic-charger u startja. Meta hareg it-truckk biex idahlu fil-garaqxx tieghu li hu vicin il-garaxx ta' missieru huwa ma setghax jaghmel dan ghax kien mimli bl-ingenji ta' missieru. Huwa sejjah lil missieru biex inehhi t-tractor tieghu mil-garaxx tax-xhud u missieru hareg it-tractor mil-garage tax-xhud u huwa dahhal it-truck tieghu fil-garage proprjeta tal-istess xhud. Kif ghalaq il-garage tieghu u hareg fit-triq biex jidhol fil-vann tax-xoghol tieghu missieru saq quddiem ghal fuqu bit-tractor, huwa gera ghal gol vann tax-xoghol u missieru qabez il-van tax-xoghol u rriversja ghal fuq il-van tax-xoghol li kien fiha hu. Meta rriversja ghal fuqu missieru kissierlu l-bieba tan-naha tal-isteering u qabadlu sieqU. Kif kienu qeghdin il-vetturi taghhom hu kien sakru u huwa ma setghax isuq il-quddiem. Huwa baqa fil-vann u missieru dahal fil-garaxx u gab turnavit u virga*

*ta' pied. Missieru imbaghad dahal fit-tracktor li kien biswit u jsakkar il-van tieghu u beda jxejjer it-turnavit f'wiccu. Dak il-hin ommu li kellha sikkina tal-kcina f'idejha nigzitu f'saqajh. Kif hija ghamlet hekk huwa ha l-okkazjoni u hareg minn got-tieqa tan-naha l-ohra ghax il-bieba ma setghatx tinfetah ghax l-vann kien mal-hajt. Sakemm hareg minn got-tieqa missieru qabez fil-kaxxa tal-vann tax-xoghol u rega hebb ghalih. Missieru imbaghad tfixkel go xi haga u huwa qabez isfel. Wara ftit missieru nizel warajh u x'hin wasal f'nofs it-triq ra karozza tal-pulizija gejja u inxtehet fl-art u beda jghajjat 'ajma ajma'. Is-surgent saqsieh riedx ambulanza u ommu qalet lis-surgent li missieru kien qed jirrexta ghax ftit ilu kien ghadu kif qabez minn fuq il-kaxxa tal-vann tax-xoghol tieghu u kien qed jimxi. Is-surgent arresta lil ommu u lil missieru u kien hemm proceduri l-Qorti dwar dan l-incident. Minn dak iz-zmien ommu telqet mid-dar u marret tghix f'dar ohra li ghandhom bejniethom l-genituri tieghu.*

***In kontro-ezami (seduta 28.5.2018) D B** xehed li ghamel affidavit xi disa snin ilu u ma jifakarx min qallu biex jaghmlu. L-avukat ta' ommu kitbu u huwa qabel mieghu. Huwa jichad li l-glied ta' bejn l-genituri tieghu beda minhabba fih. Huwa darba dahal fis-sakra u missieru kemm dahal huh fis-sakra ma jarahx. Meta inqabad jisraq huh ma ssemmietx. L-inkwiet bejn il-genituri beda qabel l-incident tas-sakra anke disa snin qabel. Fl-incident tas-sikkina huwa ra lil ommu taghih daqqa bis-sikkina u kien hemm proceduri l-qorti kontra ommu. Missieru lilu tah l-art fejn joqghod biss. Missieru kien jiggieled mieghu u jghidlu biex imur ix-xoghol u hu ghax-xoghol kien imur. Huwa jgid li kellu l-eta tieghu u missieru ma kellux ghalfejn jghidlu biex imur ghax-xoghol. Huwa kien jahdmu r-raba izda missieru beda jghir ghalih u qallu jew taghtina l-ktieb tar-raba jew inkeccik. Huwa jghid li kienu jiggieldu ghax missieru ma jahmlux u li jaghmel huh ma jinkwetahx u li seraq hafirlu; li falla meta kien ibiegh l-haxix ma jarahx missieru.*

*Lil missieru ilu ma jkelmu u ma jiftakarax minn meta. Huwa ghandu zewgt itfal u ma jkellimhomx. Kienu go hanut darba minnhom u huwa ma kelkimhomx. Huma ilhom miksurin minn qabel l-incident tas-sikkina u kisruha minhabba l-kwistjoni tar-raba. Meta bena d-dar tieghu missieru ma ghenux u lanqas gablu l-haddiema u mhux veru li hallashom hu. Ix-xhud xehed 'Ingiblek l-karti.'. Huwa jammetti li missieru jixtri ingenji antiki u jirangahom biex jaghmilhom jahdmu, kien jixtri parts u joqghod fil-garage jirranga l-magni.*

***A fol 540 xehed F B iben il-partijiet** li ammetta li f'dawn l-ahhar hames snin missieru trasferielu r-raba kollu li kellu ghajr ir-raba li huwa frank. Dan ir-raba li trasferilu missieru gej min naha tieghu. Spjega li ghad hemm bicca art wahda li ghadu ma trasferihiex. Ir-raba frank jigifieri li ma jhallasx qbeila fuqu u missieru ghaddielu r-raba li jhallas qbiela fuqu u li gejja mil-familja tieghu u li jinsab s-Saqwija, S-Sienja u r-Ramel. Dawn huma tlett bicciet ta' art kbar ta' raba agrikola. L-ghalqa li jisimha s-Sinja tinsab go habel ix-Xini u taghmel man-Naxxar filwaqt li dawk imsejha s-Sienja u r-Ramel jinsabu Burmarrad. Meta sar dan it-trasferiment kienu ghamlu xi karti bejniethom. Lil missieru ma halsu xejn talli ghaddielu r-raba u ghaddihulu bil-*

*kondizzjoni li r-raba jahdmu hu u martu tiehu hsiebu ssajjarlu tahsilli l-art, hwejjeg u taqdih fil-bzonnijiet tad-dar. Dan gara ghax missieru spicca wahda.*

*Fis-sena 1999 jew 2000 missieru kien ta bicca raba lilu u lil huh biex jahdmuha izda huh ma kienx hadimha u missieru kien irrabja u rega hadielu lura. Huwa u martu jahdmu r-raba t-tnejn ghax hija bint bidwi. Huwa jammetti li missieru jitlghalu malajr jiggieled kemm mieghu u anke ma huh pero kemm ilha ommu mhux d-dar mieghu ma ghadux jiggieled. Huwa jammetti li l-qbiela missieru xorta baqa jhallasha hu sakemm ghadda r-raba fuq ismu u dan ghaliex kien ghamel zmien bi prova. Missieru ghaddielu l-muturi relatati mar-raba li jammontaw ghal mija u anke ghaddielu l-karozzi li kellu u l-van. Halla biss ghandu l-karozza l-hamra Honda Accord li baqghet fuq ismu. Kollox sar bla hlas biex martu tiehu hsiebu. Missieru jghix fid-dar li kienet id-dar matrimonjali u gieli jghix fid-dar tieghu u ta' martu. Huwa ma jippretendi li ghadu jghaddilu xejn aktar missieru.*

*Huwa jiftakar x-xenata tat-8 ta' Awissu bejn il-genituri tieghu u li meta mar id-dar fil-garaxx sab lil missieru ferut u lil ommu b'sikkina f'idha.*

*In* ***kontro-ezami*** *huwa kkonferma li missierhom kien ta bicca art lilu u wahda lil huh b'donazzjoni bla hlas biex bdew id-dar taghhom fuqha. Huh ghandu sitt pulzieri aktar u dan gara fis-sena 1994 u 1995 ghax fis-sena 1996 huma bnew. L-ghelieqi li taghhom bi prova kien fis-sena 1999 jew 2000.*

*L-incident tas-sikkina kien bejn wiehed u iehor fis-sena 2008 u skond hu d-dizgwit bejniethom beda meta telaq mid-dar fl-20 ta' Novembru 1999 u li jahseb li kien fuq huh ghax kien qed idum barra u kienu jiggieldu dwar dan u anke dwar l-fatt li mentri huwa kien jahdem r-raba li tah missieru bi prova mentri huha kien qeridha. Huwa jghid li huh jghix mal-partner tieghu fid-dar ta' hdejh li tigi d-dar li huwa bena fuq l-art li tah missieru. Huh ilu xi sena li telaq mid-dar tal-genituri tieghu.*

*In ri-ezami fol 543, huwa xehed li sakemm kellu t-tifel kien imur regolari d-dar tal-genituri tieghu izda darba minnhom ibnu Neil kien qed jilghab bir-rota u ghax darba laqtilha l-pjanti ommu bdiet tghajjat mieghu u tghidlu li hu ahdar bhala missieru. Il-qsari kienu fil-kuridur u dan kien fis-sena 2003 u min dakinhar ma marx aktar jara lil ommu. Huwa jaf id-dizgwit bejn ommu u missieru fuq xiex kien ghax kienu jkunu fuq il-bejt u huwa kien jismaghhom jghajtu u dana mid-dar tieghu li hemm xi mitejn jew tlett mitt pied distanzi bejn id-dar tieghu u dik tal-genituri tieghu. Huwa ma jafx li ommu kienet marida b'cancer u la jaf u lanqas ma jinteressah.*

*A fol 595 l-attrici ddikjarat li ma ghandhiex aktar provi.*

*A fol 636 l-Qorti awtorizzat lill-attrici tipprezenta kuntratti u ircevuti relatati mal-kirja tal-hanut Inn and Out u bejgh ta' mobbli tieghu bejn is-snin 2013 sa 2015.*

***Provi konvenut***

*Fis-seduta tat-30 ta' Settembru 2015 xehed* **Saviour Borg mil-Kummissjoni Elettorali** *li xehed li huwa gie mitlub jixhed dwar fejn kienu registrati l-partijiet f'dawn l-ahhar ghaxar snin u sab li l-mara f'April 2005 kienet registrata Qalb ta' Gesu Triq Manwel Bonnici Burmarrad San Pawl il-Bahar u dan sa April 2009 meta tidher li kienet registrata fuq Bistra House triq Burmarrad Burmarrad San Pawl il-Bahar u baqghet registrata fl-istess post sal-ahhar registru li hareg f'April li ghadda. Fuq ir-ragel huwa sab li huwa baqa jghix dejjem fl-istess indirizz cioe Qalb ta' Gesu Triq Manwel Bonnici Burmarrad San Pawl il-Bahar sb2.*

*In* **subizzjoni l-attrici** *(seduta 9 ta' frar 2016) xehdet li ilhom mizzewgin erbgha u erbghin (44) sena u tfal ghandhom tnejn – wiehed ghandu tnejn u erbghin (42) sena u l-iehor ghandu sebgha u tletin (37) sena. D iz-zghir u F l-kbir. Hija kienet tghinu fir-raba u mara tad-dar u ghamlet sebgha u tletin (37) sena tghinu fir-raba minn dakinhar taz-zwieg sakemm infirdu. Ir-ragel dejjem tafu self employed fir-raba jahdmuh flimkien. Hu jiehu l-prodotti l-pitkalija. Ir-raba jinsab Burmarrad u l-Erba Mwiezen San Pawl il-bahar.*

*Ghal bidu kien hemm it-tfal sakemm kellhom ghoxrin (20) sena jghinu wkoll. Il-kbir anke ta' seba (7) snin kellu meta beda bil-barmil jigbor t-tadam.*

*Hija tghix 63 Bistra Triq Burmarrad Burmarrd u taht id-dar hemm hanut In & Out u fuq il-hanut hemm sala u imbaghad id-dar u l-bejt. Zewgha jghix Qalb ta' Gesu Triq Manwel Bonnici Burmarrad. Ilhom seba snin jghixu fi djar separati.*

*Qabel kienu jghixu Arcvil Triq il-Maghsar Burmarrad wara marru Bistra House u wara marru Qalb ta' Gesu. Bistra House damu ghaxar snin jghixu flimkien, u Qalb ta' Gesu mis-sena 1999 sas-sena 2008. Meta kienet Qalb ta' Gesu beda t-trouble izda anke meta kienu joqghodu Bistra House kellhom problemi fiz-zwieg liema problemi bdew xi 1995 meta telqet mid-dar ghall-ewwel darba u kien minhabba l-flus. Huwa qataghha minn kulhadd minn hutha u ommha u ma setghetx lanqas iccemplilhom. Ir-ragel kien imur Spencer Hill Marsa biex jiccekja hija cemplitx lil ommha u lil hutha. Anke mil-hbieb qataghha. Ikollok toqghod tghid l-attrici u qaghdet sakemm telqet md-dar fis-sena 2008.*

*Hija tghix li zewgha meta jahbi l-flus meta s-soltu kellhom kexxun li kienu jqeghdu l-flus fih u juzawhom minn hemm. Huwa beda jghidilha biex tara x'ser tiekol ghax huwa ghandu l-pensjoni u hija ma ghandhiex. Il-problemi tal-flus bdew meta kienu ghadhom joqghodu Bistra House u fis-sena 1999 biegh d-dar Arcvil sitta u sittin elf lira Maltin (LM66,000) u c-cheque kien Mr and Mrs B. Huma marru l-bank u huwa ried jaghmel l-flus kollha fuqu u ggieldu l-bank. Huwa taha ghoxrin elf lira (LM20,000) minnhom u*

*hija fethet kont u f'tieghu huwa dahhal l-qbija. Minnhom hija tat xi haga lit-tfal u l-bqija baqghu fuq qisimha. Il-fond Arcvil xtrawh fis-sena 1978 u l-flus gew milli qalghu waqt iz-zwieg. Hija tammetti li missieru darba tah flus pero kemm ma tiftakarx izda mhux qabel xtraw Arcvil.*

*L-attrici tghid li zewgha beda jerfa jdejh fuqha u jaghtiha b'minkbu u jhabbatha mal-hajt u mal-cupboard sakemm beda jaghtiha daqqiet ta' harta u anke saq fuqhom. Proceduri l-Qorti ma haditx u fis-sena 2008 meta izzewweg it-tifel il-kbir u z-zghir kien ghadu d-dar gara l-incident tas-sikkina li regghet irrakuntat kif gara.*

*It-tifel iz-zghir zewgha ma jahmlux tghid l-attrici; lil kbir xtralu karozza u tah r-raba u liz-zghir ma tah xejn. Hija kien jiddispjaciha u ma titkellem xejn. Izda meta zewgha jigi bzonn z-zghir izieghel bih biex jaqdih u meta ma jkollux bzonnu jaghtih bis-sieq. Hija tghid li z-zghir jidhol tard is-Sibt filghaxija u darba dahal d-dar fis-sakra. Huma kienu jiggieldu ghax it-tifel ghandu tletin (30) sena u ma ghadux tifel zghir izda r-ragel kien ried jikmanda lil kulhadd. L-art li r-ragel ta lil kull wiehed miz-zewg subien gejja mil-wirt. Iz-zghir jghix ghal rasu fid-dar li bena fuq l-art li tah missieru mal-partner tieghu u ghandu tifla filwaqt lil-kbir F jghix fid-dar tieghu mal-mara u tfal. Bejniethom is-subien ma ghandhomx problemi. Ir-ragel lil D iz-zghir qatt ma kelmu izjed wara l-incident u mal-kbir F bicca wahda.*

***Fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2018 l-attrici** xehdet in kontro-ezami li r-raba mhux minnu gej mil-familjari tar-ragel. Hemm ta' P min-Naxxar. Hija regghet tenniet li kienet tahdem ir-raba, kienu jnehhu l-haxix hazin meta tonqox, iqasmu d-demel bil-pala, ihawlu l-pastard, gidra u kabocci. Hija fir-raba tifhem u ilha tahdem r-raba kemm ilha mizzewga u spjegat li l-brungiel jinzera fi Frar Marzu, t-tadam jinzera f'April, l-bajtar ma tizrghux ghax fis-sigra jkun. L-gheneb jaqtghuh f'Settembru fil-Vitorja ghal Marsovin.*

*Hija tichad li waqfet issajru lir-ragel sa minn qabel l-incident tas-sikkina.*

*Mistoqsija kemm ilha l-kawza ghamlitx xi haga biex tinbiegh jew jinkera l-Inn and out hija wiegbet li ma setghetx ghax cwievet ma ghandhiex. Agenti ma cemplitx ghax cwievet ma ghandhiex u ma tistghax iddahhal in-nies minghajr cwievet. Ir-ragel ried jaghti c-cwievet u jghaddihomlha mal-avukat taghha izda xorta baqa ma ghaddihomlhiex.*

*Hija tghid li lit-tifel F ma ghandhiex ghalfejn tkelmu izda uliedu ma jahtux.*

*Il-hanut ilu zmien for sale u to let u kollox ha hsieb ir-ragel. Il-hanut ilu maghluq xi sentejn u nofs u r-ragel xi xahrejn jew tlett xhur ilu kiteb for sale u to let mal-bieb.*

*L-istimi hija tghid li ghamlilthom minn mohha u wara gabet il-perit u ta stima. Dwar ic-cifra ta' €165,000 benefikati u miljorament fil-beni parafernali hija tghid li din minn mohha ghamlitha. L-istimi tal-vetturi ghamlithom hi ghax kienu kollha godda.*

*Hija tghid li s-somma ta' €100,000 li qalet li ha r-ragel giet ghaliha minn mohha. Hija taf li zewgha wiret u hu kien jghid li ma kienx hemm eluf kbar.*

*In ri ezami l-attrici li plots 122 u 123 tal-Wileg wahda xtrawha minghand missieru u l-ohra xtrawha minghand zitu. Bistra xtrawha fiz-zwieg u Qalb ta' Gesu zewgha keklu l-art qabel iz-zwieg u inbniet fiz-zwieg u l-ispejjez hargu minn flus taz-zwieg.*

*Hija taqbel li kienu bieghu art is-Salina u l-flus marru ghal bini u mhux li nofshom marru fil-kont taghha.*

*Ri ri ezami hija wiegbet li l-brungiel jinzera s-sena kollha u li x-xoghol l-iehor li ma sarx mil-bennej ghamluh hija u t-tifel f'Bistra House u f'Qalb ta' Gesu. L-plot tas-Salina ma ghamlu xejn fiha.*

*Fis-seduta tad-**19 ta' Gunju 2017 xehedet Q B oht il-konvenut** li huma ahwa qeghdin tlieta. Meta mietu l-genituri taghhom R u S, tawhom donazzjoni f'hajjithom fis-sena 1993 ta' proprjeta u wara li mietu wirtuha. L-wirt qasmuh n-nutar T Spiteri ha hsieb id-divizjoni. Il-genituri taghhom kellhom flus il-bank u qasmuhom izda kemm hija ma tiftakarx pero flus kien hemm Malta u barra u kollox ha hsieb Dr Marco Griscti. Ta' Malta kienu l-HSBC, l-Bank of Valletta u ta' barra kienu Lombard u n-National Savings Bank.*

*Hija kkonfermat r-rendikont murija tal-flus li wirtu Dok X . Hija tghid li anke proprjeta wirtu.*
*Fl-istess seduta tad-19 ta' Gunju 2017 xehed **il-konvenut** li kull wiehed mil-ahwa ha LM4455.66c minn ta' Malta u minn ta' barra hadu 16,245.56 lira sterlina kull wiehed. Huwa pprezenta zewg kuntratt ta' donazzjoni ta' art li ta lil kull wiehed miz-zewg subien tieghu u xehed li l-kbir halsu tal-flus li kien selfu u **D z-zghir ghad ghandu jaghti LM9000.** Dawn il-flus sellifhomlhom minn propjeta parafernali li kien biegh.*

*In kontro-ezami, huwa spjega li l-isterlini ghadhom sterlini u ma qalibhomx. Huwa jghid li l-bennej kien jismu V W u meta muri zewg ircevuti ta' hlas lil V W Dok Z u Z1 li juru li ibnu D halsu zewg pagamenti l-konvenut wiegeb li l-kitba hija tal-mara u ma jistghax ikun li thallas fis-sena 2001 meta l-bini beda xi sena wara li tahom il-plot.*

*Meta muri ritratt To Let Dok T1 u T2 huwa spjega li x-showroom fuq ir-restaurant u r-restaurant ilhom mhux mikrija ghal dawn l-ahhar sentejn ghalkemm ghandhom il-permessi relattivi. Huwa xehed li jipprova jirsisti biex jikrih izda kellu nies interessati izda hija thassarlu. Izda issa huwa mhux ser jikrih u ser jaghmlu garage kif kien qabel.*

*Fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2017 xehed* ***F B,*** *iben il-partijiet li missierhom ta bicca art lilu u lil huh biex bdew id-dar taghhom u tali art gejja mil-wirt ta' missieru. Missierhom tahom ukoll LM5000 kull wiehed. Huwa jghid li argumenti bejniethom kien hemm izda mhux argumenti ta' barra minn hawn u wara saghtejn jghaddi kollox.*

*Lil missieru huwa qatt ma rah jerfa jdejh fuq ommu u lanqas lil ommu qatt ma raha terfa jdejh fuq missieru. Vendikazzjonijie minn naha ta' missieru qatt ma ra. Huwa spjega kif gara l-incident tas-sikkina u kif ra lil ommu bis-sikkina f'idejha u lil huh bi-turnavit f'idejh. L-incident huwa ma rahx u ra lil missieru ferut fil-garage.*

*Huwa ma jafx x'inhi l-kawza tal-inkwiet bejn il-genituri tieghu izda jaf li wirt minn missieru hemm ghax minn naha ta' ommu ommu ma ghandha xejn. L-inkwiet kien fuq huh ghax kien idum barra. Huh r-raba qatt ma habbu u missieru kien ta bicca raba lilu u lil huh bhala prova izda gara li zerghu l-gheneb u huh zabarhom hazin u meta qatghu l-gheneb tieghu kellu anqas gheneb u ommu qaltlu biex jaqsmu l-flus tal-gheneb nofs bin-nofs u huwa ma riedx u missieru hadlu r-raba lura. Meta missieru kien jarrah ma jahdimx id-dwieli kien jirrabja u jmur jghid lil ommu izda ommu dejjem zammet mieghu u kien jinqala l-glied bejniethom. Huwa jghid li missieru beda jkun immismat ma' ommu wara li tahom l-art fejn joqghodu u mhux qabel. Huwa jammetti li l-ghelieqi jahdimhom kollha hu u li dawn jinsabu Burmarrad, u li huh ma ghandu xejn u missieru zamm bictejn raba ghalih. Dawn l-ghelieqi gejjin minn wirt ta' missieru u missier missieru kienu bdiewa.*

*F iben il-partijiet ikompli jixhed li missieru dan l-ahhar ma kellux flus izda fuq l-pensjoni qallu li bhalissa dhul ma ghandux u qabel kellu dhul mil-hanut Inn and Out li kien mikri u li lu xi sentejn u anke tlieta maghluq. Il-pensjoni missieru ma sservihx.*

*Il-karozza Pajero xraha missieru u juzaha hu cioe x-xhud u hija licenzjata fuqu cioe fuq ix-xhud. L-vettura ghandha ghoxrin (20) sena u ilu li tahielu xi ghaxar (10) snin. Fil-log book xejn ma ghandha valur. Huwa jghid li missieru tah ukoll van Toyota Dyna li ma jiswa xejn u huwa inxurjat valur zero. Tactor wiehed ghandu li jahdem ir-raba u tahulu missieru u ilu ghandhom mis-sena 1988 u kien juzah missieru u llum juzawh hu.*

*U li missieru jixtri ingenji minn scrapyard li jkunu ghar-rimi balla sadid u jiswew xi ghoxrin (20) ewro u l-bicca kbira nehhihom ghax qabdu maghhom tal-mepa. Id-delizzju tieghu u ta' missieru jirangawhom u jarawhom jahdmu. Qatt ma bieghu xejn minnhom. Dan mhux negozju. Huma kienu jpogguhom is-sienja bicca raba li huwa ta' missieri u llum huwa tieghu. Huma ramewhom ghand tal-hadid meta qabdu maghhom tal-Mepa u kellhom ihalsu huma biex garrewhom ghax kieku wehlu multa.*

*Huwa kellu sebgha u ghoxrin (27) sena meta telaq mid-dar u llum ghandu hamsa u erbghin (45) sena. Missieru jghix wahdu u martu tiehu hsiebu ikel, hasil tal-hwejjeg u*

*tal-art u huwa ma jaghtihom xejn ta' dan. Missieru jmur tajjeb hafna mieghu u mal-familja tieghu. Huh jahdem ma' kuntrattur u mindu gara l-incident tas-sikkina huh ma jkelmux lil missieru. Ir-relazzjoni tieghu ma' ommu hazina hafna u ahjar hekk ghax jistrieh izjed. Lil ommu ma jkellimhiex ghax hu zewgt itfal ghandu u t-tnejn jitrattahom l-istess mhux bhalha li lil huh titrattah ahjar minnu.*

*Huwa jaf li ommu siefret izda kemm-l darba ma jafx; darba missieru mar l-Ingilterra maghhom u ma siefirx aktar. Mir-raba li ghandu missieru ma jbiegh xejn u jigu erba hbieb tieghu u jqassam. Ix-xhud jghid li huwa full time farmer u part time ma' kuntrattur tal-istess kumpanija fejn jahdem huh. Huwa u huh jitkelmu fuq kollox barra fuq ix-xjuh.*

***In kontro-ezami F B** xehed li missieru kien tah l-LM5000 cash u apparti dawn missieru ma tahx aktar flus. Mistoqsi kif missieru sservih l-pensjoni la ma jaghtihom xejn ghal hajja, huwa wiegeb li missieru jghidlu li kollox jaghti lilha u spending money ma jibqghalux. Anke diesel tal-karozza gieli jhallaslu hu.*

*Dwar l-ingenji huwa xehed li meta mar il-marixxal dawn kienu fil-garage u spiccaw fl-ghalqa ghax ma kellhomx fejn ipogguhom. Huwa xtara izjed makkinarju u kellu bzonn l-ispazju.*
*Huwa jghid li ommu kienet iggibilhom t-te u hobz meta missieru kien jahdem ir-raba izda mhux minnu li hija kienet tahdem r-raba ma' missieru.*

*Dwar Bistra House huwa jghid li l-flus biex din inbniet harighom misierhom minn proprjeta li biegh gewwa s-Salina.*

***Fl-affidavit tieghu l-konvenut (seduta 18 ta' Frar 2018)** xehed li z-zwieg tfarrak unikament tort ta' martu u r-ragunijiet huma minhabba vjolenza, eccessi, sevizzi, mohqrija, theddid u offiza gravi da parti taghha fil-konfront tieghu. Huwa jghid li mindu martu ghalqet hamsin (50) sena inbidlet u bdiet issiefer, bdiet ma ssajjarlux meta jmur lura d-dar, ma tahsillux hwejjeg, la tnaddaf u bdiet meta jasal id-dar taqbad l-borma bli jkun ghad fadal u tarmi kollox u huwa jkollu jew imur jixtri bicca hobx jew isajjar xi haga kif jaf hu.*

*Il-konvenut jghid li maru qatt ma hadet u meta l-post fejn qed toqghod issa hi kien mikri hija kienet iddahhal LM300 fix-xahar.*

*Martu gieli kienet aggressiva mieghu u kienet twaddabblu kull ma jkollha sewwa vazuni, tazzi u platti u darba minnhom ghalqitlu subghajh fil-bieb. Hija marret ghalih b'sikkina u dahlitieli gol qasba ta' saqajh u spiccaw il-qorti u s-sentenzi diga jinsabu esebiti. Huwa jichad li kien vjolenti maghha u l-Qorti instab hati biss ta' meta ma tahiex manteniment u ma kellux tort ghax li gara kien li c-cheque ma ssarrafx minhabba*

*sekwestru li hija ghamlet kontra tieghu izda l-Magistat fehem dan u lliberah bla kundizzjoni.*

*Huwa jghid li martu qatt ma kienet tirrispettah u meta fetlilha qabdet u qatghet biljett ghal 21 gurnata u siefret Thailand. Il-flus li kien jaghtiha kienet tonfoqhom biss fi hwejjeg ghaliha u affarijiet ghaliha. Huwa l-familja dejjem habba u avolja t-tifel iz-zghir ma jgibux liz-zewgt itfal tratthom l-istes u tahom bicca art kull wiehed ezatt l-istess u bdew id-dar taghhom. Liz-zghir anke hallaslu l-haddiem biex jibni d-dar tieghu.*

*Darba kellu l-hsara fl-ispieta u nizel biex jirranga l-hsara fil-bomba b'habel ghax kien hemm gholi ta' madwar 15-il pied u vendikazzjoni martu hallitlu l-habel li waqa fl-ispiera u ghamel mid-9am sat-pm sakemm mar missieru u semghu jghajjat.*

*F'sebgha u tletin (37) sena zwieg l-mara qatt ma hadmet u huwa dejjem irrispettaha.*

*Il-konvenut jghid li l-problemi ta' bejniethom bdew ghax iz-zghir D ma riedx jahdem u kien imur d-dar tard bil-lejl u gieli anke fis-sakra u l-ghada lanqas ikun jiflah imur xoghol. Marti minflok ma tappoggjah meta kien jikkoregi lit-tifel bdiet tiggieled mieghu u zzomm mat-tifel. Tant li gara l-incident tas-sikkina u hija imbaghad telqet mid-dar.*

*Il-konvenut jghid li martu kemm-il darba hedditu li se ttellghu tax-xjuh u li hi toqtlu bl-inkwiet u tehodlu kull ma ghandu u timmankah. Huwa jichad li kellu ghat-tifel D u li gara ma D huwa tort tieghu ghax ma gharafx jghix kif suppost. Meta huwa beda jara liz-zghir li ghandu tletin (30) sena u ghadu ma rabbiex ghaqal huwa ma felahx ghalih ghax hu imrobbi jahdem u jistinka u ghax ikkoregih talli kien jidhol tard u l-ghada bilkemm jiflah imur ghax-xoghol, martu minflok tikkoregih kienet tehodha kontra tieghu. Huwa jghid li lil D anke xtralu van biex jaghmillu kuragg u meta tah l-art kien bnielu l-ewwel sular u wara qallu issa kompli inti biex forsi jdahhal fih l-inizjattiva izda hu ma riedx jaf. Il-van li xtralu biex juzah ghax-xoghol hareg bih u nqaleb hu u gej minn Paceville fis-saghtejn ta' filghodu (2am) u meta beda jara dan huwa ma riedux aktar id-dar izda l-mara haditha kontrih. Meta saret il-glieda tas-sikkina D kien qed jidhol lura d-dar mid-divertiment fis-sitta ta' filghodu (6am) u jidhol fis-sakra u jibda jahbat ma kullimkien u sahansitra gieli halli l-bieb ta' barra miftuh.*

*Il-konvenut xehed li s-sepaazzjoni qatt ma riedha ghax l-familja jhobbha u li qalet martu kontrih fl-affidavit taghha mhu veru xejn u jichdu. Huwa jghid li martu ma kellha xejn xi tghid fih ghax huwa dejjem stinka u li gara kien biss minhabba t-tifel u xejn izjed. Illum huwa jghid li alla hares ma jkunx it-tifel F u martu li jiehdu hsiebu ghax kieku ghal martu wahdu sulu qisu annimal spicca u ta' dan vera jiddispjacih. L-ghaxqa tieghu kien li jkun mal-familja u man-neputijiet imma minhabba l-glied fuq it-tifel iz-zghir sfortunatament martu abbandunatu minhabba li ried jikkoregi t-tifel iz-zghir. Huwa pprova jaghtih r-raba lil D izda huwa hallieh zdingat mentri F r-raba li tah ghamel uzu tajjeb minnu u hadmu u llum imexxi kollox hu ghax bil-ghaqal.*

***Fis-seduta tad-19 ta' Frar 2018*** *l-konvenut cahad li l-envelope Dok CC2 li prezentat l-mara fl-istess seduta baghtulha hu u xehed li l-kitba mhix tieghu. Huwa xehed li dak ma kienx fih cheque mhux kif qed tghid il-mara li fih cheque.*

***Fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2018 l-konvenut rega xehed*** *u pprezenta stima tal-proprjetajiet kollha taghhom dok NBX (1) u dok NBX (2) stima tax-xogholijiet li ghamel fit-tieni sular tad-dar tieghu fiz-zwieg u l-flus hargu minn proprjeta li wiret minghand missieru u li kienet tinsab St Mary Bugibba u li kien biegh lil T U. Huwa pprezenta wkoll dok NBX (3) stima tax-xogholijiet fuq plot 7 fejn hemm mibnija l-garaxxijiet u li hallashom mil-flus li hadu mil-bejgh ta' St Mary Bugibba. Huwa pprezenta dok NBX (4) stima tax-xogholijiet fix-showrrom fuq l-garaxxijiet li hallashomm mil-flus li dahhal mil-bejgh ta' St Mary Bugibba.*

*Il-konvenut spjega li Dok NBX 2 u NBX 4 hallashom lil Perit Ludovico Micallef. Il-bennej li ghamillu x-xogholijiet kien V W u pprezenta Dok NBX (5) l-ircevuti li ghamillu l-bennej V W u li kien halsu gieli cash u gieli cheque. Huwa pprezenta Dok NBX 6(a), 6(b) u 6(c) ircevuti tal-bricks li xtara in konnessjoni ma dan il-bini u wkoll thalsu mil-bejgh tal-post St Mary Bugibba. Huwa pprezenta Dok NBX (7) li hallas tax-xibka u harighom mil-flus li dahhal mil-bejgh tal-istess post. Dok NBX (8) ircevuti tal-Ballut blocks u NBX (9) hlas ta' ramel, NBX (1) hlas ta' konkos. Dawn kollha jghid li hallashom mil-flus li dahhal meta biegh St Mary Bugibba.*

*Huwa jichad li martu kienet tahdem l-ghelieqi u kienet tmur biex iggiblu belgha café. Dwar l-ghodda huwa xehed li bicciet minnhom wirithom u bicciet minnhom xtrahom second hand imkisrin u jirrangahom hu. Huwa jixtri l-ingenji antiki imkisrin u kien jixtrihom minn li scrap u hu u t-tifel jirrangawhom bhala hobby. Dawn huma tat-tifel F u jinsabu fil-garaxxijiet u ghelieqi tieghu. Uzu ma ghandhomx.*

***Fl-istess seduta tal-5 ta' Lulju 2018 xehed V W*** *bennej li lil konvenut ilu jafu xi hamsa ghoxrin (25) jew tletin (30) sena. Huwa kkonferma li l-ircevuti Dok NBX 5 huma kollha tieghu. Dok MBX 2, 3 u 4, huwa kkonferma li x-xogholjiet ghamilhom hu u l-konvenut halsu bil-fattura cioe l-materjal igibu hu u huwa jithallas tax-xoghol u kien ihalsu cash.*

*In kontro-ezami mistoqsi jekk xi darba halsux b'xi cheque huwa wiegeb li ma jiftakarx.*

***Fl-affidavit tieghu*** *(seduta 18 ta' Frar 2018****) il-konvenut jghid*** *li mhux veru li huwa hati ta' tghajjir, kattiverji jew vjolenza kif qed tallega martu. Para 7 tal-affidavit atghha huwa kollu kemm hu gideb. Huwa jichad li qatt xerred borza taz-zibel fuq l-mejda u l-provi juru li hi kienet vjolenti mieghu u nstabet anke hatja li taghtu daqqa ta' sikkina. Huwa jichad li kien izomm flus id-dar u xhieda ta' dan huma l-investiment li kellhom u l-fatt li huwa qatt ma halla flus reqdin izda dejjem investihom jew f'investiment jew proprjeta.*

*Il-konvenut jichad li l-problemi f'dan iz-zwieg bdew minhabba l-wirt tieghu u minhabba li huwa kien jonfoq il-flus fl-ingenji. Il-problemi taghhom bdew minhabba D. Lil mara huwa qatt ma naqasha xejn u rega tenna li mhux veru li hi kienet tahdem fir-raba. Huwa zied jghid li martu qatt ma ghamlet rapport lil pulizija fuq swat li qed tallega li beda fis-sena 2004.*

***Htija tal-firda***

*Dwar l-ewwel talba tar-rikorrenti u tal-konvenut rikonvenzjonant, l-perit legali taghmel referenza ghall-**artikolu 40 tal-Kodici Civili** li jistipula:*

*"Kull wahda mill-persuni mizzewgin flimkien tista titlob l-firda minhabba eccessi, mohqrija, theddid jew offizi gravi tal-parti l-ohra kontra l-attur, jew kontra xi wiehed jew iehor mit-tfal tieghu jew minhabba li l-hajja flimkien ma tkunx ghadha possibbli ghax iz-zwieg ikun tkisser irremedjabilment."*

*Permezz tas-sentenza fl-ismijiet **Marthese H pro et noe vs George H** deciza mill-Prim Awla fit-28 ta' Frar 2003 "Il-ligi tqieghed bhala motivi li jiggustifikaw l-azzjoni l-episodji saljenti tal-hajja konjugali u mhux incidenti ta' importanza minuri' (vide wkoll **Catherina Agius vs Bendict Agius Prim Awla, Qorti Civili 13 ta' Gunju 1967).***

*Illi tali episodji 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha furur, ezasberazzjoni u avverzjoni profonda kontra l-konjugili jkun hatitaghhom (Vol. XXXI.P.1.200; Vol XXVI P1 p.246). U l-istess fil- kawza **Elisa Thompson vs Edward Thompson deciza fit-12 ta' Mejju 1925:** "perche il coniuge offeso possa domandare la separazione contro il coniuge colpevole non e' necessario che concorrono gli eccessi, le sevizie, le minaccie e le ingiurie gravi ma qualunque di tale cause da sola basta, perche' sia tale da violare profondamenti i riguardi della convivenza coniugale."*

*"La prova consentita dall'articolo 577 del Codice di Procedura Civili (llum Artikolu 565 tal-Kapitolu 12) e' da accogliersi colla medesima cautela e cirospezione, dipendendo la sua efficacia principalmente dale deduzioni che una sana critica, tenuto conto dell-interesse manifesto del deponente, puo inferire dalla verosigiglianza del racconto, della corraborazione di quella prova e sopra tutto dal confronto della deposizione di ciascuno dei contendenti; ma e' pur vero che in casi simili alla fattispecia i fatti su cui puo raggirarsi la deposizione del coniuge instante per la separazione personal dall'altro coniuge si volgono generalmenti entro il segreto delle pareti domestiche…" **(Giovanna Rosa Farrugia vs Salvatore Farrugia, Prim Awla Qorti Civili 7 ta' Marzu 1919)**.*

<u>L-eccessi u ingurji gravi</u> *jridu jkunu tali li 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezasberazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom* ***(Vol.XXXI .P.I.200; Vol XXVI PI p.246).*** *Dwar l-eccessi l-perit legali thoss li huwa opportun li taghmel referenza ghas-sentenza fl-ismijiet* ***Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud*** *(PA 30 ta' Gunju 1961) fejn inghad li fil-kuntest ta' separazzjoni bejn il-partijiet "certi fatti, kliem u mod ta' azzjoni jew atttegjament li jistghu jrrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji." Gie ritenut ukoll li "L-ingurji gavi ma gewx specifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru generali taghhom gie dejjem imholli fis-sagacja u l-kuxjenza tal-Imhallef sabiex jivvalutahom."; kif ukoll li l-ingurji jridu "joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod l jiggeneraw dulur ezacerbazzjoni u avverzjoni profonda konta l-konjugi li jkun hati taghhom."*

*Li 'indizji u prezunzjonijiet purche dawn ikunu gravi, precizi u konkordanti b'mod li ma jhallu ebda dubju f'min ghandu jiggudika". (****Rita Spiteri vs Av Dr Albert V Grech et noe (PA (CC) kollez. XXXVII.II.693).***

*Dwar* <u>mohqrija</u> *din tirrizulta anke meta jkun hemm incident izolat , u s-sevizzi meta dawn ikunu 'abituali o almeno ripetute da rendere insopportabile la convivenza ' (vol. IX pag.274). fis-sentenza* ***Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud (PA 30 ta' Gunju 1961)*** *fejn inghad li fil-kuntest ta' separazzjoni bejn il-partijiet "certi fatti, kliem u mod ta' azzjoni jew atttegjament li jistghu jrrendu l-hajja komuni insopportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bhala sevizji.." Hekk, per ezempju, "biex ikun hemm mohqrija jehtieg ikun hemm mhux xi att izolat ta' xi daqqa waqt xi tilwima imma l-persistenza f'certa mgieba hazina li turi li l-konjugi ma jistghux ikomplu jghixu flimkien ('****Antonia Mifsud vs Giuseppe Mifsud' Appell Civili, 21 ta' Frar 1969).***

*Dan fl-ebda grad ma huwa tollerat billi kif jinsab ritenut dawn 'joffendu l-persuna li kontra taghha huma diretti b'mod li jiggeneraw fiha dulur, ezaverbazzjoni u avversjoni profonda kontra l-konjugi li jkun hati taghhom* ***(Vol.XXXI .P.I.200; Vol XXVI PI p.246).***

*Illi kull parti taddebita lejn xulxin ukoll t-theddid u l-vjolenza anke fizika. Dwar dawn "Il-lig tikkontenta ruhha bil-persistenza f'certa mgieba hazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima." (vide kawza 8.2011 AL deciza minn din il-Qorti per Imh Lofaro 27 ta' Gunju 2019).*
*Dwar il-vjolenza, din tikkostitwixxi ingurja gravi hafna u ma tistghax tigi gustifikata. Skond sentenza tal-Prim Awla tal-Qorti Civili fil-kawza fl-ismijiet Joanne Tabone pro et noe vs K Tabone: "is-swat.. hi l-aghar forma ta' att ta' krudeltali joffendi lil persuna u spiss drabi jwassal ghat-tifrik taz-zwieg."*

*Il-Qorti allura trid necessarjament tkun gwidata mill-provi prodotti quddiemha u taghtihom dak il-piz li hu normalment mistenni f'sitwazzjonijiet ta' din in-natura. Apprezzament dan oggettiv u fattwali, mizurat mic-cirkostanzi tal-kaz partikolari.*

*Li ghalhekk f'dan il-kuntest l-parti li tallega ghandha wkoll l-obbligu u l-oneru tal-prova u l-prova trid tkun tali li tikkonvinci lill-Qorti moralment li l-allegazzjoni hekk vantat tirrizulta mill-atti tal-kawza (**Lea Tabone pro et noe vs Jesmond Tabone 2/10/2003 per Imh RCP).***

*Il-partijiet izzewgu fit-8 ta' Awissu 1971 u minn dan iz-zwieg kellhom zewg ulied, F u D, it-tnejn maggorenni u ghandhom aktar minn tlieta u ghoxrin (23) sena. Il-partijiet ilhom separati de facto mit-8 ta' Awissu 2008 jigifieri joqghodu f'dar separata.*

*Mill-atti jirrizulta li l-problemi f'dan iz-zwieg kienu ilhom hemm tant li fis-sena 2001 l-attrici telqet mid-dar u damet barra mid-dar sa' Frar 2003 sa meta l-kappillan ta' Burmarrad Fr C Scerri qallha li r-ragel ried jirranga. Dan huwa konfermat mill-affidavit tal-istess Fr C Scerri a (fol 61) li jikkonferma li hija kellha titlaq mid-dar diversi drabi u li l-konvenut kien aggressiv u jhalli l-esponenti minghajr flus. Fr C Xerri xehed huwa kien kapillan fil-Parrocca ta' Burmarrrad bejn 1992 u 2003 u lil partijiet jafhom personalment. Huwa jaf li huma ppruvaw jikkoperaw ma xulxin pero kien hemm diversi mumenti fejn l-mara kellha titlaq mid-dar u huwa ghamel hiltu biex hija tirritorna d-dar. Huwa jaf li l-konvenut huwa bniedem ribelluz u kien hemm mumenti fejn kien agressiv. Huwa jaf li kien hemm mumenti fejn l-attrici ma kelliex flus f'idejha u huwa jifhem l-pozizzjoni tal-attrici li issa trid ftit trankwilita f'hajjitha u tgawdi lil uliedha u lin-neputijiet taghha. Huwa jaf li l-attrici kienet tikkopera hafna ma' zewgha fix-xoghol tieghu tar-raba u li dejjem ghamlet hilitha li zzomm id-dar. Bhala familja kienu jahdmu hafna.*

*Dan jikkontrasta ma' dak li xehed zewgha li martu ma kienetx tghinu jahdem ir-raba u kif ukoll li huwa lil martu qatt ma halliha nieqsa minn xejn.*

*Fr Scerri wkoll wkoll kemm il-konvenut kien agressiv u anke ribelluz. Il-perit legali anke minn dak li xehed hu l-attrici **N H** (fol 62) cioe li meta l-konvenut wiret il-genituri tieghu huwa ma baqghax jghidlu jinzel fl-ghelieqi u ohtu ma baqghet tmur ghand ommha kull nhar ta' Sibt kif dejjem kienet taghmel u kif l-konvenut iffissa li t-tifel iz-zghir ma kienx minn tieghu. Li ohtu kienet hadmet hafna fir-raba u huwa u ommu kienu jmorru jghinuhom fir-raba. Huwa kienu jahdmu madwar erba u tletin (34) tomna raba saqsi. Huwa jghid li meta l-konvenut wiret il-genituri tieghu l-konvenut ma baqghax jghidlu biex imur jghinhom aktar fir-raba. Huwa jghid li qabel ohtu kienet titla s-sibtijiet ghand il-familja taghha izda ma baqghetx u ommu qaltlu li l-partijiet kienu qed jiggieldu. Xi snin wara kien jaf li ohtu kienet ma tiflahx sew u li ma kellhiex ghajnuna minghand zewgha. Dan kollu jikkorrobora dak li xehdet l-attrici meta tghid a fol 58 et li l-problemi fiz-zwieg bdew meta zewgha wiret lil missieru fis-sena 1994 u lil ommu fis-sena 1995 u*

*li minn dakinhar fejn qabel kienu kollox jaqsmu minn but wiehed tant li kellhom safe id-dar fejn kienu jzommu l-flus, meta wiret qallha li hija ma ghandha xejn u li zewgha ma kienx ihalliha tmur ghand niesha.*

*Hija ssemmi l-vendikazzjonijiet u l-vjolenza li rat minghand zewgha – ihabbatha mal-hajt, jaghtiha bil-ponn, bil-minkeb u bis-sieq, ixerreb borza taz-zibel fuq il-mejda tal-kcina biex hija jkollha terga tnaddaf, jghidilha li t-tifel z-zghir ma kienx tieghu. Manteniment kien jghaddilha mitejn lira Maltin (LM200) kull xahar l-kera ta' Bistra House li minnhom kienet thallas kollox minnhom inkluz l-ikel, dawl u telephone medicini u kull bzonn iehor. Dwar dan l-attrici prezentat certifikati medici ghalkemm ma jidhirx li hadet passi u kif ukoll dokumenti li kien baghtilha zewgha jghidilha li t-tifel iz-zghir huwa tat-tabib li kien qed jikkuraha ghal kancer u mhux tieghu.*

*L-attrici esebit ritratti li gew defaced mil-konvenut u li huwa ghadda lill-attrici, rapport tal-10 ta' Awissu 2009 li l-attrici ghamlet fl-ghassa tal-pulizija tal-Mosta minhabba xi ittri ta' insulti u theddid li l-konvenut baghat lill-attrici.*

*L-attrici esebit fol 13 certifikat mediku ta swat li hija tghid li irceviet minghand il-konvenut fid-19 ta' Settembru 2001, fol 14 certifikat mediku iehor dwar theddid u griehi li sofriet mil-konvenut fit-12 ta' Jannar 2001 u li skond l-istess certifikat hija qalet lit-tabib li zewgha heddidha li ser joqtolha u li huwa hebb ghaliha b'sikkina, sentenza Il-Pulizija vs C B tal-21 ta' Frar 2011 fol 16 et sabiex zewgha ihallas arretrati ta' manteniment, fol 21 ritratt Qtil fil-Mosta bil-kitba li tghid li hi ta' zewgha, fol 22 rapport li ghamlet l-attrici fl-ghassa tal-pulizija dwar dan, (jinsabu fol 68 et), fol 24 sentenza kontra l-attrici tal-14 ta' Ottubru 2008 fl-ismijiet il-Pulizija vs A B, li permezz taghha ammettiet l-akkuzi ta' attentat ta' ferita gravi fil-konfront ta' zewgha u ta' ferita hfief fil-konfront tal-istess zewgha (esebit ukoll fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2015).*

*Dwar dak li xehedet l-attrici li huwa kien jghidilha li t-tifel iz-zghir mhux tieghu hija esebit fol 20, fol 65-67 tlett ritratti taghhom bhala kopja u bhala familja li l-attrici tghid li huma bil-kitba ta' zewgha, liema kitba tghid 'traditura bil-brovi?', 'Ad jiddispjcik bil-kbir' u 'qabel kont ferhana issa kif qeghda' u 'indannat wara 36 sena'. Fol 72-74 messaggi li l-konvenut jibghat lil martu jghidilha li tradietu ma' rgiel u mat-tobba, fol 76 case summary tal-attrici mahrug Mater Dei dwar il-kondizzjoni medika taghha meta kellha l-kancer.*

*Fis-seduta 19 ta' Frar 2018 l-attrici esebiet ittra li l-konvenut baghatilha bi flus sirjani go fih u fuqha miktub 'donkey', rapport iehor li l-attrici ghamlet lil pulizija.*

*Hija ssemmi li fis-sena 1998 nehhiet l-utru u zewgha kien jghidilha li ma ghadhiex tajba, fis-sena 2000 meta kienet ghaddejja bil-chemotherapija u r-raggi zewgha ma wera ebda sostenn morali tant li qallha biex tmur torqod go kamra ohra.*

*Anke r-ragel jammetti (affidavit tieghu seduta 18 ta' Frar 2018) li l-problemi f'dan iz-zwieg bdew meta l-mara ghalqet hamsin (50) sena meta inbidlet u bdiet issiefer, ma ssajjarlux u ma tahsillux hwejjeg u la tnaddaf u meta jmur id-dar hija taqbad l-borma bli jkun ghad fadal u tarmi kollox u jkolu jmur jixtri bicca hobz jew isajjar xi haga kif jaf hu. Huwa jghid ukoll fl-istess nifs li l-problemi bdew meta t-tifel z-zghir kellu tletin (30) sena. Huwa jghid ukoll li l-problemi gabithom il-mara ghax ghalija binhom iz-zghir D jigi qabel kollox. Li hija twaqqalu kelmtu meta jzomm dixxiplina fuqu u martu moghmija fuq D biss. Zewgha jghid li hija taghtih r-rih u twaqqa l-kelma tieghu. Huwa jzomlu ghax kien idum barra; hija tghidlu li dak ghandu tletin (30) sena u ma jistghax jindahallu; jispjega kif huwa tah karozza u gabha duhhan; kellu problema ta' xorb u kif ir-raba li tah hallieh zdingat.*

*Illi ghalhekk skond l-attur l-problemi bdew fis-sena 2000 meta l-mara kellha hamsin (50) sena jew fis-sena 2008 meta t-tifel z-zghir F kellu tletin (30) sena u mhux wara. Izda mil-provi jirrizulta li l-problemi bdew ferm qabel is-sena 2000 tant li l-attrici kienet telqet mid-dar f'Settembru 2001 u damet barra sa Frar 2002 meta hafritlu u li skond ix-xhieda ta' Fr Scerri din ma kienetx l-ewwel tilwima bejn il-partijiet.*

*Dwar il-vjolenza, l-mara prezentat certifikati medici antiki li ebda passi dwarhom ma hadet bil-pulizija, pero l-ex kappillan ta' Burmarrad jikkonferma li l-konvenut kien aggressiv lejn martu. Din l-aggessivita da parti tal-konvenut tirrizulta wkoll (seduta 6 ta' Lulju 2015) minn sentenzi esebiti. Jirrizulta minn sentenza moghtija mil-Qorti tal- Appell Kriminali per Imh David Scicluna fl-ismijiet Il-Pulizija v C B deciza fis-16 ta' Marzu 2007 li permezz taghha l-konvenut instab hati ta' hsara volontarja lil fil-vettura ta' F Gauci u kkundannatu tlettax il xahar prigunerija sospiza ghal sentejn.*

*Il-perit legali hija tal-fehma li l-konvenut huwa hati ta' ngurji gavi eccessi u mohqrija fil-konfront ta' martu. Dan ma jfissirx li l-attrici hi nieqsa minn kull htija izda kien l-agir aggressiv tal-konvenut li wassal ghat-tikrik taz-zwieg. (**vide sentenza moghitja minn din l-Qorti Per Imh Lofaro 27 ta' Gunju 2019 rik nru 8/2011 AL**).*

*Veru li kien hemm l-incident ta' Awissu 2008 u huwa minnu wkoll li l-mara ammettiet l-akkuzi izda huwa minnu wkoll li hija agixxiet sabiex issalva lil binha u ghal xejn aktar u ghalhekk ma jistghax jinghad li hija ghamlet dan biex tahqar lil zewgha. Kif ukoll li tali incident gara wara li z-zwieg kien ilu li tfarrak ghal aktar minn ghaxar (10) snin qabel.*

*Il-perit legali hija tal-fehma li l-konvenut huwa hati ta' ngurji gravi, eccessi, mohqrija fil-konfront ta' martu; li hemm lok ghalhekk ghal pronunzja tas-separazzjoni pesonali bejn il-parijiet u li t-tort huwa attribwibbli lil konvenut.*

***ASSI***

*<u>Immobbli appartenenti l-Komunjoni tal-Akkwisti</u>*

*Illi a fol 59 l-attrici xehed li s-segwenti immobbli jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti u anke tat valuri ghalihom:*

*Bhala proprjeta appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti l-partijiet ghandhom is-segwenti:*

***(i) Blokka bini bl-isem Bistra House Burmarrad***

*Mill-kuntratt dok JCX12 anness mal-affidavit tal-attur u fol 78et esebit mill-attrici, jirrizulta li l-art giet akwistata fl-20 ta'Jannar 1988 atti Nutar Tonio Spiteri. Il-konvenut fl-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) jghid li hallas LM3000 b'donazzjoni minghand missieru Angelo B. L-art skond il-kuntratt inxtarat LM2000.*

*Prova ta' din l-allegata donazzjoni hemm biss ix-xhieda tal-attur u giet prezentata ebda dokumentazzjoni fir-rigward u ghalhekk ma giex pruvat li l-konvenut hareg din l-allegata somma ta' tlett elef lira Maltin (LM3000).*

*Fuq din l-art gie mibni l-In and Out Snack Bar, appartament sovrasU u l-arja tieghu.*
*Skond l-istima tal-Perit mahtur mil-Qorti l-**Perit N Cassar** li*

*(i) li **snack bar** ghandu valur fis-sena 2019 ta' €338,600 u fis-sena 2011 valur ta' €212441;*

*(ii) **l-appartament** jew ahjar naisonette ghandu valur fis-sena 2019 ta' €265,000 u fis-sena 2011 valur ta' €166264;*

*(iii) **l-arja sovrasU** ghandha valur fis-sena 2019 ta' €160,000.*

*<u>Ghalhekk din il-blokka ghandha valur komplessiv ta' €763,600</u>*

***(ii) Zewg plots fabrikabbli numru 122 u 123, formanti parti mill-artijiet imsejha "Il-Hofra tas-Salina, l-Gherp tas-M u Ta Luqa** fil-kontrada tas-Salina limiti tan-Naxxar*

*Tali plots gew akwistati permezz ta' kuntratt 25 ta' Jannar 1984 atti Nutar C Spiteri (Dok JCX11 anness mall-affidavit tal-konvenut u fol 93 et esebit mill-attrici).*

*<u>Skond l-istima tal-Perit N Cassar dawn ghandhom valur ta' €114,000 fis-sena 2019 u valur ta' €71525 fis-sena 2011;</u>*

***(iii) Erba bicciet raba maghrufa bhala 'tal-wileg' limiti ta' San Pawl il-Bahar***

*Il-konvenut jghid ukoll (seduta 19 ta' Frar 2018) li l-bictejn art Fati bl-ahdar li tinsab Tal Wileg hija tal-komunjoni filwaqt li dik Fata bl-ahmar huwa jghid li giet ghandu b'wirt (Dok CC7), u li l-parti li huwa xtara permezz ta' kuntratt tas-16 ta' Jannar 1981 atti Nutar Tonio Spiteri jahdimha ibnu F.*

*Izda l-kuntratti jghidu mod iehor cioe li r-raba kollu inxtara fiz-zwieg:*

*Kuntratt tas-16 ta' Novembru 1981 atti Nutar Tonio Spiteri li permezz tieghu l-konvenut akwsita zewg porzjoni mir-raba imsejjah tal-wileg, tal-kejl ta' 2201.mk u porzjoni diviza ohra minn l-istess rabat al-kejl ta' 718 mk;*

*Kuntatt tas-27 ta' Frar 1993 atti Nutar Dottor C Spiteri li permezz tieghu l-konvenut akkwista bictejn raba maghrufa bhala tal-Wileg wahda tal-kejl ta' 2202.62mk u ohra ta' 719.32 m. (anness ma' Dok JCX 16 affidavit attur u fol 86 et esebiti mill-attrici).*

*Il-perit Cassar vvaluta dan ir-raba €204,000 fis-sena 2019 u valur ta' €95,354 fis-sena 2011.*

*L-attrici fl-affidavit taghha a fol 8et tixtieq li d-dar Bistra House Triq Burmarrad Burmarrad tigi assenjata lilha u jew nofs il-pensjoni jew nofs il-kera tal-hanut li jinsab taht din id-dar liema dar l-Perit Cassar jirreferi ghaliha fir-rapport tieghu bhala appartament.*

*Il-perit legali hija tal-fehma li lil* ***-mara*** *tigi assenjati s-segwenti proprjeta:*

*Appartament Bistra €265,000*

*Arja fuq l-appartament €160,000*

*Plot tal-Wileg €70,000**

*Bictejn raba tal-Wileg €102,000**

*Total: €547,000*

*Lir-ragel jigu assenjati s-segwenti:*

*L-isnack bar €338,600*

*Plot tal-wileg €70,000**

*Bictejn raba tal-wileg   €102,000**

*Total: 510,600 u ghalhekk ir-ragel ghandu kreditu ta' €36,400 minghand il-mara.*

**dawn fl-umli fehma tal-perit legali ghandhom jitilghu bil-polza.*

***Immobbli parafernali tal-konvenut***

***(i) Bicca art Saint Mary Street Bugibba***

*Mil-kuntratt divizjoni tad-19 ta' Gunju 1994 atti Nutar T Spiteri (Dok JCX14 anness mal-affidavit tal-konvenut seduta 19 ta' Frar 2018 jirrizulta li din l-art ta' circa 380 metri kwadri giet ghandu b'donazzjoni minghand il-genituri tieghu.*

*Minn Dok JCX13 kuntratt 7 ta' Jannar 1995 atti Nutar Pierre Falzon jirrizulta li din l-art il-konvenut bieghha kollha ghal prezz ta' LM30,000 cioe €69,900 huma parafernali tieghu.*

*Tali somma ta' €69,000 hija parafernali tieghu*

***(ii) S Garage Burmarrad road Burmarrad***

*Minn Dok JCX 14 ukoll jirrizulta li dan il-garage il-konvenut gie ghandu minghand il-genituri tieghu permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni tad-19 ta' Gunju 1994 atti Nutar T Spiteri (anness mal-affidavit tal-konvenut). Ma jirrizulta li dan il-garage inbiegh u huwa proprjeta parafernali tal-konvenut.*

***(iii) Benefikati li saru fid-dar matrimonjali li jinsab Qalb ta' Gesu, Triq Manwel Bonnici Burmarrad, inkluz showroom u tlett garaxxijiet ta' maghha***

*Tali fond huwa mibni fuq plot numru 7 San Pawl Milqi u tahtu hemm fond kummercjali li skond d-deskrizzjoni li ta l-perit inkarigat mill-attrici l-Perit C K (Dok CC4 seduta 18 ta' Frar 2018): the property accommodates a duplex commercial outlet with and overlying solitary maisonette.*

*A fol 60 fin-nota guramentata taghha l-attrici tghid li l-bini u ameljoramenti fuq l-beni perafernali ta' zewgha jammontaw ghal €165,000*

*Fol 97 – kuntratt ta' ….. (data mhux eligibbli) ta' Gunju 1994 atti Nutar T Spiteri li permezz tieghu l-konvenut irceva b'donazzjoni minghand il-genituri tieghu bicca art li tinsab St Mary Street Bugibba.*

*Il-mara tammetti li d-dar matrimonjali hija parafernali tar-ragel izda l-miljoramenti saru waqt iz-zwieg mil-flus tal-komunjoni u mhux mil-flus tal-wirt tar-ragel. (mara seduta 20.3.2017).*

***Fl-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2019) il-konvenut** jghid li l-miljorament li saru f'dan il-fond saru bil-hidma tieghu stess u meta hallas lil haddiema huwa uza l-flus parafernali tieghu li kien wiret jew li kellu gejjin minn bejgh ta' wirt u ghalhekk lil martu maghandu jaghtiha xejn. Huwa jghid li kellu post iehor Arcville Triq il-Maghsar Burmarrad li xtrah fiz-zwieg pero bi flus parafernaali tieghu. Meta biegh l-post Arcville LM65,000 avolja kellu kreditu sostanzjali fuq dan il-post huwa ghadda lil martu LM32,500 u bis- sehem tieghu xtara l-vettura Pajero u xi magni tar-raba u martu sehemha tefghatu l-bank. Huwa jghid li l-art tahielu missieru b'donazzjoni u fuqha beda d-dar Qalb ta' Gesu, showroom u 3 garaxxijiet fiz-zwieg.*

*Huwa jghid li mil-flus li dahhal mil-bejgh ta' Arcville u l-garage S huwa bena Bistra, Plot 7 cioe Qalb ta' Gesu u raba tal-wileg u l-plots tas-Salina. Il-konvenut fl-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) jghid li l-benefikati li saru f'dan il-fond saru bil-hidma tieghu u l-flus li nefaq kienu flus parafernali tieghu u ghalhekk ma ghandu jghaddilha xejn. Fl-istess nifs jghid ukoll li dawn saru mil-flus li dahhal mil-bejgh ta' Arcville u l-garage S huwa bena Bistra***, Plot 7** *cioe Qalb ta' Gesu u raba tal-wileg u l-plots tas-Salina.*

*Jigi rilevat izda li l-***fond Arcville** *kien tal-komunjoni tal-komunjoni tal-akkwisti u dan jirrizulta minn kuntratt esebit mil-konvenut stess Dok JCX 10 (seduta 19 ta' Frar 2018) li huwa kuntratt tas-27 ta' Jannar 1978 atti Nutar Anthony Gatt ferm wara d-data taz-zwieg tal-partijiet.*

*Tali fond inbiegh u dan kif jirrizulta mil-kuntratt Fat Dok JCX10, kuntratt tal-20 ta' Ottubru 1990 atti Nutar Remigio Zammit Pace (seduta 19 ta' Frar 2018) jirrizulta li z-zewg partijiet dehru ghal kuntratt u bieghuh ghal-prezz ta' LM52,000.*

*Jirrizulta pero li Plot 7 u Plot 12 gew ghand il-konvenut permezz ta' kuntratt ta' donazzjoni minghand il-genituri tieghu tad-19 ta' Gunju 1994 atti Nutar T Spiteri (Dok JCX 14 seduta 19 ta' Frar 2018) u ghalhekk huma parafernali tieghu.*

*Id-dar hija mibnija fuq plot 7 u Plot 12 il-konvenut qasamha f'zewg plots ta' qies ugwali u ghadda plot kull wiehed b'donazzjoni liz-zewg ulied il-partijet permezz ta' kuntratt tat-18 ta' Mejju 1995 atti Nutar Dr T Spiteri (seduta 19 ta' Gunju 2017).*

*Fir-rapport tieghu l-Perit N Cassar kkonstata li hemm tlett garaxijiet mibnija u huwa kellu access ghal tnejn minnhom biss u li tali garaxxijiet jinsabu sottosU ghal fond Qalb ta' Gesu li huwa terran. Il-konvenut fl-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018 xehed*

*li l-garage Jasmine huwa tat-tifel F u li gie ghandu b'donazzjoni u jifforma parti bhala Plot 12.*

*Il-Perit Cassar ma ddikjarax li t-tielet garage ma jinsabx mibni fuq plot 7 anzi kkonstatat li hemm tlett garaxxijiet mibnija u li ghalhekk ma jistghax jitwemmen il-konvenut meta xehed li t-tielet garage huwa mibni fuq plot 12.*

*Fuq plot 7 inbniet din id-dar flimkien mal-garaxxijiet li l-Perit tal-Qorti l- Perit N Cassar ghamel stima ta' dawn il-benefikati li fis-sena 2011 kienu jiswew €167,000 u fis-sena 2019 kienu jiswew €201,400.*

*Il-perit legali ma tistghax tifhem kif l-istima tal-ispejjez saru fis-snin 2011 u 2019 meta huwa kkonstata fir-rapport tieghu li sar fis-sena 2020 (fol 3) li l- proprjeta ghandha madwar hamsa u ghoxrin sena cioe li inbniet circa 1995 u meta l-pretensjoni tal-konvenut (seduta 5 ta' Lulju 2018) li huwa ghandu jithallas tax-xogholijiet li ghamel fit-tieni sular tal-fond liema xogholijiet saru fiz-zwieg u skond hu bi flus tal-bejgh tal-art St Mary Street Bugibba.*

*Fix-xhieda tieghu (seduta 5 ta' Lulju 2018) il-konvenut xehed li l-flus biex bena t-tieni sular hargu minn proprjeta St Mary Bugibba li wiret minghand missieru u li bieghha lil T U (dan jirrizulta mil-kuntratt tas-7 ta' Jannar 1995 atti Nutar Pierre Falzon u l-art inbieghet ghal prezz ta' LM30,000 seduta 19 ta' Frar 2018 Dok JXC 14); li l-ispejjez biex bena l-garaxxijiet hallashom hu mil-flus tal-bejgh ta' St Mary Bugibba u anke l-ispejjez tax-showroom li inbniet fuq il-garaxxijiet halashom minn dan il-bejgh. Huwa pprezenta diversi ircevuti dwar il-hlasijiet li ghamel.*

*Fil-fatt kif diga gie konstat jirrizulta li mil-bejgh huwa ha s-somma ta' LM30,000 cioe €69,900 huma parafernali tar-ragel.*

*Illi l-ircevuti esebiti mil-konvenuta f'din is-seduta juru li huma ircevuti relatati ma' zvilupp tal-fond u li saru fis-sena 1997 u li ghalhekk il-perit legali ma tistghax tifhem ghaliex l-valur mehud mil-Perit tal-Qorti huwa dak tas-sena 2011 u tas-sena 2019 u ghaliex fuq iz-zewg plots stante li plot 12 giet assenjata lit-tfal tal-partijiet.*

*Il-Perit Cassar ikkonstata l-valur tal-benefikati li saru fiz-zewg plots bhala €201,400 fis-sena 2019 u €167,000 fis-sena 2011 u dan meta l-fond kien diga lest fis-sena 2019.*

*Illi l-konvenut fis-seduta tal-5 ta' Lulju 2018 pprezenta dokumenti li juru li huwa nefaq is-segwenti biex bena tali blokka:*

*LM16,908.66 cioe €39,399.50c pagamenti lil Perit Ludovico Micallef (dok NBX2, sa NBX4)*

*LM9623 cioe €22,421.59c pagamenti li saru lill-bennej V W li kkonferma bil-gurament (seduta 5 ta' Lulju 2018) li l-ircevuti mahruga minnu f'dok NBX5 huma kollha firmati minnu u li x-xogholijiet imsemmija minn dok NBX2 sa NBX 4 ghamilhom hu.*

*LM6935.90 cioe €16190.64c spejjez ta' materjal li ghamel il-konvenut liema spejjez huma skond l-ircevuti esebiti minnu Dok Dok NBX6 sa NBX 10. Il-perit legali hadet konjizzjoni biss ta' dawk l-ircevuti li kellhom id-data fuqhom.*

*Total ta' spejjez li l-konvenut jirrizulta li hareg huwa ta'LM33,467.56 cioe €77,979.41c*

*Issa jonqos li jigi stabilit jekk dawn il-flus huwa harighomx mil-flus appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti jew jekk sarux mil-bejgh tal-art f'St Mary Street Bugibba li taghha dahhal LM30,000 cioe €69,000.*

*Il-perit legali tenut kont li s-somma ta' LM30,000 hija parafernali tieghu u mid-dokumenti esebiti ma jirrizultax li din is-somma dahlet f'kont bankarju, hija tal-fehma li l-konvenut ghandu ragun meta jghid li din l-proprjeta inbniet bi flus parafernali tieghu izda kwantu ghas-somma ta' LM30,000 biss (kuntratt Dok JCX13 tas-7 ta' Jannar 1995 seduta 19 ta' frar 2018).*

*Il-perit legali hija tal-fehma li l-istima li ghamel il-Perit Cassar ma tirriflettix z-zmien ta' meta nbniet din il-proprjeta u hija stima ta' minn tal-anqas ghaxar snin wara li tlestiet il-proprjeta u ghalhekk ma hix stima ta' min jorbot fuqha.*

<u>*Ghaldaqstant lil mara l-konvenut ghadu jghaddilha nofs id-differenza cioe €4489.7c*</u>

***(i) Plot 12 Ta San Pawl Milqi Burnarrad***

*Din il-Plot 12 giet ghand il-konvenut b'donazzjoni minghand il-genituri tieghu permezz ta' kuntratt tad-19 ta' Gunju 1994 atti Nutar T Spiteri (esebit Dok JCX14 seduta 19 ta' Frar 2018).*

*Jirrizulta li din il-plot l-konvenut qasamha f'zewg plots u ghadda plot kull wiehed lil kull wiehed miz-zewg uliedu permezz ta' zewg kuntratt li saru fl-istess gurnata tat-18 ta' Mejju 1995 atti Nutar T Spiteri (seduta 19 ta' Gunju 2017).*

*Fl-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) il-konvenut xehed li l-garage Jasmine huwa tat-tifel F u kien gie ghandu b'donazzjoni minghand missieru bhala Plot 12.*

*L-attrici tghid li t-tifel F ghad baqghalu jghaddilha xi flus mill- assenjazzjoni ta' wahda minn dawn il-plots lilu izda l-perit tirrilefa li jekk hemm ammont dovut tali ammont huwa dovut lil zewgha stante li l-art hija parafernali ta' zewgha u t-tieni*

*ank jekk ikun il-kaz, l-attrici ma tistghax tippretendi li binha jigi jhallasha f'dawn il-proceduri izda kellha tibda proceduri ad hoc.*

*Il-partijiet dwar din il-plot ghalhekk ma ghandhom ebda flus dovuti lejn xulxin.*

***Flus il-Bank***

*Minn fol 124 jirrizulta li l-Banif Bank l-attrici ma kellha xejn f'isimha; li z-zewg partijiet konguntivament ma kellhom xejn l-Mediterranean Bank, u mal-APS Bank. Fis-seduta tad-19 ta' Mejju 205 irrizulta li l-partijiet ma kellhom xejn mal-APS Bank u Lombard Bank.*

***(i) Flus il-bank f'isem l-attrici***

*A fol 129* ***Audrey Ghigo in rapprezentanza tal-HSBC (Malta)*** *plc pprezentat it-tlett kontijiet mal-HSBC (Malta) plc f'isem l-attrici:*

*(i) fol 167 Dok HSBC 7 kont numru 67245283 li infetah fil-21 ta' Otturbu 1999 bLM11,500 u li inghalaq fit-23 ta' Ottubru 2009 meta l-bilanc ta' €27,653.51 gie trasferit fil-kont 064030703050.*

*(ii) dok HSBC 8 fol 178 kont numru 064030703050 li infetah fis-26 ta' Ottubru 2005 b'zero balance izda li fit-23 ta' Ottubru 2009 gew trasferiti fih mil-kont 064030703100 is-somma ta' €27,653.51 u li gew dakinhar stess migbuda u trasferiti fil-kont 061241550050. Fit-18 ta' Frar 2011 sar withdrawal ta' €1383.24c u fid-19 ta' Frar 2011 l-kont ghandu zero balance.*

*(iii) dok HSBC 9 fol 186 kont numru 644081710 li fil-5 ta' Dicembru 1998 meta infetah kellu LM1000 u fis-26 ta' Jannar 1999 gew zbankati LM1004.20c cioe l-flus kollha li kien hemm u l-kont ghandu zero balance.*

*A fol 332 rega* ***xehed Romuald K in rapprezentanza ta' Bank of Valletta*** *u pprezenta zewg dokumenti dok Bov A1 u BovA2 li huma z-zewg kontijiet li sab f'isem l-attrici. Huwa spjega li kien hemm sekwestru tat-30 ta' Ottubru 2009 bin-numru 248/09 u kontro-mandat li sar fil-21 ta' Lulju 2012 numru 165/10.*

*Dok BOV A2 fol 342 kont numru 10213731017 li infetah fit-30 ta' Dicembru 1999 LM4,157.63c u sas-17 ta' Jannar 2013 baqghalu ilanc ta' €522.57c. Jidher li dan il-kont kien jintuza ghal hajja.*

*BOV A1 fol 363 kont 40012933510 li fl-24 ta' Ottubru 2003 kellu LM2500 u f is-27 ta' Ottubru 2003 gew zbankati €20,293.73c.*

*Mediterranean Bank – fis-seduta tal-11 ta' April 2016* ***xhieda ta' Paula Mifsud*** *in rapprezentanza tal-Mediterranean Bank jirrizulta li l-mara ghandha kont fixed ta' €10,000 Dok MB2 u kont savings li l-imgHaxijiet jithalsu fih u tiehu €300 fis-sena Dok MB1. Sas-17 ta' Settembru 2015 dan il-kont kellu bilanc ta' €4.86c.*

*Shares mal-Bank of Valletta plc – seduta 19 ta' Mejju 2015 Amanda Mizzi in rapprezentanza tal-Malta Stock Echange xehdet li l-mara ghandha 6238 shares mal-Bank of Valletta.*

*Fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2015 Audrey Ghigo xehdet li l-mara kellha bonds tal-gvern li naghlaq fit-23 ta' Frar 2000 u hadet €11854.49c Dok HSBC (1).*

*Fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2015 Caruana rega xehed li sab kont wiehed (tlett kontijiet irrizultalha lil perit legali) fuq l-mara:*

*BOv i Kont numru 40012933510 li minnu jirrizulta li infetah fl-24 ta' Ottubru 2003 LM2500 u fis-27 ta' Ottubru 2009 gew zbankati €20,293.73c.*

*Bov ii kont numru 40021684313 li fit-13 ta' Gunju 2013 kellu bilanc ta' €17,146 u fl-24 ta' Dicembru 2014 baqa bilanc ta' €6,659.87 minnu jirrizulta li fit-13 ta' Gunju 2013 u fid-29 ta' Gunju 2013 l-mara haget €10,002.91 BP issue 966699 u €1539.91 BP issue 1539.91.c*

*Bov iii kont numru 10213731017 li fit-30 ta' Dicembru 1999 infetah b'LM4157.62 u li fid-9 ta' April 2015 kellu bilanc ta' €914.25c. jidher li kien jintuza ghal hajja.*

*Fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2015 ir-rapprezentant tal-Bank of Valletta C Caruana xehed li sab polza mal-MSV Life fejn il-persuna assikurata hija l-attrici izda l-polza kienet fuq Pierre Caruana ta' 63 Bistra House triq Burmarrad San Pawl il-Bahar. Dok Bov (vi) li minnu jirrizulta li sal-31 ta' Dicembru 2013 l-polza kellha valur ta' €19,952.41c. Huwa xehed ukoll li l-polza ghadha attiva.*

*Konsiderazzjonijiet*

*Il-mara ghandha zzomm is-somma ta'<u>€38,310.54c parafernali taghha</u> u dan kif spjegat fid-dettal aktar il quddiem f'din ir-relazzjoni.*

*Dok HBC 7 fol 167 maghluq u l-bilanc €27,654.51 gew trasferiti a fol 178 kont 064030703050 fis-26 ta' Ottubru 2005 li dakinhar stes gew trasferiti fil-kont 061241550050. Fit-18 ta' Frar 2011 sar withdrawal ta' €1383.24 u fid-19 ta' Fra 2011 l-kont ghandu zero balance.*

*Ghalhekk il-mara ghandha zzomm is-somma ta' €27,654.51c.*

*Mil-kont BOV a fol 362 kont 40012933510 hija ghandha zzomm is-somma ta' €10,656.03 bhala bilanc parafernali taghhom mis-somma ta' €20,293.73c u tghaddi lil zewgha nofs il-bilanc cioe €4803.85c. (seduta 19 ta' Mejju 2015).*

*Mil-kont BOV 400221684313 hija ghandha lil zewgha nofs €17,146 cioe €8573.*

*Mil-kont Bov 10213731017 l-mara ma ghandha tghaddi xejn lil zewgha stante li dan jirrizulta li kien jintuza ghal hajja. (seduta 19 ta' Mejju 2015).*

*Mil-kont fil-Mediterrean Bank hija ghandha tghaddi lil zewgha nofs l-€10,000 cioe €5000 (seduta 11 ta' April 2016) u nofs l-imghaxijiet minn meta infetah il-kont sal-lum.*

*Ix-shares li l-mara ghandha tal-Bank of Valletta (seduta 19 ta' Mejju 2015) 6238 b'kollox, ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.*

*Il-mara tghaddi nofs ir-rikavat tal-bonds tal-Gvern li hadet fit-23 ta' Frar 2000 fis-somma ta' €11854.49c cioe €5927.24c. (seduta 19 ta' Mejju 2015).*

*Il-polza li l-mara ghandha fuq MSV life u li hija fuq certu Pierre Caruana izda hija l-attrici l-persuna ssikurata ghandha tinzamm mil-mara u hija tghaddi nofs il-pagamenti li saru minn meta bdiet sal-lum.*

***(ii) Kontijiet f'isem il-konvenut***

*A fol 127 xehed **Romuald K in rapprezentanza ta' Bank of Valletta**, li pprezenta hdax-il kont f'isem l-konvenut. BOV 1 sa BOV 11 u spjega li:*

*Bov 1 kont numru 152-086603-9 infetah fil-5 ta' Dicembru 1998 u ghadu attiv; Bov 2 infetah fit-28 ta' Settembru 2001 u inghalaq 30 ta' Gunju 2003; Bov 3 infetah fis-7 ta' Dicembru 2001 u ghadu attiv; Bov 4 infetah fit-22 ta' Jannar 2003 u inghalaq fit-22 ta' Lulju 2003, Bov 5 infetah fit-13 ta' Gunju 2003 u inghalaq fit-22 ta' Lulju 2003; Bov 6 infetah fil-21 ta' Frar 2004 u inghalaq fis-26 ta' Settembru 2006; bov 7 infetah fis-6 ta' Lulju 2004 u inghalaq fis-7 ta' Jannar 2009; Bov 8 infetah fid-9 ta' Awissu 2004 u inghalaq fl-10 ta' Novembru 2008; Bov 9 infetahf is-26 ta' Settembru 2006 u ghadu attiv; Bov 10 infetah fl-20 ta' Ottubru 2006 u ghadu attiv; Bov 11 infetah fit-22 ta' Awissu 2007 u inghalaq fit-22 ta' Novembru 2008.*

*Minn dawk il-kontijiet jirizulta lil perit legali dan li gej:*

*BOV1 fol 188 kont numru 152-0086603-9 infetah fit-30 ta' Dicembru 1999 u l-ammont depozita kien ta' LM11,868.85 u sas-7 ta' Jannar 2008 kellu LM9,470.02 cioe €22,059.21 u sal-14 ta' Novembru 2011 kellu bilanc ta' €1193.42 (fol 207).*

*Fit-2 ta' Novembru 2009 fol 203 jirrizulta li €12,853.62 gew maqbuda b'sekwestru u li kull xahar mil-31 ta' Ottubru 200 kien isir transfer fil-kont 40011124566 ta diversi ammonti, (BOV 3 fol 216).*

*BOV2 fol 208 kont numru 400010908327, infetah fis-27 ta' Dicembru 2001 LM50000 u s-somma ta' LM5000.82c giet zbankata fit-30 ta' Gunju 2003.*

*BOV 3 fol 216 kont numru 40011124566 li minnu jirrizulta li s-somma trasferita kull xahar mil-kont BOV1 kienet tigi depozitata f'dan il-kont u tigi zbankata mill-konvenut. Dan il-kont infetah fit-28 ta' Dicembru 2001 depozit ta' €260 u sal-1 ta' Novembru 2011 kien hemm bilanc ta' €51.08c. (fol 243).*

*Bov 4 fol 244 kont numru 40012267875 infetah fit-22 ta' Jannar 2003 LM5147.50c u fit-22 ta' Lulju 2003 sar zbank ta' LM5225.96 bilanc zero fol 247.*

*BOV 6 (BOV 5 huwa kont kongunt), fol 249 kont 40013227212 li infetah fil-21 ta' Frar 2004 LM6000 u fis-26 ta' Settembru 2006 gew zbankati LM10,000.*

*BOV 7 fol 261 kont 40013555874 infetah fis-6 ta' Lulju 2004 LM5000 u fis-7 ta' Jannar 2009 gew zbankati €23,293.73c.*

*BOV 8 kont 400136644484 infetah fid-9 ta' Awissu 2004 LM2500 fl-14 ta' Awissu 2008 kelu bilanc ta' €5823.43c. (fol 288)*

*BOV 9 fol 289 kont 40015482181 fit-30 ta' Settembru 2006 kellu €23,000li gew zbankati fis-27 ta' Ottubru 2006 fol 290. Baqa bilanc sal-1 ta' Novembru 2011 ta' €371.65*

*BOV 10 fol 312 40015556017 fis-27 ta' Ottubru 2006 kellu €23,000 fis-26 ta' Ottubru 2010 l-ammont baqa l-istess ta' €23,000 fol 315.*

*BOV 11 fol 316 40016434883 fit-22 ta' Awissu 2007 kellu €10,000 u fit-22 ta' Novembru 2008 gew zbankati €24,042.35c.*

*Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2015 xehed* **C Caruana in rapprezentanza tal-istess bank** *li r-ragel kellu ghaxar kontijiet fuq ismu mis-sena 000 li gew Fati Dok Bov A sa Bov J.*

*Bov A kont term deposit numru 40016434882 - jirrizulta li fit-22 ta' Novembru 2008 r-ragel zbanka €24,402.25 u llim huwa zero. Infitah fit-22 ta' Awissu 2007 b'LM10,000.*

*Bov B – kont multi asset class dep account numru 40015556017 – jirrizulta li fis-26 ta' Ottubru 2012 gew zbankati €23,000 bilanc zero. Il-kont infitah fis-27 ta' Ottubru 2008 b'€23,000. Dan jinsab esebit Dok BOV 10 fol 312.*

*Bov C – kont term deposit numru 40013644484 li fl-10 ta' Novembru 2008 gew zbankati €5823.43. Bilanc zero. Il-kont infetah fid-9 ta' Awissu 2004 b'€2500. Dan jinsab esebit dok Bov 8 fol 288.*

*Bov D – kont term deposit numru 40013555874 li fis-7 ta' Jannar 2008 gew zbankati €23,293.73 bilanc zero. Il-kont infitah fis-6 ta' Lulju 2006 bi LM5,000. Dan jinsab esebit dok Bov 7 fol 261.*

*Bov E – term deposit numru 4000132227212 li fis-26 ta' Settembru 2006 gew zbankati €10,000 bilanc zero. Il-kont infitah fil-21 ta' Frar 2004 b' LM6000.*

*Bov F- savings FC resident kont numru 40015482181 li fis-27 ta' Ottubru 2006 jirrizulta li €23,000 gew trasferiti fil-Multi Asset Class Account. Bilanc sa 30 ta' Marzu 2015 €589.73. il-kont infitah fis-26 ta' Settembru 2006 b'€23,000. Dan jinsab esebit dok Bov 9 fol 289.*

*Bov G – term deposit kont numru 40012267875 li fit-22 ta' Gunju 2003 gew zbankati €5225.96. il-kont infitah fit-22 ta' Jannar 2003 €5147.50c. Dan jinsab esebit Dok Bov 4 fol 244.*

*Bov H – current account kont nru 40011124566 li ghandu bilanc ta' €115.43 fis-27 ta' Jannar 2015. Dan jinsab esebit Dok Bov 3 fol 216.*

*Bov I – savings kont nru 152-0086603-9 li fis-sena 2001 l-konvenut minn bilanc ta' €13246.35 halla fil-21 ta' Dicembru 2001 bilanc ta' €414.80c. sal-27 ta' Gunju 2015 bilanc ta' €850.54. Il-kont fl-20 ta' Gunju 2000 kellu €1,868.85c. Dan jinsab esebit Bov 1 a fol 188.*

*Bov J – kont term deposit numru 40010908327 li fit-30 ta' Gunju 2003 gew zbankati €5000.82. Il-kont infetah fis-27 ta' Marzu 2002 b'€5000. Dan jinsab esebit dok Bov 2 a fol 208.*

*A fol 129 xehdet* ***Audrey Ghigo in rapprezentanza ta' Hsbc Bank Malta*** *li pprezentat disa kontijiet f'isem il-konvenut Dok HSBC 1 sa HSBC 9 u spjegat li r-retention period hija ta' disa snin. Hija xehdet fil-21 ta' Novembru 2011.*

*Dok HSBC 1 fol 133 kont 064130695100, li fl-14 ta' April 2005 kellu LM10,600 u li fl-14 ta' April 2007 l-bilanc ta' LM10,737.03 gew trasferiti fil-kont 064030695050.*

*Dok HSBC 2 fol 138 kont 064030695101 li fid-19 ta' Mejju 2008 gew depozitati LM10,000u inghalaq fid29 ta' ottubru 2009 €22,293.73c*

*Dok HSBC 3 fol 141 kont 644081729 li fil-5 ta' Dicembru 1998 kellu LM965.50c u fil-5 ta' gunju 2002 kellu bilanc ta' €10,596.06c. li gew zbankati kollha sal-4 ta' Ottubru 2010.*

*Dok HSBC 4 fol 157 kont 064030695500 li fl-14 ta' Ottubru 2014 kellu 7990 liri sterlina li mmaturaw fl-14 ta' April 2004 u l-ammont a' 8108.52c lira sterlina gew trasferiti fil-kont 064030695050*

*Dok HSBC 5 fol 159 kont 064030695451 li fis-8 ta' Ottubru 2004 gew trasferiti l-flus f'dok HSBC4 fl-ammont a' 7992.71c f'liri sterlini li gew zbankati. Dan il-kont sal-5 ta' jannar 204 kellu bilanc ta' 5.88 liri sterlini.*

*A fol 329 hija regghet xehdet li ghamlet ricerka fl-14 ta' Dicembru 2011 dwar sekwestri fuq l-partijiet u rrizulta li f'isem l-attrici ma hemm xejn u f'isem il-konvenut hemm sekwestru numru 248/09 maghmul mill-attrici fit-28 ta' Ottubru 2009 u sar depozitu b'cedola 1379/09 fis-16 ta' Novembru 2009.*

*Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2015 hija regghet xehdet li fuq ir-ragel sabet Maltese Asset fund Accumulator Investment li nfetah fis-27 ta' ottubru 1999 u nghalaq fit-13 ta' Marzu 2003 u meta inghlaq ir-ragel ha €12,194.47c.*

*Konsiderazzjoni*

*Bhala parafernali l-konvenut jirrizulta li ghandu s-segwenti:*

*<u>LM4455.66c cioe €10,381.68 u 16,245.56c liri sterlini cioe €18.343.60c total: €28,725.28c u</u> ghalhekk_mis-somma ta' €22,059.21c zbankati mil-kont 152-0086603-9 fol 188 huwa ma ghandu jghaddilha xejn u mis-somma ta' €12,853.62 sekwestrati fol 203 is-somma ta' €6,666.07 tigi assenjata lir-ragel u l-bilanc jinqasam ugwalment bejn il-partijiet.*

*Mil-kont Bov 40011124566 fol 216 ir-ragel ma ghandu jghaddi xejn lil mara stante li dan jidher li r-ragel kien qed juzah ghal hajja.*

*Mil-kontijiet l-ohra kollha li r-ragel ghandu f'ismu mal-Bank of Valletta huwa ghandu jghaddi nofs is-somma indikata f'kull kont lil mara u l-istess kontijiet jibqghu fuq ismu.*

*Huwa ghandu jghaddi wkoll nofs is-somma indikata fil-kontijiet HSBC 2 sa HSBC 4 u dawn il-kontijiet jibqghu fuq ismu.*

*Jirrizulta li hemm cedola ta' depozitu cedola numru 1379/09 u l-flus gew depositat l-Qorti fis-16 ta' Novembru 2009.*

*Rigward il-Maltese Asset Fund Accumulator Investment (seduta 6 ta' lulju 2015) huwa ghandu jghaddi nofs is-somma ta' €12,194.47c cioe €6097.23c.*

***Global Capital***

*A fol 330 xehed **Renee M mil-Global Capital** li pprezenta Dok GC1 u spjega li llum qieghed in liquidation u li ghalkemm ma jidhirx mid-dokument dan jirreferi ghal Property Fund u l-contract number huwa 2006010052 u l-likwidatur huwa David Pace.*

*A Fol 336 et – dok GC1 huwa pprezenta dokument li juri l- investiment li kellu l-konvenut fl-ammont ta' €40,009.80 mal-Global Capital Global Capital funds Sicav – The Property Fund u dan huwa data 18 ta' Awissu 2006 u investiment iehor f'isem iz-zewg partijiet f'The Protected Asset Tep fund No 2 – GBP 14,349.37 (jirrizulta minn Dok JCX13 prezent mil-konvenut seduta 19 ta' Frar 2018) u dan huwa datat 28 ta' Awissu 2006.*

*Dwar dan l-investiment mal-Global Capital funds Sicav ir-ragel ghandu jghaddi lil mara nofs dan l-investiment.*

*A fol 440 xehed **J Sammut rapprezentant tal-Borza ta' Malta** li pprezenta prospett dwar il-holdings kollha li kellu jew ghad ghandu l-konvenut u spjega li bhalissa baqghalu 12,000 shares mal-MIA u 4678 sehem mal-Bank of Valletta (fol 454).*

*Tali ishma ghandhom jinqasmu bejn il-partijiet konguntivament.*

*Kontijiet kongunti*

*BOV iv fol 248 kont numru 4001262343-5 infetah fit-13 ta' Gunju 2003 li huwa consumer loan ta' LM9000 li thallas kollu sat-22 ta' Lulju 2003. (seduta 19 ta' Mejju 2015).*

*Dok HSBC 6 fol 164 kont kongunt kont numru 644066533 li fit-23 ta' Frar 1996 meta infetah kellu LM4028.50c u li sal-5 ta' Dicembru 1998 ghandu zero balance u inghalaq fis-7 ta' Dicembru 1998.*

*Ghaldaqstant dwar dawn iz-zewg kontijiet ma hemm xejn x'tirrelata l-esponenti stante li t-tnejn inghalqu ferm qabel bdew dawn il-proceduri ta' separazzjoni.*

***Investimenti mal-Vilhena Global Themed Fund***

*Fis-seduta tad-19 ta' Mejju 2015 ir-rapprezentant tal-Bank of Valletta C Caruana xehed li l-partijiet xtraw investiment mal-Bank of Valletta dok BOV (v). Il-perit legali tinnota li ma jirrizultax jekk dan l-investiment sarx minn xi parti personalment jew mil-*

*partijiet kongntivament ghajr li huwa investiment mal-Vilhena Global themed Fund fl-ewro u fid-dollaru Amerikan.*

*Izda minn Fol 336 et – dok GC1 huw pprezenta dokument li juri l-partijiet ghandhom investiment f'The Protected Asset Tep fund No 2 – GBP 14,349.37 (jirrizulta wkoll minn Dok JCX13 prezent mil-konvenut seduta 19 ta' Frar 2018) u dan huwa datat 28 ta' Awissu 2006.*

*<u>Dan l-investiment ghandu jinghalaq u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet</u>.*

***Ir-rikavat mil-bejgh tal-fond Arcville Triq il-Maghsar Burmarrad***

*Il-konvenut fl-affidavit tieghu jghid li qabel iz-zwieg kellu fond li kien jinsab Arcville, Triq il-Maghsar, Burmarrad li kien bieghu bil-prezz ta' LM65,000.*

*Il-konvenut ipprezentat kuntratt tas-27 ta' Jannar 1978 atti Nutar Anthony Gatt biex jipprova dan liema kuntratt jinsab anness bhala Dok JC 10 mal-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018). Izda l-partijiet izzewgu fit-8 ta' Awissu 1971 u ghalhekk tali fond huwa jew ahjar kien, ghax sussegwentement inbiegh, proprjeta tal-komunjoni.*

*Tali fond inbiegh u dan kif jirrizulta mil-kuntratt Fat Dok JCX10, kuntratt tal-20 ta' Ottubru 1990 atti Nutar Remigio Zammit Pace jirrizulta li z-zewg partijiet dehru ghal kuntratt u bieghu ghal prezz ta' LM52,000.*

*Il-konvenut izda fl-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2019) jghid li biegh dan il-fond ghal prezz ta' LM65,000 u li nofs dawn il-flus zammhom hu u n-nofs l-iehor ghaddihom lil martu li incidentalment dehret ukoll fil-kuntratt. Huwa jghid li bis-sehem tieghu xtara l-vettura Pajero u xi magni tar-raba u hija tefghet is-sehem taghha l-bank.*

*Il-mara l-attrici in subizzjoni (seduta 9 ta' Frar 2016) tammeti li l-fond inbiegh LM66,000 u li c-cheque inhareg fuha u fuq zewgha; li meta marru l-bank huwa ta LM20,000 minnhom u hija fethet kont u l-bqija zammhom ghalih u tefaghhom f'kont tieghu. Bl-LM20,000 hija tghid li tat xi haga minnhom lit-tfal u l-bqija baqghu fuq isimha.*

*Illi LM66,000 llum igibu €153,780 u jekk niehdu l-verzjoni tal-konvenut nofshom cioe €76890 zammhom hu u bihom xtara l-vettura Pajero u magni tar-raba.*

*Izda mix-xhieda tar-rapprezentant ta' Transport Malta Brian Farrugia a fol 447 li l-Mitsbubish Pajero inxtrat fis-sena 2003 cioe tlettax-il sena wara li saru l-kuntratt ta' bejgh u lanqas jirrizulta li huwa kellu xi vettura registrata fuq isemu fis-sena 1990 meta sar il-kuntratt.*

*Illi ghalhekk fil-fehma tal-perit legali l-konvenut ma jistghax jitwemmen meta jghid li huwa zamm nofs il-flus filwaqt li lil martu ghaddiehlha n-nofs l-iehor u meta wiehed jikkonsidra l-komportament tal-konvenut f'dan iz-zwieg, fejn kollox jikkontrolla hu, l-perit legali tasal biex temmen lill-attrici li zewgha kien ghaddielha biss LM20,000 u cioe €46600 minn dan il-bejgh.*

*Fl-affdiavit tieghu l-konvenut jghid (seduta 19 ta' Frar 2018) jghid ukoll li mil-flus li dahhal mil-bejgh ta' Arcville u l-garage S huwa bena Bistra, Plot 7 cioe Qalb ta' Gesu u raba tal-wileg u l-plots tas-Salina.*

<u>*Illi ghalhekk il-konvenut ghandu jghaddi lil martu d-differenza fl-ammont ta' €32,290.*</u>

***Flus id-dar***

*A fol 60 fin-nota guramentata taghha hija tghid li flus konU u fil-banek irtirati mil-konvenut jammontaw ghal mill-lanqas €100,000 izda l-konvenut fl- affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) jghid li fis-safe ma kienx izomm flus izda deheb li huwa wiret mil-familja tieghu u dokumenti tal-wirt tieghu.*

*Izda mil-mandat ta' deskrizzjoni numru 134/2011 (seduta 14 ta' Dicembru 2017) jirrizulta li flus id-dar fis-safe l-konvenut kien izomm ghax meta marru l-marixxalli safu flus fis-safe u dwar dan l-esponenti diga rrelatat fil-kapitolu dwar il-mobbli.*

*Fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014 l-attrici xehdet li ftit qabel hija telqet mid-dar, xi sena u nofs qabel ma hija telqet mid-dar, zewgha ghamel il-kont quddiemha fil-kcina tal-flus li kellu fis-safe u dan jammontaw ghal hamsa u hamsin elf lira Maltin (LM55,000).*

<u>*Il-perit legali temmen lill-attrici kemm ghax jirrizulta li huwa minnu li l-konvenut kien izomm il-flus fis-safe u ghalhekk gideb li flus id-dar ma kienx izomm u ghalhekk hija tal-fehma li huwa ghandu jghaddi lil martu is-somma ta' LM27,500 cioe €64,075.*</u>

***Vetturi***

*A fol 60 hija tghid li ghandhom erba vetturi – DID -032, JBO-247, FAA-642 u AAg-139 li ghandhom valur ta' €93,000.*

*A fol 439* ***xehed Brian Farrugia rapprezentant ta' Transport Malta*** *li ghamel ricerka mis-sena 1971 fuq l-konvent sab li prezentement ghandu tlett vetturi registrati fuq ismu li tnejn minnhom cioe dik tal-ghamla International B614 numru E9386 hija garaged mil-11 ta' Awissu 1997, dik tal-ghamla Honda Accord numru FAA 643 ilha garaged mil-31 ta' Mejju 2011 u Isuzu Troper JBO 247 ghadu juzaha (fol 443).*

*Mil-lista ta' vetturi li kellu l-konvenut fol 447 jirrizulta li kellu vettura Rover numru BAV417 mis-17 ta' Marzu 1995 sal-31 ta' Mejju 1996; vettua Nissan numru HAO384 mid-9 ta' Gunju 1994 sal-25 ta' Novembru 1996; vettura Mitsubishi numru VIP772 mit-3 ta' Dicembru 1999 sat-12 ta' Gunju 2003, vettura Toyota numru Bad 387 mis-26 ta' Ottubru 1984 sal-5 ta' Settembru 2002, vettura Zetor numru IAB631 mis-6 ta' Lulju 1995 sal-10 ta' Lulju 1994, vettura Mistubishi numru DID032 mit-13 ta' Gunju 2003 sal-31 ta' Ottubru 2008, vettura Daihatsu fWD 457 mil-15 ta' Mejju 1996 sas-6 ta' Jannar 2000 u vettura Toyota AAC 139 mis-16 ta' April 1996 sat-13 ta' April 1998.*

*A fol 542 F B iben il-partijiet xehed li missieru ghaddielu l-muturi relatati mar-raba li jammontaw ghal mija u anke ghaddielu l-karozzi li kellu u l-van. Halla biss ghandu l-karozza l-hamra Honda Accord li baqghet fuq ismu.*

***Fis-seduta tat-18 ta' Gunju 2014 (mhix fil-process)*** *l-attrici xehedet li dwar il-Pajero tghid li din kienet tiswa LM31,000 u taf ghax ir-ragel kellu bzonn il-firma taghha biex igib l-flus mil-bank. Bhala valur hija pprezentat Dok CDX1*

*Iben il-partijiet F B (seduta 16 ta' Ottubru 2017) kkonferma bil-guament li l-Pajero hija licenzjata fuq ismu u li missieru ilu li tahielu xi ghaxar snin. Huwa xehed ukoll li missieru tah ukoll Van Toyota Dyna li ma jiswa xejn u huwa inxurjat valur zero. Tah ukoll tractor li jahdem ir-raba li kien ilu ghandu mis-sena 1988.*

*Fl-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) il-konvenut xehed li dawn huma qodma u ma jiswew xejn u apparti minn hekk huma proprjeta ta' ibnu F.*

*Fl-affidavit tieghu l-konvenut (seduta 19 ta' Frar 2018) jghid li l-unika zewg vetturi li ghandu huma karozza Honda tas-sena 1991 li hija garaged u van Isuzu tas-sena 1989.*

*Ma jirrizultax ghalhekk li t-truck Isuzu gie trasferit lit-tifel F ukoll u ghadu jghajjat lil konvenut.*

*Hija l-fehma tal-perit legali li ghandha ssir valutazzjoni tal-vettura Pajero u tal-van Toyota Dyna fis-sena 2007 meta missieru ghaddihomlu u l-konvenut ghandu jghaddi nofs dawn il-valuri lil mara; filwaqt li l-vetturi International B614, Honda Accord u l-van Isuzu Trooper (fol 443) jigu assenjati lir-ragel u fir-rigward issir stima tal-valur taghhom llum u l-konvenut jghaddi nofs dawn il-valuri lil mara.*

*Rigward it-tractor kemm-il darba l-attrici qed tippretendi kumpens ta' sehemha ghandha ssir stima tal-istess fis-sena 2007 meta r-ragel ghaddih lil ibnu F.*

***Mobbli fid-dar matrimonjali Qalb ta' Gesu Triq Manwel Bonnici Burmarrad***

*Fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2017 xehedet* ***Dr Alexia Aquilina in rapprezentanza tar-Registratur tal-Qorti*** *u pprezentat kopja tal-mandat ta' deskrizzjoni numru 134/2011 u l-atti kollha tar-rikors.*

*Fl-imsemmi mandat insibu s-segwenti oggetti:*

*Salott: salott 3 seater u zewg petruni ta' kulur beige bil-fjuri, mejda tas-salott a' kulur kannella, lampa forma ta' fontana b'zewg nisa ta' kulur abjad u griz, cornet u gradenza ta' kulur kannella, 8 inkwatri ta' kull daqs ta' mal-hajt u linfa b'ghaxar brazzi, zewg siggijiet zghar ta' kulur kannella.*

*Fis-safe: par cpiepet ta' kulur isfar, curket bis-salib ta' Malta fuq ta' kulur isfar, labra bil-fossa isfar ta' kulur isfar u chocker, brach bil-fossa ahma ta'kulur isfar, broach ta' kulur isfar bil-fossa ta' tlett kuluri, curkett ta' kulu isfar, curkett iehor ta' kulur isfar, cappetta ta' kulur isfar, polka ta' kulur isfar, gizirana ta'kulur isfar, curkett tat-tieg iehor bil-fossa ahmar, hames liri tad-deheb u iehor zghir, polka ta' kulur isfar, par imsielet ta' kulur isfar, gizirana ta' kulur isfar, labra ta' kulur isfar , par imseielet kulur isfar, zewg crieket a' kulur isfar, par imsielet ta' kulur isfar bil-fossa ahmar, par imsielet ta' kulur isfar bil-fossa ahmar, par imsielet ta'kulur isfar bil-fossa hamsa, par imsielet ta'kulur isfar b'wicc ta' mara fuqha, 3 crieket ta' kulur isfar, gizirana ta' kulur isfar, curkett ta' kulur isfar, kaxxa li kien fiha karti konU ta' … u kontijiet, zewg crieket ta' kulur iswed, kaxxa fiha 28 tal-50 ewro, 55 tal-20 ewro, 6 tal-mitt ewro, 2 tal-mitejn ewfo u wahda tal-hames mitt ewro.*

*Il-mandat jelenka diversi mobbli fil-kamra tas-sodda, fiz-zewgt ikmamar tas-sodda tat-tfal, fiz-zewgt ikmamar tal-banju, kamra tal-ikel, kuritur, kcina u kamra tal-bejt.*

*Dwar l-oggetti li nstabu fis-safe: Hija l-fehma tal-perit legali li ghandha ssir stima tal-oggetti li nstabu fis-safe u dawn ghandhom jigu assenjati lil partijiet f'sehem indaqs bil-polza u ssir ekwiparazzjoni fi flus jekk ikun il-kaz.*

*Il-flus li instabu fis-safe ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.*

*Dwar l-mobbli l-ohrali instabu fid-dar: dawn jigu assenjati lir-ragel sakemm ma hemmx xi oggetti fosthom li huwa ta' valur.*

***Mobbli fix-showroom***

*L-oggetti elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni 134/2011 ghanda ssir stima taghhom u dawn jigu assenjati lir-ragel u r-ragel jghaddi lil mara nofs il-valur taghhom*

***Mobbli fil-garage Jasmin fi Triq Patri Wistin Magro Burmarrad***

*Mill-istess mandat ta' deskrizzjoni jirrizulta li instabu it-truck Toyota AAG-139 ta' kulur blue, kaxxar kollha ... u 238 kaxxi tal-haxix ta' kulur ahdar*

*Il-partijiet ghalhekk ghandhom jaghmlu stima taghhom u dawn jigu assenjati lir-ragel u r-ragel ghandu jghaddi nofs il-valur taghhom lil mara.*

***Mobbli fil-garage li jinsab 8$^{th}$ Portion Burmarrad***

*Il-garage u r-raba ta' that il-garage 8$^{th}$ portion gie ghandu b'donazzjoni minghand missieru qabel izzewweg u issa dan ir-raba qed jahdmu F u li hemm go fih huwa tieghu ukoll. Fil-garage hemm container u l-magni li huma ta' F u l-ispejjez li hareg biex inbena l-garage huma parafernali tieghu ghax kien tawielu z-ziju Joe u z-zija dolores Micallef.*

*Mill-imsemmi mandat ta' deskrizzjoni jirrizulta li hemm numru ta' ingejni u mobbli ohra. Mill-atti ma jirrizultax li saret ebda prova li dawn huma proprjeta tat-tifel F kif qed jikkontendi l-konvenut (seduta 19 ta' Frar 2018) jew liema minnhom xtara F kif xehed l-istess F (seduta 16 ta' Ottubru 2017), u ghalhekk il-konvenut ma ghandux ragun u tali mobbli ghalhekk jappartjenu l-komunjoni tal-akkwisti.*

*Il-partijiet ghalhekk ghandhom jaghmlu stima taghhom u dawn jigu assenjati lir-ragel u r-ragel ghandu jghaddi nofs il-valur taghhom lil mara.*

***Mobbli fil-garage number 1 Triq patri Wistin Magro Burmarrad***

*Il-lista tal-mobbli tinsab elenkata fil-mandat ta' deskrizzjoni u dawn ghandhom jigu assenjati lir-ragel wara li ssir stima taghhom u r-ragel ihallas lil mara nofs il-valur ta' dawn il-mobbli.*

***Mobbli fil-garage number 3 Triq patri Wistin Magro Burmarrad***

*Il-lista tal-mobbli tinsab elenkata fil-mandat ta' deskrizzjoni u dawn ghandhom jigu assenjati lir-ragel wara li ssir stima taghhom u r-ragel ihallas lil mara nofs il-valur ta' dawn il-mobbli.*

***Mobbli fil-business premises***

*Il-mandat ta' deskrizzjoni ma jsemmix l-indirizz ta' dawn il-business premises u l-perit legali qed tassumi li l-marixxalli li ezegwew il-mandat qed jirreferu ghal In and Out Snack Bar.*

*Hija l-fehma tal-perit legali li tali oggetti ghandhom jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet u dan sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod iehor.*

***Mobbli fil-garage Triq Habel ix-Xini***

*Dawn il-mobbli li jinsabu elenkati fl-imsemmi mandat, Hija l-fehma tal-perit legali li tali oggetti ghandhom jinbieghu u r-rikavat jinqasam ugwalment bejn il-partijiet u dan sakemm il-partijiet ma jiftehmux mod iehor*

***Manteniment***

*Dwar manteniment hija tghid li minkejja id-digriet tal-Qorti xorta zewgha ma ghaddieliex manteniment bejn Novembru 2009 u Settembru 2010. HIja prezentat Dok K digriet tal-manteniment fol 75 tas-6 ta' Lulju 2009 fejn l-Qorti ordnat lil konvenut jghaddi lil martu seba mitt ewro (€700) manteniment kull erba gimghat. u Dok L sentenza tal-21 ta' Frar 2011 sabiex turi li zewgha naqas li jghaddilha l-manteniment ghax-xahar ta' Mejju u fix-xhur ta' qabel.*

*A fol 691 permezz ta' digriet tal-1 ta' Awissu 2018 l-Qorti li tali manteniment jitnaqqas direttament mil-pensjoni tal-konvenut u jghaddi lill- attrici u a fol 797 tali digriet gie korrett sabiex l-manteniment jitnaqqas mil-pensjoni tal-konvenut u jithallas direttament lill-attrici mid-Direttur tad-Dipartiment tas-Sigurta Socjali u mhux mit-Tezor.*

*Illi fir-risposta guramentata tieghu l-konvenut a fol 41 et jghid li l-mara ghandha tigi dikjarata li ddekadiet mid-dritt li tippercepixxi manteniment, tigi ordnata tirrifondi l-manteniment lilha mhallas mill-eccipjenti a tenut tad-digriet tas-6 ta' Lulju 2009 filwaqt li l-istess digriet jigi revokat u jigu applikati l-kontra l-attrici s-sanzjonijiet komminati mill-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.*

*Li bhala dhul fix-xahar hija u l-konvenut ghandhom €4747 u dan kif gej:*

*Pensjoni tar-ragel* *€750*

*Kirja ta' hanut In & Out ta' madwar €65 kuljum* *€1877*

*Kirja ta' hanut iehor minghajr isem li jbiegh il-karozzi madwar* *€50 kuljum*
*(ghalkemm parafernali l-kirja hija tal-komunjoni)* *€1520*

*Dhul mir-raba (madwar 45T raba saqwi)* *€500*

*A fol 465 xehed* ***George Cremona in rapprezentanza tad-Direttur tas-Sigurta Socjali*** *li l-konvenut pprezenta rendikont ta' dak li qed jippercepixxi l-konvenut mis-sena 2000 sas-sena 2013 u spjega li bhalissa (6.3.2013) huwa kien qed jircevi pensjoni taz-zewg terzi li tammonta ghal €186.69 fil-gimgha flimkien ma cost of living bonus ta' €6.60 fil-gimgha u weekly bonus iehor ta' €3.12 u l-bonus ta' kull sitt xhur ta' €5.20 fil-gimgha.*

*Huwa spjega li s-sickness benefit huwa ma ghadux intitolat ghalih ghaliex ma tistghax tibbenefika minn zewg beneficcji f'daqqa skond il-ligi u dok DSS1 li pprezenta jindika meta l-konvenut ha s-sickness benefit. Huwa spjega li l-weekly bonus jithallas flimkien mal-pensjoni kull gimgha mentri s-six monthly bonus jiehdu darbtejn fis-sena cioe kull sitt xhur f'Gunju u f'Dicembru u jiehu r-rata ta' €5.20 ghal sitta u ghoxrin (26) darba.*

*Fis-seduta tal-14 ta' Dicembru 2017 xehed* ***Sean Meli mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali*** *li l-mara tircevi beneficcju li jinghata mid-dipartiment minhabba li ma jkollhiex bollol imhalsa bizzejjed biex tiehu pensjoni u tircevi beneficcju ta' mitejn u erbghin ewro (€240) fis-sena. Ir-ragel jiehu pensjoni ta' €191.75 fil-gimgha two-thirds pension, l-bonus tas-sitt xhur €135.10c kull sitt xhur, li special bonus ta' €3.12 fil-gimgha u l-cost of living fil-gimgha ta' €9.11c fil-gimgha.*

*A fol 466 xehed* ***T Micallef rapprezentant tal-Kummissarju tat-Taxxi Interni*** *li esebixxa d-dettalji tal-konvenut bhala tax payer, d-dettalji tal-mara tieghu, u statement tat-taxxa tieghu sena b'sena. Huwa esebixxa wkoll l-formola tat-taxxa relattiva ghas-snin ta' stima 2000, 2001, 2002 u formula ta' aggustament ghas-snin ta' stima 2003 sa 2008 peress li sar xi aggustament fil-formoli tat-taxxa li imtlew ghal dik is-sena u allura l-ahhar formula li tkun tindika d-dhul taxxabbli tieghu tkun il-forma ta' aggustament u l-assessment isir a bazi ta' dak l-aggustament. Huwa pprezenta formula tat-taxxa ghas-sena ta' stima sena 2009 sa 2010 u ghas-sena 2011 huwa esebixxa wkoll formla tal-aggustament intern. Huwa esebixxa formula tat-taxxa ghas-sena 2013 u spjega li minn dok IT3 l-konvenut ghandu jhallas taxxa ghal diversi snin u li tammonta ghal €5896 u tali taxxa ma tinkludix l-penali u taxxa addizzjonali li jista jkun hemm.*

*A fol 514 xehed* ***Christian Cremona in rapprezentanza ta' Marsovin Limited*** *li l-konvenut ghas-snin 2005 sas-sena 2013 meta xehed jirrizulta li l-konvenut ghas-snin 2005 sa 2009 kien hemm konsenji li huwa ghadda lil Marsovin izda ghas-snin ta' wara huwa ma kkonseja xejn u ghal din is-sena huwa spjega li ghadu kmieni wisq. Huwa pprezenta rendikont tal-konvenji relattivi. (fol 515).*

*A fol 539 xehed* ***C Cassar in rapprezentanza tal-Farmers Central Co-Operative Society*** *li esebixxa Dok FSCS ( fol 544 et) rendikont ta dak kollu li l-konvenut ippercepixxa mis-sena 1995 sas-sena 2013 u spjega li l-konvenut kien membru tas-socjeta taghhom u kien ibiegh prodotti agrikoli lill-isess socjeta u spjega li sas-sena 2009 l-figuri huma bil-liri Maltin u mis-sena 2008 dawn buma bl-ewro. Huwa kkonferma li fejn hemm xhur jew snin li juru zero dan ifisser li f'dak ix-xahar partikolari ma jkunx hemm transazzjonijiet bejn l-konvenut us s-socjeta. Huwa spjega li fid-dokument Dok FSCS hemm indikat total net sales li huwa l-ammont li l-konvenut ha f'idejh.*

*In kontro ezati huwa xehed li ma jafx jekk il-prodotti gabhomx il-konvenut personalment izda kkonferma li c-cheque johrog skond l-invoice u f'dan il-kaz f'isem il-konvenut.*

*In ri-ezami xehed li bhala procedura mhux bil-fors li jigi l-bidwi personali bix-xoghol il-pitkalija u jist aibghat lil xi hadd. Mistoqsi jkunx hemm xi arrangement biex prodotti fuq bidwi jitnizlu fuq bidwi iehor ix-xhud wiegeb li din mhix procedura li normalment issir izda jista jkun hemm xi ftehim bejn il-bdiewa izda huma ma jidhlux fih u ma jkunux jafu b'dan l-arrangament u finalment huwa jdahlu l-prodott fis-sistema skont il-bidwi li jkun gabu l-pitkalija. Meta jidhol il-bidwi l-pitkalija bix-xoghol huma jaghtu ircevuta ta' dak lix-xoghol li jkun gab ezempju ghaxar kaxxi patata u affarijiet ohra.*

*Fl-affidavit tieghu (**seduta 19 ta' Frar 2018**) il-konvenut xehed li illum huwa ragel anzjan bla dhul ta' xejn hlief il-pensjoni u skond hu lil mara ma ghandu jghaddilha xejn manteniment ghax ghandha biex tghix, hija tghix f'post bla kera, ghandha flus li wirtet u thalset flus u tircevi imghax fuq depoziti li ghandha. Li martu ma ghandhiex pensjoni ghax ma baqghetx thallas bolol. Huwa jghid li talba ghal revizjoni isfel tal-manteniment ma ressaqx ghax il-kawza issa waslet fl-ahhar.*

*Bhala dhul huwa jghid li ghandu biss l-pensjoni ta' circa €800 fix-xahar li kwazi jaghtiha kollha f'manteniment lil mara. Huwa jiddependi totalment fuq ibnu F biex jiehu hsiebu u jipprovdilu dak kollu li ghandu bzonn minn ikel sa kull ma jkollu bzonn. Minn Dicembru 2015 kirjiet huwa ma dahhal xejn, xehed il-konvenut.*

*Bhala fatt ir-ragel jiehu pensjoni ta' zewg terzi ta' €181.49c kull erba gimgha u tal-bollol €191.75 kull erba gimghat b'kollox €373.24 kull erba gimgha; il-mara tircevi €240 kull erba gimghat mid-Dipartiment tas-Sigurta Socjali.*

*Kif jigi kwazi dejjem fil-kawzi ta' separazzjoni d-dhul l-iehor li jkollu xi parti jispicca u f'dan il-kaz li kirja li kellhom mil-hanut In and Out u mil-garage u d-dhul mil-bejgh tal-prodotti tal-biedja waqaf.*

*Il-mara (seduta 18 ta' gunju 2014) xehdet li bhala dhul ghandha biss l-manteniment tar-ragel fl-ammont ta' €698.81c kull erba gimghat. Hija tircevi imghaxijiet mil-wirt cioe mis-somma ta' sebgha u tletin elf ewro (€37,000) li wirtet mal-bejgh ta' sehemha tal-proprjeta tal-genituri taghha. Hija ddepozitat dan is-sehem mal-Bank of Valletta u tiehu xi tlett mija u erbatax il ewro (€314) fis-sena.*

*Illi skond digriet tas-6 ta' Lulju 2009 tali manteniment huwa ta' €700 kull erba gimghat li r-ragel ghandu jghaddi lil mara.*

*Ir-ragel fl-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) xehed li lil mara ma ghandu jghaddilha xejn ghax ghandha biex tghix.*

*A fol 75 jirrizulta li r-ragel gie ordnat permezz ta' digriet tas-6 ta' Lulju 2009 jghaddi lil martu manteniment ta' €700 fix-xahar kull erba gimghat u a fol 691 jirrizulta li*

*permezz ta' digriet tal-1 ta' Awissu 2018 l-Qorti ordnat li tali digriet jitnaqqas direttament mil-pensjoni tar-ragel.*
*A fol 16 et jirrizulta li permezz ta' sentenza tal-21 ta' Frar 2011 moghtija mil-Qorti tal-Appell Kriminali per imh Quintano instab hati li ma ghaddiex manteniment lil martu ghax-xahar ta' Mejju 2010 u x-xhur ta' qabel. Veru li mis-sentenza jirrizulta li c-cekkijiet kien harighom izda minhabba mandat ta' sekwestru tali flus ma setghux jigu msarfa.*

*Dekadenza*

*Il-perit legali tosserva li fil-fehma taghha l-htija tal-firda hija dovuta lil konvenut u ghalhekk ma hemm xejn fil-komportament tal-konvenut li jiggustifika d-dekadenza mid-dritt tal-manteniment ghaliha.*

*Li ghalhekk t-talba tal-konvenut li l-attrici ddekadiet mid-dritt ta' manteniment ghaliha u li ghandhom japplikaw id-disposizzjonijiet tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kodici Civili ghandha tigi michuda.*

*Illi t-talba tal-konvenut fil-kontro-talba sabiex martu tigi ordnata tghaddi manteniment lilu ghandha fl-umli fehma tal-esponenti tigi michuda stante li huwa ddekada mid-drittijiet elenkati fl-artikolu 48(1) tal-Kodici Civili.*

*Illi ghalhekk, anke in vista tal-fatt li l-konvenut jista jkollu introjtu iehor mil-kirjiet ta' li snack bar u tal-garage l-manteniment ta' €700 fix-xahar lill-attrici ghandu jibqa fis-sehh tenut kont ukoll li l-bolla mhallsa mil-konvenut sabiex illum qed jiehu l-pensjoni u tal-bollol giet imhalsa minn flus appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti.*

***Parafernali mara***

*Fis-seduta tal-20 ta' Frar 2017 l-attrici esebit kuntratt tat-12 ta' Gunju 213 atti Nutar Dr Tonio Spiteri li permezz tieghu hija bieghet sehemha tad-dar tal-genituri taghha cioe 13/84 sehem taghha liema fond inbiegh ghal €256,231 u ghalhekk sehem l-attrici huwa ta' €39,654. Boll halset €1343.46.*

*Fl-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) il-konvenut xehed li minn dawn il-flus martu ma ghaddietlu xejn.*

<u>*Ghaldaqstant is-somma ta' €38,310.54c hija parafernali tal-mara*</u>

***Parafernali ragel***

***(i) Flus***

*Fis-seduta tad-**19 ta' Gunju 2017 xehedet Q B oht il-konvenut** li huma ahwa qeghdin tlieta. Meta mietu l-ġenituri taghhom R u S, tawhom donazzjoni f'hajjithom fis-sena 1993 ta' proprjeta u wara li mietu wirtuha. L-wirt qasmuh n-nutar T Spiteri ha hsieb id-divizjoni. Il-ġenituri taghhom kellhom flus il-bank u qasmuhom izda kemm hija ma tiftakarx pero flus kien hemm Malta u barra u kollox ha hsieb Dr Marco Griscti. Ta' Malta kienu l-HSBC, l-Bank of Valletta u ta' barra kienu Lombard u n-National Savings Bank.*
*Hija kkonfermat r-rendikont murija tal-flus li wirtu Dok X. Hija tghid li anke proprjeta wirtu.*

*Fl-istess seduta tad-19 ta' Gunju 2017 xehed **il-konvenut** li kull wiehed mil-ahwa ha LM4455.66c minn ta' Malta u minn ta' barra hadu 16,245.56 lira sterlina kull wiehed. Huwa pprezenta zewg kuntratt ta' donazzjoni ta' art li ta lil kull wiehed miz-zewg subiex tieghu u xehed li l-kbir halsu tal-flus li kien selfu u D z-zghir ghad ghandu jaghti LM9000. Dawn il-flus sellifhomlhom minn propjeta parafernali li kien biegh.*

*In kontro-ezami, huwa spjega li l-isterlini ghadhom sterlini u ma qalibhomx.*

*Fis-seduta tad-19 ta' Frar 2018 il-konvenut ipprezenta dokumenti li minnhom jirrizulta car li huwa wiret: LM4455.66c u £sterlina €16,245.56c u l-flus gew mhalsa lilu fis-27 ta' Novembru 1993 (Dok JCX19 ittra ta' Dr Marco Griscti) u l-istess dokumenti huwa Dok X murija lil oht il-konvenut Q B fis-seduta tad-19 ta' Gunju 2017.*

*Ghaldaqstant jirrizulta li l-konvenut wiret bhala flus LM4455.66c u 16,245.56c liri sterlini.*

*Dwar d-LM900 li l-konvenut xehed li ghad ghandu jiehu minghand it-tifel iz-zghir u li dawn sellifhomlu minn flus li gejjin minn bejgh ta' proprjeta parafernali tieghu, ma saret ebda prova li tali flus huma parafernali tar-ragel u jekk il-konvenut ghandu xi pretensjoni kontra ibnu D ma hix din il-Qorti li tista tikkunsidra din it-talba.*

*Dwar jekk id-LM900 li l-konvenut qed jallega li huma parafernali tieghu u mhux tal-komunjoni ma saret ebda prova fir-rigward kif lanqas saret prova li D ghandu jaghti xi flus lil missieru. Lanqas il-mara ma semmiet xejn dwar dan. Li ghalhekk il-perit legali ma saret ebda prova li tali somma hija dovuta, li tali somma hija parafernali jew tal-komunjoni.*

***(ii) Immobbli***

***Bhala immobbli** permezz ta' kuntratt tad-19 ta' Gunju 1994 atti Nutar Tonio Spiteri jirrizulta li l-konvenut inghata b'donazzjoni minghand il-ġenituri tieghu (kuntratt seduta 19 ta' Frar 2018 Dok JCX 14):*

1. *l-art ta' Saint Mary Street Bugibba ta' circa 380 metri kwadri;*
2. *plot numru 7 Ta San Pawl Milqi Burmarrad ta' circa 452 metri kwadri;*
3. *plot numru 12 Ta San Pawl Milqi ta' circa 260metri kwadri;*
4. *S Garage Burmarrad Road Burmarrad;*

*L-art ta' Bugibba inbieghet skond Dok JCX13 kuntratt 7 ta' Jannar 1995 atti Nutar Pierre Falzon jirrizulta li din l-art il-konvenut bieghha kollha ghal prezz ta' LM30,000 cioe €69,900 huma parafernali tieghu.*

*Plot 7 inbniet fuqha d-dar matrimonjali, garages u showroom u li l-ispejjez thalsu mil-bejgh tal-art ta' Bugibba.*

*Plot 12 il-konvenut qasamha f'zewg plots u ghaddha plot kull wiehed lit-tfal.*

*S garage, ma jirrizultax mill-atti li dan inbiegh.*

*<u>Li ghalhekk bhala proprjeta parafernali tieghu l-atturi baqghalu d-dar matrimonjali Qalb ta' Gesu, garages u showroom maghha u S Garage</u>*

***Raba bi qbiela***

*A fol 405* ***xehed Ronald Falzon in rapprezentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet*** *u spjega li:*

***(i) 8th Portion of Farm Benwarrat Tenement numru 50352– Naxxar***

*Il-pjanta dok LD1 bin-notimenti tieghu ( fol 410) u l-parti Fata bl-ahmar P/OT 50352 hija mikrija lil C B u lil E B insolidum u l-kirja bdiet fl-1 ta' Jannar 1975 u pprezenta Dok LD 2 ( fol 411) biex juri dan. Pjanta qed tigi annessa.*

*Skond Dok LD2 a fol 411, jirrizulta li l-art giet imqabla lil konvenut u lil E B mis-16 ta' Awissu 2003 u li l-ammont ta' qbiela huwa ta' €55.62 fis-sena fithallas kull sena b'lura mis-16 ta' Awissu 2003.*

*Izda minn fol 412 jirrizulta li tali qiela bdiet mil-1 ta' Jannar 1975 f'isem il-konvenut.*

*Il-konvenut fl-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) jghid li l-garage u r-raba ta' taht il-garage 8th Portion gie ghandu minghand missieru wkoll li ghaddihulu qabel ma zzewweg u r-raba qed jahdmu ibnu F u li hemm go fih huwa kollu tieghu. Izda kemm Ronald Falzon mid-Dipartiment tal-Artijiet spjega li tlai kirja bdiet fl-1 ta' Jannar 1975 u ghalhekk ma jirrizultax li l-konvenut wiret tali qbiela.*

*Il-konvenut xehed ukoll li l-ispejjez li hareg biex inbena l-garage huma parafernali tieghu ghax kien tawomlu z-ziju Joe u z-zija Dolores Micallef. Izda prova ta' dan ma saritx kif lanqas saret prova ta' kemm sew biex inbena dan il-garage.*

*<u>Dwar il-qbiela, tali qbiela giet ghand il-konvenut fi zwieg u mhux minn wirt u l-konvenut ma kellu ebda dritt fil-ligi li jghaddi tali qbiela lil ibnu F minghajr il-kunsens ta' martu. Ma jirrizultax mill-atti li d-Dipartiment tal-Artijiet irrikonoxxa lil iben il-partijiet F B bhala l-kerrej il-gdid flimkien ma' E B. Li ghalhekk tali qbiela l-konvenut minghajr il-kunsens ta' martu ma jistghax jitrasferiha lil ibnu stante din saret fiz-zwieg.</u>*

***(ii) Tenement numru 83178 raba Habel ix-Xini limiti ta' Burmarrad***

***Ronald Falzon in rapprezentantaz tad-Dipartiment tal-Artijiet** (fol 405) xehed li P/O 83178 Fata bl-ahmar fil-pjanta Dok LD1 fol 410 u 414, hija art mikrija mid-Dipartiment lil F B u qabel kienet fuq C B wahdu mis-16 ta' Awissu 1991 sal-1 ta' Frar 2010 meta mbaghad daret fuq it-tifel F B u esebixxa pjanta LD 3 tal-art koperta bil-kirja in kwistjoni (fol 414) u LD 4 l-kirja originali rigward l-istess art ( fol 415).*

*Skond il-kirja originali a fol 415 jirrizulta li din ghaddiet ghand Paul Gatt, Francis Gatt, Gatt Carmel, il-konvenut u Wigi Micallef fis-16 ta' Awissu 1991 u l-kera hija ta' LM10.20c0.*

***Fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2018 xehed Martin Bajada Chief Officer Awtorita tal-Artijiet,** fir-rigward Habel ix-Xini tenement numru 083178 fil-25 ta' Lulju 1984 kien kiteb lil Lands Dr Philip Sciberras ghan-nom ta' Giuseppi Micallef ta' 128 St Mary Burmarrad Road Burmarrad u fiha hemm imnizzel li l-qbiela ta' 6.74c liri Malta fis-sena u li dan ir-raba huwa maqsum kwantu ghal LM4.50c minn Giuseppi Micallef u kwantu ghal LM2.25 f'pozjon ugwali bejn Pietru Gatt u Salvu Agius. Skond lease agreement f'Red 26 mis-16 ta' Awissu 1981 din il-qbiela ghaddiet favur Paul Gatt, Francis Gatt, Carmel Gatt, C B u Micallef Wigi in solidum.*

*Is-sehem ta' C B cioe l-konvenut huwa ta' 6372 metri kwadri ghal hlas ta' LM5.64c. u skond red 18 saret talba minn Peter Gatt minghajr data biex u talab li jigu trasferi ir-raba lit-tfal ta' Carmel Gatt, Paul Gatt u Francis Gatt u u l-ohrajn cioe l-B's kienu sitting tenants. Qabel it-talba ta' Peter Gatt f'red 18 l-lands ma kienu jafu ghand min kien ir-raba u f'dan il-kaz il-building inspector ilaqqa l-bdiewa kollha fuq l-post u kulhadd jiddikjara fi kwestjonarju r-raba li jkun qed jokkupa u jirreferi lil Kummissarju u ghalhekk sar l-lease agreement. Il-kwestjonarju ta' C B sar fl-4 ta' jannar 1993 u huwa ddikjara li ilu jahdmu disa snin qabel.*

*Il-konvenut ipprezenta bhala Dok JCX15 anness mal-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) ittra lil Kummissarju tal-Artijiet (minghajr data), fejn Carmel Gatt, Paul Gatt, Francis Gatt Micallef Louis ma jsibu oggezzjoni li l-ko tenant l-iehor cioe l-*

*konvenut jibni store ghall-agrikoltura fl-istess raba. Il-mara mhi titlob ebda kumpens tal-benefikati li saru fuq tali art agrikola.*

*Ghaldaqstant din il-qbiela ghalkemm jirrizulta li din giet trasferita lilu fiz-zwieg xorta jibqa l-fatt li huwa wiritha minghand missieru. Ghaldaqstant tali qbiela hija parafernali tal-konvenut.*

***(iii) Tenement numru 50356 – 12th Portion of Farm Benwarrat limiti ta' Naxxar***

*Dwar il-pjanta annessa mal-ingunzjoni Fata Dok Y (fol 398)* ***a fol 405 Ronald Falzon in rapprezentanza tad-dipartiment tal-Artijie****t pprezenta l-istess pjanta bin-notamenti tieghu Dok LD5 (fol. 420) u spjega li dwar l-art P/O 50356 huwa xehed li din hija mikrija lil hafna nies mid-Dipartiment in solidum fosthom lil C B u tali kirja bdiet mis-16 ta' Awissu 1994. Huwa pprezenta Dok LD 6 (fol 421) l-ittra fejn gew konoxxuti l-partijiet bhala inkwilini u pjanta LD2 biex juri l-estensjoni ta' din l-art mikrija lilhom. B'kollox id-dipartiment jigbor LM25.68 u C B minnom ihallas LM8.65.*

*Izda minn dok JCX15 prezentat mil-konvenut mal-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) jirrizultali tenement numru 50356 12 part of Farm Benwarrat fit-12 ta' Awissu 1994 gie trasferit liz-zewg partijiet f'din il-kawza minn Paul Agius.*

*Illi ghalhekk tali qbiela hija taz-zewg partijiet u ebda trasferiment ma jista jsir minghajr il-kunsens taz-zewg partijiet.*

***(iv) Tenement 150356-006 prozjoni numru 12 Burmarrad Naxxar***

***Fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2018 xehed Martin Bajada Chief Officer Awtorita tal-Artijiet,*** *xehed li din il-porzjon cioe nru 12 Burmarrad Naxxar tenement numru 150356-006 huwa pprezenta hdax il-dokument Dok LA1 li juru meta l-art giet trasferita lil konvenut kif jidher minn red 135 fit-3 ta' Awissu 1982 u li qabel dan ir-raba kien bi qbiela fuq missieru S B. Minn red 129 jirrizulta li S B missier il-konvenut gie rikonoxxut mil-Lands minflok ohtu Dolores Micallef fit-2 ta' Lulju 1982 u li skond red 51 datata 27 ta' April 1958 jirrizulta li t-tenants fuq din il-porzjoni kienu Paul B, Salvu B, Guzeppa B, S B, Carmelo B, Dolores B mart Giuseppe Micallef, Rita Briffa u Pawlu Agius.*

*C B rrinunzja ghal din l-kirja biex setghet tghaddi fuq ibnu F B kif jidher minn dok LD7 (fol 422) u dan fit-12 ta' Mejju 2009, u LD 8 (fol 423). In kontro ezami huwa xehed li tenement number 083178 gie trasferit lil ibnu F B fit-12 ta' Mejju 2009 u l-firma hija biss ta' C B u mhux tal-mara wkoll.*

*Dwar l-pjanta Fata Z mal-ingunzjoni (fol 394) huwa xehed li tali art mhix art tal-Gvern kif jirrizulta mil-pjanta li tinsab fol 424.*

*A fol 406 xehed* ***Andre Sciberras in rapprezentant tad-Dipartiment tal-Agrikoltura, Viti Kultura u Enologija*** *li esebixxa l-ktieb tar-raba li ghandu l-konvenut Dok LA1 (fol 430) u spjega li dan il-ktieb jinkludi lista ta' artijiet li huma miktuba f''isem il-konvenut ghalkemm jista jkun li jahdimha haddiehor. Tali ktieb kien updated sas-sena 2007.*

*Ghaldaqstant din il-qbiela ghalkemm jirrizulta li din giet trasferita lilu fiz-zwieg xorta jibqa l-fatt li huwa wiritha minghand missieru. Ghaldaqstant tali qbiela hija parafernali tal-konvenut.*

***(iv) Tenement 050352 – Tenement numru 352 ghalqa tar-Ramel limiti Burmarrad***

*Ronald Falzon in rapprentanza tad-Dipartiment tal-Artijiet (fol 405) xehed li l-pjanta P/OT 50352 hija mikrija lil C B u lil E B in solidum u l-kirja bdiet fl-1 ta' Jannar 1975 u pprezenta Dok LD2 (fol 411) biex juri dan.*

***Fis-seduta tat-28 ta' Mejju 2018 xehed Martin Bajada Chief Officer Awtorita tal-Artijiet, xehed li rigward*** *tenement 050352 huwa sab biss kuntratt tas-26 ta' Marzu 1976 li juri li gie mikri in solidum with other lil C B u Gian Maria B.*

*Il-konvenut ipprezenta Dok JX 15 anness mal-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) li juri li tali raba gie mikri lil konvenut u lil Gio Maria B b'effett mil-1 ta' Jannar 1975 bil-kera ta' LM25.80c. tali raba jikkonsisti fi 25 tomna 4 sieghan u 7 kejliet.*

*Ghaldaqstant tali qbiela tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti.*

***(v) Tenement numru 352 Porzjon numru 8 raba maghruf Ir-Ramel limiti ta' Burmarad***

*Skond dokument ipprezentat mil-konvenut bhala Dok JX 15 anness mal-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) tali raba li jikkonsisti fi tlettax-il tomna, gie mghoddi lilu bi qbiela mil-1 ta' Jannar 1975 u l-qbiela hija ta' LM13 u d an skond ftehim mal-Kummissarju tal-Art tal-1 ta' Jannar 1975 (ghalkemm tahtha hemm id-data "1/3/1976".*

*Ghaldaqstant tali qbiela tappartjeni l-komunjoni tal-akkwisti.*

***(vi) Wilga ta' San Pawl Burmarad***

*Il-konvenut pprezenta dok JCX 15 mal-affidavit tieghu sabiex juri li tali raba Fat bl-ahmar huwa gie ghandu bi qbiela li ghaddiet ghandu minghand Victoria P u wlieda liema qbiela tithallas lil Katidral ta' San Gwann il-Belt. Tali dokument jinsab bla data*

*u ghalhekk l-perit legali ma tistghax tikkonstata jekk tali qbiela ghaddietx ghand il-konvenut qabel jew wara z-zwieg tieghu cioe qabel jew wara it-8 ta' Awissu 1971.*

*Il-perit legali hija tal-fehma li l-artijiet li l-partijiet ghandhom bi qbiela flimkien ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet u tali assenjazzjoni ghandha ssir bil-polza; u dan sakemm ma jiftehmux mod iehor il-partijiet.*

***Kera tal-hanut In & Out Snack Bar***

*A fol 406 xehed **C Cutajar li huwa jikri minghand l-konvenut l-hanut li jinsab In & Out Snack Bar Triq Burmarrad Burmarrad** u ilu jikrih minghandu xi erba (4) snin u fadallu sena ohra. Huwa esebixxa dok JC1 l-iskrittura tal-kirja li saret fis-16 ta' Awissu 2008 (fol 425) u spjega li l-kera hija ta' hamsa u ghoxrin ewro (€25) kuljum. Huwa jhallas skont l-ircevuta li jaghtih kull darba l-istess konvenut.*

*L-iskrittura dok JC 1 a fol 425 saret fis-16 ta' Awissu 2008 bejn il-konvenut u C Cutajar fejn tistipula li l-kera hija ghal sitt snin, tnejn di fermo u erba snin di rispoetto u tibda mil-1 ta' Settembru 2008 u li l-kera hija ta' €25 kuljum ghall-ewwel hames snin u fis-sitt sena l-kera titla ghal €230 kuljum.*

*A fol 565 l-attrici xehedet li hija prezentat ircevuti tal-kera ta' dan il-hanut (fol 573) li huma ta' G H li dahal fil-post qabel C Cutajar. Skond l-attrici, l-kera ta' Cutajar kienet ta' LM25 cioe €58.23 kuljum u dan tafu ghax meta ftihem hija kienet ghadha d-dar. Hija taf li bil-kitba qalu €25 kuljum izda hija taf li l-ftehim kien ta' LM25 kuljum. Il-ktiba saret quddiem l-Avukati Toni Abela u Noel Bartolo fl-ufficju taghhom 16B main Street K. Il-konvenut irranga l-hanut fis-sajf li ghadda u ghamel bank tal-friza gdid u toilet iehor ghax kelmu tas-sanita peress li qabel wiehed kien hemm. Il-hanut huwa kbir xi 200 metri kwadri.*

*Prova li dan il-hanut kien qabel mikri lil C Cutajar l-attrici pproduciet ircevuti tal-hlas tal-kera liema ircevuti jinsabu a fol 573 u jispecifikaw li huma ircevuti ta' hlas ta' kera ta' dan li snack bar li l-konvenut irceva minghand G H ghal perjodu mil-1 ta' Mejju 2004 sal-14 ta' Jannar 2006 u li juru li kera ta' gimgha l-konvenut kien jircevi LM126 sat-12 ta' Frar 2005; mis-26 ta' Frar 2005 huwa irceva LM333 (hemm imnizzel £133 +200) , l-istess gara fit-2 u 9 ta' April 2005, izda mis-16 ta' April 2005 sal-14 ta' Jannar 2006 l-ammont ta' kera li tnizzel li thallas rega kien ta' LM133.*

*Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2016 l-attrici prezentat skrittura ta' kirja tal-istess fond bejn l-konvenut u I u J K datata 6 ta' Awissu 2013 li hija lokazzjoni ta' kera ta' dan il-hanut li tibda mill-1 ta' Settembru 2013, li l-kera hija ta' €35 kuljum, li hija ghal hames snin di fermo u sena di rispetto.*

*Skond l-ircevuti prezentati fl-istess seduta, l-konvenut kien mil-1 ta' Settembru 2013 sat-30 ta' Novembru 2013 fl-ammont ta' €3193.75, mil-1 ta' Dicembru 2013 sat-30 ta' Frar 2014 irceva €3193.75c kera, mil-1 ta' Marzu 2014 sal-31 ta' Mejju 2014 irceva €3193.75c kera, mil-1 ta' Gunju sal-31 ta' Awissu 2014 irceva €3193.75c kera, mil-1 ta' Settembru 2014 sat-30 ta' Novembru 2014 irceva €3193.75c kera, u l-ahhar ircevuta li giet prezentata hija ghal perjodu mil-1 ta' Dicembru 2014 sal-30 ta' Frar 2015 ta' €3193.75c kera.*

*Il-konvenut (seduta 19 ta' Gunju 2017) meta muri ritratt To Let Dok T1 u T2 huwa spjega li x-showroom fuq ir-restaurant u r-restaurant ilhom mhux mikrija ghal dawn l-ahhar sentejn ghalkemm ghandhom il-permessi relattivi. Huwa xehed li jipprova jirsisti biex jikrih izda kellu nies interessati izda hija thassarlu. Izda issa huwa mhux ser jikrih u ser jaghmlu garage kif kien qabel.*

*L-attrici (seduta 20 ta' Marzu 2017) tghid li l-hanut ilu ma jinkera mil-21 ta' Dicembru 2015 u l-konvenut jirrikonoxxi fl-affidavit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) li l-hanut ilu maghluq minn Dicembru 2015.*

*Fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2017 l-konvenut ddikjara li il-bar Inn and Out ilu biex jikrieh u ma jistghax isib kirja u ma ghanduoggezzjoni li l-mara ssib tikrieh. Fuq il-bar hemm showroom u tista tinkera wkoll.*

*Fis-seduta tas-16 ta' Ottubru 2017 F B iben il-partijiet xehed li dan il-hanut ilu maghluq sentejn anke tlieta.*

*Mil-provi ghalhekk jirrizulta s-segwenti:*

*Li l-konvenut jammetti li l-hanut ilu maghluq mil-21 ta' Dicembru 2015 filwaqt li l-mara tammetti wkoll li l-hanut ilu maghluq mis-sena 2015.*

*Li kera mil-1 ta' Dicembru 2013 meta nkera l-hanut lil J u I K l-konvenut irceva €19,162.50 (3193.75 x 6) u dan sat-30 ta' Frar 2015.*

*Il-hanut dam mikri sal-21 ta' Dicembru 2015 u ghalhekk l-hanut dam mikri ghaxar xhur ohra u tali kirja tammonta ghal €10,652.50c ohra.*

<u>*Li ghalhekk il-konvenut dahhal kirjiet ghal perjodu mil- 1 ta' Dicembru 2013 sal-21 ta' Dicembru 2015 is-somma ta' €29,815 u ghalhekk huwa ghandu jghaddi nofs tali somma cioe €14,907.50c lil mara.*</u>

*Dwar il-kirjiet li dahlu qabel bdiet il-kawza hija l-fehma tal-perit legali li ma saret ebda prova li tali kirjiet zammhom kollha r-ragel u ghalhekk ma tistghax tilqa t-talba tal-mara ghal kirjiet li saru qabel bdiet il-kawza.*

***Bejgh ta' mobbli fl-istess Hanut In and Out***

*Fis-seduta tas-6 ta' Lulju 2016 l-attrici prezentat Dok MDC2 li skond hi hija l-flus li irceva zewgha mil-bejgh tal-mobbli fl-istess hanut.*

*Izda meta wiehed jifli dan id-dokumenti jiskopri li dan ma jirrigwardax flus mil-bejgh ta' mobbli ghalkemm tali dokument hemm miktub hekk izda rendikont tal-kirjiet li dahhal zewgha minn settembru 2013 sa Frar 2015 cioe sitt pagamenti ta' €3193.75 il – wiehed.*

*Li ghalhekk tali prova dwar l-allegat ta' bejgh ta' mobbli ma saritx.*

***Kera tax-showroom***

*L-attrici tghid li (seduta 18 ta' Gunju 2014), l-garage li wiret u li jinsab Triq Burmarrad Burmarrad jikrieh hamsin ewro (€50) kuljum u dan tafu ghax hekk qalulha u huwa mikri lil certu L M li joqghod Ursuline sisters Street San Giljan u dejjem jahsel il-karozzi kien. Hija taf b'dan ghax rat it-tabella mal-hanut u anke telefon number kellu mat-tabella u ghandha t-telefon number tieghu. Illum maghluq u ilu xi sentejn maghluq.*

*Il-konvenut fl-affidvit tieghu (seduta 19 ta' Frar 2018) jichad jichad dak li qalet martu fin-nota guramentata taghha li huwa ghandu dhul iehor u l-uniku dhul tieghu hija l-pensjoni. Huwa jichad li kellu xi kirja ta' ebda hanut li jbiegh l-karozza kif qed tallega hi u l-fond mhu hanut xejn izda garage parafernali tieghu li qatt ma inkera.*

*L-attrici ma resqet ebda prova li tikkorrobora dak allegat minnha kif lanqas resqet lil L M bhala xhud meta hija kienet taf li huwa mikri lilu u ghalhekk il-perit legali ma tistghax tilqa t-talba tal-attrici f'dan ir-rigward.*

***Miljoramenti li saru fiz-zwieg fuq beni parafernali tal-konvenut***

*Dwar id-dar matrimonjal Qalb ta' Gesu, showroom u tlett garaxxijiet fl-istess blokka il-perit legali diga rrelatat aktar il fuq f'din ir-relazzjoni.*

*Mil-provi jirrizultali r-ragel bena garage fi 8$^{th}$ Portion farm Benwarrad Tenement u fi tenenement numru 83178 huwa bena store. Izda stima jew prova tal-ispejjez li nefaq biex ghamel dawn il-miljoramenti ma saritx u li ghalkemm jirrizulta li saru dawn il-benefikati stima taghhom ma saritx. Ghalhekk il-perit legali ma tistghax tghid x'somma ghandu jghaddi l-konvenut lil martu fir-rigward.*

***Konkluzjoni***

*<u>Talbiet attrici</u>:*

*L-ewwel talba: ghandha tigi milqugha;*
*It-tieni talba: ghandha tigi milqugha;*
*It-tielet talba: ghandha tigi milquha;*
*Ir-raba talba: ghandha tigi milqugha u tistabilixxa d-data minn meta l-konvenut ghandu jkun kunsidra li kien hati tal-firda mit-8 ta' Awissu 2008 meta l-partijiet kienu diga separati de facto ghalkemm iz-zwieg kien ilu li spicca snin;*
*Il-hames talba: ghandha tigi milqugha kif spjegata hawn fuq;*
*Is-sitt talba ghandha tigi milqugha kif spjegata hawn fuq.*

*<u>Kontro-talba attur</u>:*

*L-ewwel talba: ghandha tigi milqugha izda l-htija hija imputabbli lil konvenut rikonvenzjonant;*
*It-tieni talba: ghandha tigi michuda ghar-ragunijiet spjegati fir-relazzjoni u ghar-rigward tat-talba li l-konvenut qed jaghmel ghal manteniment din ghandha tigi michuda wkoll stante li huwa ddekada mid-drittijiet elenkati fl-artikolu 48(1) tal-Kodici Civili;*
*It-tielet talba: ghandha tigi michuda;*
*Ir-raba talba: din ghandha tigi michuda;*
*Il-hames talba: din ghandha tigi milqugha;*
*Is-sitt talba: dan ghandha tigi milqugha;*
*Is-seba talba: din ghandha tigi milqugha;*
*It-tmien talba: tithalla fid-diskrezzjoni tal-Qorti.*

*Tant l-esponenti ghandha x'tissottometti lil dina l-Onorabbli Qorti.*

Hekk kif jixhed is-suespost, il-Qorti tinsab tal-fehma li l-Perit Legali ħadet konsiderazzjoni profonda u akkurata tax-xiehda u d-dokumenti kollha esebiti fil-mori ta' din il-kawża. Il-Qorti evalwat bir-reqqa l-imsemmi rapport u għandha l-konvinċiment morali sħiħ li l-Perit Legali qdiet bis-sewwa l-obbligu tagħha u pprovdiet lil Qorti bi stampa ċara tal-mertu tal-każ odjern. Madanakollu l-Qorti xorta waħda hija tal-fehma illi ikun idoneju li tagħmel l-osservazzjonijiet u konsiderazzjonijiet tagħha.

## 2. L-Azzjoni Odjerna:

Permezz tal-azzjoni odjerna l-attriċi qiegħda titlob lil din il-Qorti tiddikjara li C B huwa ħati għat-tifrik taż-żwieġ tagħhom u dan għar-raġunijiet kontemplati fl-Artikolu 40 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, stante vjolenza, moħqrija, sevizzji u nġurji gravi. Magħdud ma' dan l-attriċi titlob ukoll lil din il-Qorti sabiex tirregola l-effetti konsegwenzjali għas-separazzjoni personali. Il-Qorti tagħmel referenza għar-rikors

promotur li permezz tal-istess, l-attriċi telenka x'inhuma l-pretensjonijiet tagħha fil-kawża odjerna:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet filwaqt li tiddikjara lill-konvenut ħati għat-tifrik taz-zwieġ u telenka d-data li minnha l-konvenut huwa ħati għal tali firda;

2. Tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament mill-konvenut;

3. Tapplika kontra l-konvenut, *in toto* jew *in parte,* id-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

4. Tordna lill-konvenut jgħaddi lill-attriċi manteniment għaliha personalment fis-somma ta' €700 fix-xahar;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, kif ukoll tassenja dawk il-beni dotali u parafernali.

Il-Qorti tirreferi wkoll għat-talba rikonvenzjonali tal-konvenut, illi permezz tagħha l-konvenut rikonvenzjonant jitlob lill-Qorti:

1. Tippronunzja s-separazzjoni personali, dan għandu jsir billi in kwantu għar-responsabbilita' tat-tifrik taż-żwieġ, Il-Qorti tiddikjara li l-ħtija għandha tiġi attribwita unikamet lill-attriċi minħabba ħtijiet imputabbli lilha minħabba vjolenza, eċċessi, sevizzi, moħqrija, theddid u offiżi gravi;

2. Tawtorizza lill-konvenut jgħix separatament mill-attriċi;

3. Tapplika kontra l-attriċi, *in toto* jew *in parte*, id-dekadenzi stipulati fl-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili, filwaqt li tiddikjara li a kuntrarju tiegħu, l-attriċi ddekadiet mid-dritt li tipperċepixxi manteniment minngħandu;

4. Tordna lill-attriċi tgħaddi lill-konvenut manteniment għalih personalment;

5. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti, u kif ukoll tgħaddi sabiex tillikwida u taqsam l-istess komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet, kif ukoll tassenja dawk il-beni dotali u parafernali;

6. Tordna u tawtorizza lill-konvenut jabita u jirrisjedi fid-dar matrimonjali li hija parafernali tiegħu.

Għaldaqstant il-Qorti tara li ż-żewġ partijiet jaqblu li għandu jkun hemm il-firda personali. Madanakollu jirriżulta ċar li hemm disgwid kbir bejn il-partijiet fir-rigward ta' min għandu jiġi attribwit il-ħtija għat-tifrik taz-zwieġ u kif ukoll rigward l-effetti konsegwenzjali taż-żwieġ.

## 3. Is-Separazzjoni Personali u r-Responsabbilita' għat-Tkissir taż-Żwieġ:

*Il-Verżjoni tal-Partijiet u l-Provi mresqa Minnhom:*

A skans ta' ripetizzjoni żejda, il-Qorti mhux ser tirreplika l-verżjoni tal-partijiet u l-provi mresqa minnhom, in vista tal-fatt li dan kollu diġa' jinsab fir-rapport tal-Perit Legali, hekk riprodott hawn fuq fl-intier tiegħu.

*Il-Prinċipji Legali u Applikazzjoni Tagħhom għall-Każ Odjern*

Il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tistabilixxi dawk il-prinċipji legali li huma relevanti sabiex sussegwentament jiġu applikati għal każ odjern.

*a. Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili: Eċċessi, Moħqrija, Theddid jew Offiżi Gravi*

Dan l-artikolu tal-liġi jistipula illi:

*"Kull waħda mill-persuni miżżewġin flimkien tista' titlob il-firda minħabba eċċessi, moħqrija, theddid jew offiżi gravi tal-parti l-oħra kontra l-attur, jew kontra xi wieħed jew ieħor mit-tfal tiegħu, jew minħabba li l-ħajja flimkien ma tkunx għadha possibbli għax iż-żwieġ ikun tkisser irremedjabilment".*

F'dan ir-rigward, il-Qorti tibda sabiex tagħmel referenza għal kaz fl-ismijiet **Elisa Thompson vs. Edward Thompson**,[21] fejn ġie stabbilit illi sabiex tiġi promossa b'suċċess l-azzjoni tas-separazzjoni personali, ma hemmx il-ħtieġa illi jiġu ppruvati l-eċċessi, sevizzi, minaċċji u l-inġurji gravi b'mod kumulattiv, iżda jkun suffiċjenti illi tiġi pprovata raġuni waħda sabiex jiġi stabbilit illi l-ħajja matrimonjali tkun ġiet reża impossibbli da parti ta' xi waħda mill-partijiet jew min minnhom.

[21] Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-12 ta' Mejju 1925 u kkwotata fis-Sentenza deċiża minn dina l-Onorabbli Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Mħallef D C. Pace nhar it-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].

Hemm ġiurisprudenza kosU li tispjega l-motivi elenkati f'Artikolu 40 hawn fuq ċitat. Fis-sentenzi fl-ismijiet: **Maria Mifsud vs Vincenzo Mifsud**,[22] u **Antoinette Cauchi vs I Cauchi**,[23] fejn ġie ritenut illi fir-rigward ta' moħqrija, *"Ċerti fatti, kliem u modi ta' azzjoni jew atteġġjamenti illi jistgħu irendu l-ħajja komuni insapportabbli, huma ritenuti mid-dottrina bħala sevizzi"* u fir-rigward ta' inġurji u offizi gravi li dawn *"ma ġewx speċifikament dezinjati mid-duttrina imma l-karattru ġenerali tagħhom ġie dejjem imħolli fis-sagaċja u l-kuxjenza ta' l-Imħallef sabiex jivvalutahom",* filwaqt li ġew definiti bħala li *"jinkludu kliem jew aġir illi joffendu l-pudur ta' dak illi jkun minkejja illi dawn jirreferu għal affarijiet veru jew foloz"*, rispettivament. Is-sentenza fl-ismijiet **Maria Mifsud vs. Vincenzo Mifsud**, appena ċitata tagħti tifsira lil eċċessi, li jfissru *"att mwettqa fuq il-parti l-oħra, liema atti jridu jkunu ta' serjeta' kbira stante illi niente di meno jridu jkunu ta' perikolu għall-ħajja tal-parti l-oħra".*

Min-naħa l-oħra u b'mod speċifiku fir-rigward ta' theddid u vjolenza, il-Qorti ma tixba' qatt tirrepeti illi *"Il-liġi tikkontenta ruħha bil-persistenza f'ċerta mġieba ħazina u mhux b'xi atti izolati waqt xi tilwima".*[24] Fin-natura tagħha, il-vjolenza domestika tikkostiwixxi inġurja gravi ħafna u ma tista' bl-ebda mod tiġi ġustifikata. Hekk kif ippronunzjat ruħha l-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fil-kawża fl-ismijiet **Joanne Tabone pro. et noe. vs. Jesmond Tabone**,[25] *"il-vjolenza hi fost l-aktar elementi, jekk mhux ukoll l-aktar waħda, li inevitabilment twassal għal firda personali, anke għaliex, kif ingħad, "huwa ferm diffiċli li tiġi superata minn min ikun ħalla lilu nnifsu jintrikeb minnha"*[26]; *Skond l-istess Qorti "Is-swat, ..., hi l-agħar forma ta' att ta' krudelta' li joffendi lill-persuna u spiss drabi jwassal għat-tifrik taz-zwieġ".*[27]

*<u>Applikazzjoni tal-Prinċipji Legali għal Każ Odjern:</u>*

*In primis* il-Qorti tirrileva illi taqbel mal-konklużjoni milħuqa mill-abbli Perit Legali u ċjoe' illi ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment b'tort attribwibbli unikament lill-konvenut. Madanakollu u speċifikament f'dan ir-rigward, għalkemm il-Qorti tinsab tal-fehma illi fil-maġġor parti tar-rapport tagħha l-Perit Legali waslet għal konkluzjonijiet ġusti, fiċ-ċirkostanzi jkun idoneju li l-Qorti tagħmel numru ta' osservazzjonijiet ulterjuri li dawn jimmeritalhom li jiġu inklużi fid-deċiżjoni aħħarija. Il-Qorti tara li l-attriċi targumenta illi kien żewġha li kisser iż-żwieġ tagħhom u dan stante vjolenza, moħqrija, sevizzi u

[22]Deċiza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Ċivili nhar it-30 ta' Ġunju 1961, Vol. XLV C.ii.708.
[23]Deċiża mill-Onorabbli Prim'Awla tal-Qorti Ċivili preseduta mill-Onorevoli Mħallef D C. Pace fit-2 ta' Ottubru 2003 [Ċit. Numru 1677/1995/RCP].
[24]**Antonia Mifsud vs. Giuseppe Mifsud**, deċiza mill-Qorti tal-Appell Ċivili nhar il-21 ta' Frar 1969.
[25]Deċiża fit-3 ta' Ottubru 2003.
[26]**Genoveffa Magri vs. C Magri**, deċiża mill-Qorti tal-Appell fis-6 ta' Ottubru 2000.
[27]**Charmaine Zahra pro. et noe. vs. V Zahra**, deċiża mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fis-27 ta' Ġunju 2003.

nġurji gravi. Il-Qorti tinsab tal-fehma illi mill-provi li għandha quddiemha, il-konvenut għandu jinstab ħati ta' vjolenza, moħqrija u offiżi gravi, u dan għas-segwenti raġunijiet:

i. *In primis* jingħad illi l-kawża għat-tifrik taż-żwieġ fil-fehma taż-żewġ partijiet hija kontrasU. Min-naħa waħda, l-attriċi tikkontendi li l-problemi bejn il-partijiet beda wara li l-konvenut wiret lill-ġenituri tiegħu, tant li beda jkun xħiħ u kattiv magħa, kemm bil-kliem kif ukoll bl-għemil. Kien beda ukoll it-tgħajjir u l-vjolenza, għamel minn kollox biex firidha minn familtha u beda jaqla' l-qlajjiet li binhom D B mhux tiegħu. Magħdud ma' dan tgħid li kienet mardet fl-2000, iżda l-konvenut ma kienx ta' spalla għaliha tant li kellha titlaq mid-dar matrimonjali għal ftit xhur sakemm irritornat lura minħabba li kien kellimha Fr C Scerri, il-kappillan ta' Burmarrad. Min-naħa l-oħra, fl-affidavit tiegħu il-konvenut jiċħad dak allegat mill-attriċi u jgħid illi ż-żwieġ tkisser hekk kif martu għalqet il-ħamsin (50) sena, għaliex din skontu inbidlet, bdiet issiefer u ma bdietx tieħu ħsieb tiegħu u tad-dar. Jgħid li darba minhom qabdet u qatgħat biljett għal 21 ġurnata u marret Thailand. Konsegwentament fl-istess affidavit, il-konvenut jisħaq illi l-problemi bejniethom bedew minħabba binhom D għaliex kien jipprova jikkoreġih. Jgħid ukoll li ġara bejniethom kien biss minħabba t-tifel u xejn iżjed.

   Dan juri biċ-ċar kemm il-partijiet mhux jaqblu dwar dak li kkawża t-tifrik taż-żwieġ tal-partijiet. Madanakollu l-Qorti tara illi għalkemm il-verżjoni tal-attriċi hija konsistenti, dik tal-konvenut min-naħa l-oħra ma hijiex hekk kif l-ewwel jisħaq li ż-żwieġ tkisser għax martu inbidlet, u konsegwentament jgħid li ż-żwieġ tkisser minħabba ibnu ż-żgħir għaliex kien jixxala żżejjed. Il-Qorti ma tantx tara kif tista' temmen lill-konvenut meta jidher ċar lanqas hu stess mhux qed jaqbel fi kliemu. Barra minn hekk, ma jidhirx li hemm provi ta' dak allegat mill-konvenut li martu inbidlet meta kellha ħamsin (50) sena u dan fis-sens li jiddeskrivi u jallega hu. Madanakollu l-Qorti tista' tifhem li jista' jagħti l-każ li l-attriċi nbidlet xi ftit meta għalqet il-ħamsin (50) mhux kappriċċożament iżda minħabba l-effetti tal-marda tal-kanċer li ħakmitha dak iż-żmien. Min-naħa l-oħra, il-Qorti tara li iben il-partijiet D B kien ta' kwistjoni bejn il-partijiet, imma mhux fis-sens li saħaq dwaru l-konvenut iżda iktar minħabba l-fatt li l-konvenut kien daħallu f'moħħu l-ħsieb li l-istess iben ma huwiex tiegħu.

   Pero' l-Qorti taqbel mal-Perit Legali illi jirriżulta ċar mill-atti li l-problemi f'dan iż-żwieġ kienu ilhom hemm sa mis-sena 2001, u ċjoe' meta l-attriċi spiċċat biex telqet mid-dar matrimonjali għal perjodu ta' żmien. Madanakollu dwar dan l-akkadut, il-konvenut ma jsemmi xejn.

ii. Jiġi kkonfermat illi l-problemi bdew sa mill-2001 permezz tal-affidavit ta' Fr C Scerri fejn jikkonferma illi *"pero kien hemm diversi mumenti fejn l-mara kellha titlaq mid-dar u huwa ghamel hiltu biex hija tirritorna d-dar. Huwa jaf li l-konvenut huwa bniedem ribelluz u kien hemm mumenti fejn kien agressiv. Huwa jaf li kien hemm mumenti fejn l-attrici ma kelliex flus f'idejha u huwa jifhem l-pozizzjoni tal-attrici li issa trid ftit trankwilita f'hajjitha u tgawdi lil uliedha u lin-neputijiet taghha. Huwa jaf li l-attrici kienet tikkopera hafna ma' zewgha fix-xoghol tieghu tar-raba u li dejjem ghamlet hilitha li zzomm id-dar. Bhala familja kienu jahdmu hafna"*. Għalhekk minn tali xhieda, apparti li l-Qorti rat meta nbdew il-problemi tal-partijiet, ġie verifikat ukoll illi l-verżjoni tal-attriċi għandha mis-sewwa, u ċjoe' l-aggressivita' tal-konvenut, li kien xħiħ, li kienet taħdem fir-raba' u fid-dar. Hekk kif sewwa qalet il-Perit Legali, ix-xhieda ta' Fr C Scerri tikkontrasta ferm ma' dak li xehed dwaru l-konvenut;

iii. Magħdud mal-premess, il-Qorti tara ukoll li iben il-partijiet, F B, jikkonferma ukoll li missieru *"jitlalu malajr"*.[28] Għalhekk il-Qorti tara li dan ukoll jikkonferma dak li qalet l-attriċi, u *di piu'* il-Qorti ma għandha l-ebda dubju li l-konvenut huwa persuna b'demmu spont;

iv. Min-naħa l-oħra, permezz tal-affidavit ta' N H u ċjoe' ħu l-attriċi, ġie kkonfermat illi wara li l-konvenut wiret lill-ġenituri tiegħu, oħtu ma baqgħatx tmur għand ommhom, il-konvenut ma baqgħax jgħidlu biex jinżel fl-għelieqi, filwaqt li l-konvenut iffissa ukoll li ibnu ż-żgħir mhux tiegħu bijoloġikament. Fil-fehma tal-Qorti dan ukoll kompla jikkonferma l-verżjoni tal-attriċi. Il-Qorti tara li għalkemm tali xhieda tista' tkun suġġettiva, fil-verita' mill-atti jirriżulta illi x-xhud huwa vertier u dan seta' jiġi konfermat permezz ta' ittra miktuba mill-konvenut lill-attriċi fejn hemm imniżżel *"rajtek jiena ta' 20 sena u libbistek u tmajtek jiena minn 1971 sal-kumplament ta' hajtek imma ghadek ma ndunajtx wara 37 sena mizzewga li inti kont il-principessa fost hutek ghax hutek ghadhom ihalsu d-dejn li ghamlu u jahdmu bla ktieb tax-xoghol mhux bhalek. (...) Dawn kollha ghandom dejn u dwejjaq kbar u inti issa kif qed thossok bil-flus mela hutek qatt ma kellhom Lm10 Maltin kuljum?"*.[29] Din l-ittra turi l-vera ħsibijiet tal-konvenut fil-konfront tal-familja tal-attriċi, inkluż l-istess N H, u b'hekk f'għajnejn il-Qorti x-xhud huwa ġenwin fi kliemu għaliex jirriżulta ċar li l-azzjoni ħażina kienet ġejja biss mill-konvenut li kien jgħajjar kemm lill-attriċi kif ukoll lil familtha bħala nies bla flus, mimlija dejn u dwejjaq kbar;

[28] Fol. 540.
[29] Fol. 74.

v. Fir-rigward tal-ħsieb tal-konvenut li D B mhux ibnu bijoloġikament u kif ukoll li l-attriċi kienet titradixxih ma' tobba, il-Qorti tara li ġew ippreżentati ittri oħra f'dan is-sens, fejn f'ittra minnhom il-konvenut jisħaq *"Jiena sirt naf ukoll li it-tieni tifel ma huwiex min tieghi ghax kont narah kemm-il darba ma (kelma mhux leġibbli) u il-glied dejjem kien fuqu u meta kont nigi mieghek tas-Sliema meta it-tabib kien imissek kont tghidli biex nohrog il barra u darba qaghad imissek quddiemi u jiena qatt ma ghidtlek ghax kont naf x'kont taghmilli meta kontu tmorru inti u ohtok ghand it-tabib tas-Sliema"*.[30] Ikompli bl-ittra billi jhedded lill-attriċi hekk kif jgħid *"naf kollox 100% x'qed tghid fuqi u fuq il-familja tieghi. Razzan ilsienek"* (sottolinejar tal-konvenut innifsu).[31] F'ittra oħra huwa jgħid *"Dan zommu biex tiftakar kemm il darba f'hajtek ittradejtni ma irgiel u mat-tobba fejn kont tmur"*.[32] Barra minn hekk il-Qorti tara li l-attriċi ukoll eżebiet tlett (3) ritratti li fuqhom hemm kitba li tgħid *"zommu tat-tradiment li ghamilt f'hajtek",*[33] *"tradittura bil brovi?",*[34] *"ad jiddispjacik bil-gbir",*[35] *"qabel kont ferhana issa kif qeda?"*,[36] u *"indannat wara 36 sena"*;[37]

vi. Permezz ta' kitba oħra, il-Qorti tara li l-konvenut ikkontradixxa lilu nnifsu meta kiteb lill-attriċi *"Issa qieghda ferhana ghax issa ma jonqsok xejn ghax ma intix tahdem u ssefter biex tahsilli il-hwejjeg u issajjar xi bicca laham nejja"*.[38] B'hekk il-konvenut ikkonferma illi l-attriċi kienet verament taħdem ir-raba' u kif ukoll fid-dar, u b'hekk dan jistabbilixxi li l-verżjoni tal-attriċi, dik ta' Fr C Scerri u kif ukoll ta' N H, għandha mis-sewwa. Barra minn hekk il-Qorti tara ukoll il-lingwaġġ li juża l-konvenut, li huwa wieħed dispreġġjattiv għall-aħħar;

vii. Rigward il-vjolenza fiżika pperpetrata fuq il-persuna tal-attriċi, il-Qorti tara li għalkemm ma ħaditx passi legali kontra tiegħu, l-attriċi ppreżentat ċertifikati mediċi, bid-data 12 ta' Jannar 2001,[39] u 19 ta' Settembru 2001,[40] li jistabbilixxu theddid, ġrieħi ħfief u swat da parti l-intimat, rispettivament. Madanakollu, il-Qorti tara ukoll illi l-aggressivita' da parti l-konvenut tirriżulta ukoll minn kif jaġixxi mhux biss mal-attriċi iżda ukoll ma' terzi, hekk kif fil-fatt minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fl-**ismjiet Il-Pulizija vs C B**, deċiża fis-16 ta' Marzu 2007 fejn il-konvenut instab ħati ta' ħsara volontarja fuq il-vettura

[30] Fol. 71.
[31] *Ibid.*
[32] Fol. 73.
[33] Fol. 65.
[34] *Ibid.*
[35] Fol. 66.
[36] Fol. 67.
[37] *Ibid.*
[38] Fol. 72.
[39] Fol. 14, 34.
[40] Fol. 13, 35.

ta' ċertu F Gauci u ġie kkundannat għal tlettax-il (13) xahar ħabs sospiżi għal sentejn;[41]

Permezz tal-provi surreferiti, il-Qort tinsab moralment konvinta illi ż-żwieġ tkisser sa mill-2001 u l-Qorti taqbel pjenament mas-sottomissjoni tal-attriċi illi *"ebda persuna, f'nofs trattamenti ta' raġġi u chemotherapy m'hu ser jabbanduna daru mingħajr raġuni tajba ħafna"*.[42] B'hekk ma hemm l-ebda dubju li ż-żwieġ tkisser bi ħtija imputabbli unikament lill-konvenut.

Il-Qorti tara li l-konvenut fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu jisħaq illi l-Perit Legali njorat l-atteġjament vjolenti tal-attriċi, inkluż l-inċident ta' Awwissu 2018 fejn l-attriċi refgħat ir-responsabbilita' ta' għemilha. Fil-fatt jikkontendi illi l-Perit Legali *"ma tista' qatt tinjora sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati fil-vesti kriminai meta tasal għall-konklużjoni tagħha dwar ħtija tas-separazzjoni. (...) F'dan il-kaz kellha sentenza b'ammissjoni tal-attriċi u xorta din injorat din is-sentenza li wahidha hija prova ta' vjolenza serja u gravi fejn dahhlet sikkina gol-konvenut"*.[43] Il-Qorti ma taqbilx mas-sottomissjonijiet tal-konvenut, u dan għas-segwenti raġunijiet: (i) ma ressaq l-ebda prova li l-attriċi kienet biddlet ħajjitha fis-sens li qiegħed jiddeskrivi l-konvenut, (ii) ma hemm l-ebda prova li dan marret Thailand għal 21 ġurnata, u (iii) ma hemm l-ebda prova dwar l-allegata vjolenza ċjoe' tat-tkissir ta' vażuni u tazzi, jew ta' meta allegatament neħħietlu l-ħabel mill-ispira, għajr għal sentenza waħda mogħtija kontra l-attriċi. Lanqas ma taqbel il-Qorti bil-kumment frivolu u mill-aktar banali tal-konvenut li l-Perit Legali *"ghazlet li tiffoka fuq il-verżjoni attriċi forsi ghax mara hija dejjem il-parti sterjotipikament bhala 'weak party' meta fil-fatt ghamlet taghha l-attriċi ukoll"*.[44]

Jingħad illi l-Qorti ma għandha l-ebda dubju dwar il-kapaċita' tal-Perit Legali li waslet għal konklużjonijiet odjerni abbażi ta' evalwazzjoni retta tal-provi li kellha quddiemha, u mhux għax sempliċiment *'tħassret'* lill-attriċi u kkunsidrata bħala *'a weak party'*. Għaldaqstant issib tali kumment da parti l-konvenut bħala wieħed frivolu u sessist għall-aħħar għaliex il-Qorti u kif ukoll kull uffiċċjal li jaħdem sabiex isseħħ ġustizzja żgur mhux forsi ma jħarsux lejn uċuħ u sessi, iżda jagħmlu ġustizzja abbażi tal-provi mresqa u xejn aktar. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li l-Perit Legali fil-fatt ħadet konjizzjoni tal-inċident li seħħ f'Awwissu 2008, tant li saħqet *"veru li kien hemm l-incident ta' Awissu 2008 u huwa minnu wkoll li l-mara ammettiet l-akkuzi izda huwa minnu wkoll li hija agixxiet sabiex issalvha lil binha u għal xejn aktar u ghalhekk ma jistghax jinghad li hija ghamlet dan biex tahqar lil zewgha. Kif ukoll li tali incident gara wara li z-zwieg*

[41] Fol. 892.
[42] Fol. 58.
[43] Fol. 1617.
[44] Fol. 1618.

*kien ilu li tfarrak ghal aktar minn ghaxar (10) snin qabel".*[45] Il-Qorti tara li għalkemm l-attriċi ammettiet l-akkużi, hija tara li din kienet l-unika prova ta' vjolenza da parti l-attriċi mresqa mill-konvenut, irrespettivament jekk kienetx qiegħda tittenta ssalva lil binha *o meno*, u b'hekk kif tgħallimna l-ġurispruddenza fin-nuqqas ta' prova li tistabbilixxi atittudni vjolenti ripettitiva da parti l-attriċi, il-Qorti ma tistgħax issibha ħatja ta' vjolenza fil-konfront ta' żewġha hekk kif tali episodju jirriżulta li huwa wieħed iżolat u singolari.

Għaldaqstant u tenut kont tas-suespost, jirriżulta b'mod inekwivoku illi hemm lok għall-pronunzja tas-separazzjoni personali bejn il-partijiet, u dan tenut kont tal-fatt ukoll illi mill-atti jirriżulta illi l-partijiet ilhom jgħixu separatament għal numru ta' snin u li ma jidhirx li hemm lok għal rikonċiljazzjoni bejniethom. Adoperat dan ir-raġjunament għall-każ partikolari hawn fuq eżaminat, jibbasta biex jikkonvinċi illi l-azzjoni odjerna hija ġustifikata abbażi tal-Artikolu 40 tal-Kodiċi Ċivili. B'hekk il-Qorti għandha raġunijiet serji sabiex tasal għal konkluzjoni li ż-żwieġ tkisser b'mod irrimedjabbli, u konsegwentament issib lil konvenut ħati ta' vjolenza, moħqrija u inġurji gravi, u dana mill-1 ta' Settembru 2001 – ċjoe' ix-xahar li fih l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali għall-ewwel darba.

## 4. Dwar l-Applikazzjoni tal-Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili fil-Konfront tal-Attriċi u l-Konvenut:

Fil-każ odjern, l-attriċi titlob lill-Qorti sabiex tapplika fil-konfront ta' żewġha d-dekadenzi stipulati fl-Artikoli 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili. Min-naħa tiegħu, il-konvenut jgħid illi tali disposizzjonijiet tal-liġi għandhom japplikaw fil-konfront tal-attriċi.

Jiġi ribadit illi l-firda personali motivata mill-adulterju u l-abbandun, iġibu magħhom, skond il-liġi, konsegwenzi ibsin, liema konsegwenzi huma mandatorji u jridu jiġu applikati fil-konfront ta' di il-parti misjuba ħatja għat-tifrik taż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili. Dana b'differenza mill-motivi l-oħra tas-separazzjoni personali fejn il-Qorti għandha d-diskrezzjoni, ai termini tal-Artikoli 51 u 52 tal-istess Kodiċi, jekk tapplikax jew le dawn id-dekadenzi.

Fil-każ odjern, il-konvenut instab unikament ħati għat-tkissir taż-żwieġ tal-partijiet minħabba vjolenza, moħqrija u inġurji gravi. Tenut kont taċ-ċirkostanzi, il-Qorti qiegħda tapplika fil-konfront biss tal-konvenut l-effetti *in toto* tal-Artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili, fosthom illi tiddikjara, illi bl-imġieba tiegħu ddekada mid-dritt tiegħu li jirċievi manteniment mingħand l-attriċi.

---
[45] Fol. 1513.

## 5. Manteniment lill-Attriċi u lil-Konvenut:

Fir-rikors ġuramentat tagħha, l-attriċi tagħmel talba sabiex din l-Onorabbli Qorti tordna lill-intimat iħallas manteniment għaliha personali fi-somma ta' €700 fix-xahar. Min-naħa l-oħra, il-konvenut ukoll jitlob lill-Qorti sabiex tordna lill-attriċi tħallas manteniment adegwat għalih. Fl-ewwel lok il-Qorti tibda sabiex tirrileva li in vista li l-konvenut instab ħati għat-tifrik taż-żwieġ, il-Qorti applikat fil-konfront tiegħu s-sanzjonijiet kif stipulati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili u dan kif spjegat fir-raba' taqsima ta' din is-sentenza, tant li l-attriċi ma għandha bl-ebda mod tipprovdi manteniment lil żewġha. Min-naħa l-oħra, u fid-dawl tal-fatt li l-attriċi ma nstabitx ħatja bħall-konvenut, l-attriċi jibqala' l-jedd li titlob il-manteniment minn għand żewġha u dan skont l-obbligu li jitnissel miż-żwieġ ai termini tal-Artikolu 54 tal-Kodiċi Ċivili. Madanakollu għandu jiġi ribadit illi *"il-kundanna ta' hlas ta' manteniment ma hiex marbuta mal-htija ghat-tkissir taz-zwieg izda mac-cirkostanzi partikolari tal-kaz referibbli ghad-dhul rispettiv tal-partijiet u l-htigijiet taghhom"*.[46]

F'dan ir-rigward, jirriżulta li l-Perit Legali wara li ħadet konjizzjoni tad-dħul tal-partijiet waslet għal konklużjoni illi *"in vista tal-fatt li l-konvenut jista' jkollu introjtu ehor mill-kirjiet ta' l-isnack bar u tal-garage l-manteniment ta' €700 fix-xahar lill-attriċi ghandu jibqa' fis-sehh tenut kont ukoll li l-bolla mhallsa mil-konvenut sabiex illum qed jiehu l-pensjoni u tal-bollol giet imhalsa minn flus appartenenti l-komunjoni tal-akkwisti"*.[47]

Fil-każ odjern, il-Qorti tara li mill-atti jirriżulta li fil-mori tal-kawża odjerna, l-attriċi kienet qiegħda titħallas is-somma ta €698.81 kull erba' (4) ġimgħat bħala manteniment u dan bis-saħħa ta' digriet *pendente lite* mogħti nhar is-6 ta' Lulju 2009.[48] Barra minn hekk fix-xhieda tagħha, l-attriċi tikkonferma li ma hemmx arretrati ta' manteniment, iżda tilmenta dwar il-fatt li l-manteniment jitħallas dejjem tard. Magħdud mal-premess u fiċ-ċirkostanzi, il-Qorti tara li fil-preżent l-attriċi għandha tnejn u sebgħin (72) sena, filwaqt li l-konvenut għandu erbgħa u sebgħin (74) sena, u b'hekk ma hemm l-ebda dubju li ż-żewġ partijiet jinsabu fl-eta' pensjonabbli. Fil-fatt mix-xhieda tar-rappreżenU tad-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali jirriżulta li sas-6 ta' Marzu 2013, il-konvenut kien qiegħed jipperċepixxi mill-pensjoni taż-żewġ terzi flimkien ma' bonus fis-somma ta' €193.29 fil-ġimgħa,[49] u sal-14 ta' Diċembru 2017 l-konvenut kien qiegħed jiriċievi l-istess pensjoni iżda fis-somma ta' €191.75 fil-ġimgħa filwaqt li l-attriċi ġie ddikjarat li kienet qiegħda tipperċepixxi biss benefiċċju tal-kontribuzzjonijiet nieqsa fis-somma ta' €240 fis-sena. Magħdud ma' dan, il-Qorti tara li l-attriċi tiddikjara li l-flus li wirtet

---

[46] Ara s-sentenza fl-ismijiet **Donald Pirotta vs Elizabeth Pirotta**, deċiza mill-Qorti tal-Familja nhar is-17 ta' Ottubru 2016, mhux appellata.
[47] Fol. 1533.
[48] Fol. 1177.
[49] Fol. 465, 468.

investithom u b'hekk tibbenefika minn interessi ta' €314 fis-sena.[50] Għaldaqstant id-dħul tal-attriċi fis-sena huwa ċirka €554, filwaqt li tal-konvenut huwa dak ta' madwar €10,140 fis-sena.[51] Mill-atti jirriżulta ukoll li l-partijiet ilhom ma jdaħlu kirja mill-garaxx u kif ukoll mill-i*snack bar*.

Stabbilit il-premess, il-Qorti tara illi fl-affidavit tagħha, l-attriċi kienet saħqet illi *"nixtieq ukoll nofs il-pensjoni sabiex jekk jinghalaq il-hanut, ikolli fuqhiex inserrah"*.[52] Konsegwentament f'nota ġuramentata, l-attriċi saħqet illi *"jekk dan isir (u ċjoe' l-qasma tal-komujoni tal-akkwisti kif tixtieq hi) jiena kuntenta li nibqa' nippercepixxi l-manteniment prezenti, u anke li nkun xi ftit flessibbli. Jekk il-qasma tigi ordnata mod iehor, jiena nixtieq li l-manteniment jizdied ghal almenu elf u hames mitt euro"*.[53] Abbażi taċ-ċirkostanzi tal-każ, tal-eta' tal-partijiet u kif ukoll dak li ha jirriżulta mil-likwidazzjoni, diviżjoni u assenjazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti tara li fiċ-ċirkstanzi ikun idoneju illi l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi bħala manteniment nofs il-pensjoni u kwalsiasi altru dħul li huwa jipperċepixxi mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, b'dana illi nofs tali pensjoni u benefiċċji ulterjuri għandhom jiġu depożitati direttament lill-attriċi mill-imsemmi Dipartiment f'dak il-kont bankarju li fih jidħol il-benefiċċju tan-nuqqas ta' kontribuzzjonijet soċjali mħallsa.

## 6. Id-Dritt ta' Residenza ġewwa d-Dar Matrimonjali:

Il-Qorti tara li l-konvenut ressaq talba sabiex jingħatalu d-dritt li jgħix u jabita ġewwa d-dar matrimonjali bl-indirizz "Qalb ta' Ġesu, Triq Manuel Bonnici, Burmarrad" ad esklużjoni tal-attriċi, u dan stante li din hija parafernali tiegħu.[54]

Mill-atti huwa ppruvat illi l-art li fuqha nbniet id-dar matrimonjali tal-partijiet hija parafernali tal-konvenut, u dan permezz ta' kuntratt u kif ukoll minn dikjarazzjoni tal-attriċi stess. Fit-taqsima tat-terminazzjoni, likwidazzjoni u diviżjoni ta' dak kollu li jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti, il-Qorti tara illi anke' l-benefikati fuq tali art saru minn flus parafernali, u għalhekk il-Qorti tara illi din id-dar hija tal-konvenut u hija moralment konvinta li d-dritt ta' residenza għandu jibqa' f'idejn il-konvenut u dan tenut kont ukoll illi l-attriċi għandha d-dritt ta' residenza fl-appartament li jinsab f'Bistra House.

---

[50] Fol. 1141.
[51] Maħduma fuq pensjoni ta' madwar €195 fil-ġimgħa (stante li mill-2017 sal-preżent, żgur li kien hemm inflazjoni fil-pensjoni) għal 52 ġimgħa.
[52] Fol. 12.
[53] Fol. 59.

**7. It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Diviżjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali:**

Il-Qorti tirrileva illi ġialadarba l-partijiet iżżewġu nhar it-8 ta' Awwissu 1971, din id-data għandha titqies bħala d-data li fiha ġiet stabbilita l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet.

*Terminazzjoni tal-Komunjoni tal-Akkwisti*

Bis-saħħa tal-preżenti sentenza, il-Qorti qiegħda tittermina l-komunjoni tal-akkwisti sal-lum eżistenti bejn il-partijiet.

*Elenku ta' dak kollu li Jifforma parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti, il-Likwidazzjoni, id-Divizjoni u l-Assenjazzjoni tagħhom*

Wara li l-Qorti ħadet konjizzjoni tal-atti kollha, il-Qorti tara illi s-segwenti jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti:

| | | |
|---|---|---|
| 1 | **Ir-rikavat tal-immobbli Arcville fi Triq il-Magħsar Burmarrad:**<br><br>Din kienet art li nxtrat fiż-żwieġ u kienet isservi bħala l-ewwel dar matrimonjali tal-partijiet. Għalkemm il-konvenut jisħaq li l-flus li ntużaw għax-xiri ta' din id-dar kienu parafernali, ta' dan ma tresqet l-ebda prova. Konsegwentament tali immobbli nbiegħet permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Ottubru 1999 versu l-prezz ta' Lm52,000 (€121,160); | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Il-Qorti tara li l-verżjoni tal-konvenut dwar x'sar b'dan ir-rikavat ma huwiex konsistenti, hekk kif: (i) min-naħa waħda jgħid illi użah sabiex jibni Bistra House, Plot 7, Raba', u Plots tas-Salina, a fol. 1229, filwaqt li (ii) min-naħa l-oħra saħaq li ta nofs il-flus lil martu, u bin-nofs l-ieħor xtara l-Pajero, a fol. 1228. Fil-verita' il-Qorti tara li tagħmel ftit li xejn differenza ta' x'sar b'tali flus stante li huma kienu tal-komunjoni u baqgħu tal-komunjoni. Min-naħa l-oħra, l-attriċi tgħid li minn tali somma hija ħadet is-somma ta' Lm20,000 u l-bqija ħadhom il-konvenut. Il-Qorti temmen l-verżjoni tal-attriċi u ċjoe' li ħadet biss is-somma ta' Lm20,000 u dan tenut kont tal-kontroll finanzjarju da parti l-konvenut u kif ukoll in-nuqqas ta' kredibilita' fil-verżjoni tiegħu. |

| | | |
|---|---|---|
| | | Fid-dawl ta' dan, il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni tas-somma ta' Lm52,000 kif imniżżla fil-kuntratt ta' bejgħ, u tara li fil-verita' l-attriċi kien imissha s-somma ta' Lm26,000 u mhux Lm20,000. Għalhekk din id-differenza ta' Lm6,000 (€13,980)trid titħallas mill-konvenut lil attriċi. |
| | | |
| 2 | **Bistra House**, li hija komposta minn:<br><br>(i) **Snack Bar In and Out**,<br><br>(ii) **Appartament**, u<br><br>(iii) **l-Arja sovrasU**:<br><br>L-art jew aħjar 'Plot D' li tifforma parti mill-art tax-'Xurraf' f'Burmarrad Road, Burmarrad, ġiet mxtrija permezz ta' kuntratt datat 20 ta' Jannar 1988, a fol. 78, 1270.<br><br>Il-konvenut jallega illi l-art in kwistjoni li fuqha hija mibnija Bistra House ġiet mixtrija minn flus parafernali tiegħu, a fol. 1229. Madanakollu ta' dan ma hemm l-ebda prova. | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Il-Qorti taqbel mal-assenjazzjoni tal-Perit Legali u ċjoe' illi l-attriċi tiġi assenjata l-appartament u l-arja sovrasU, filwaqt li l-konvenut jiġi assenjat l-i*snack bar*. |
| | | |
| 3 | **Erba' (4) biċċiet raba' tal-'Wileġ' li jinsabu limiti ta' San Pawl il-Baħar:**<br><br>Dawn ir-raba' ġew mixtrija permezz ta' kuntratt datat 22 ta' Frar 1993, a fol. 82, 1297, u kuntratt ieħor datat 16 ta' Novembru 1981, a fol. 86; | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Il-Qorti taqbel mal-assenjazzjoni tal-Perit Legali u ċjoe' illi biċtejn mir-raba' jiġu assenjati lill-attriċi, filwaqt li t-tnejn l-oħra lil konvenut. B'dana illi r-raba' li għandhom jiġu assenjati lil partijiet għandhom jitilgħu bil-polza u dan fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet. |
| | | |
| 4 | **Żewġ plots fabrikabbli imFati bin-numri 122 u 123 formanti parti mill-artijiet imsejħa 'Il-Ħofra tas-Salina', 'L-Għerp tas-Salina' u 'ta'** | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Il-Qorti taqbel mal-assenjazzjoni tal-Perit Legali u ċjoe' illi waħda mil-plots tiġu assenjata lill-attriċi, filwaqt |

| | | |
|---|---|---|
| | **Luqa' fil-kontrada tas-Salina limiti tan-Naxxar:**<br><br>Dawn il-plots ġew mixtrija permezz ta' kuntratt datat 25 ta' Jannar 1984, a fol. 1268. | li l-oħra lil konvenut. B'dana illi l-plots li għandhom jiġu assenjati lil partijiet għandhom jitilgħu bil-polza u dan fin-nuqqas ta' qbil bejn il-partijiet. |
| | | |
| 5 | **Art fabrikabbli u diviża, formanti parti mill-klawsura denominata "ta' Ghaerux" fil-kuntrada ta' Burmarrad, Burarrad:**<br><br>Din il-porzjon ta' art ġiet mixtrija permezz ta' kuntratt datat 27 ta' Jannar 1978, a fol 1264. | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Il-Qorti tara li din il-porzjon ta' art ma ġietx kkunsidrata mill-Perit Legali, u għalhekk għandha titpoġġa għal bejgħ fuq is-suq miftuħ b'dan li l-partijiet għandhom iqabdu 3 estate agents imqabbda wieħed mill-attriċi, wieħed mill-intimat u ieħor maqbul bejniethom sabiex issir stima tal-istess art u jittieħed average tal-valur mogħti minnhom u dan fi żmien massimu ta' xahrejn mid-data li din is-sentenza tgħaddi in ġudiat, b'dana li r-rikavat għandu jinqasam b'mod ugwali bejn il-partijiet. |
| | | |
| 6 | **Ir-raba' bi qbiela:**<br><br>(i) *Tenement* 50352, ossija *8th Portion Farm* Benwarrat Naxxar, mikri lil konvenut u lil E B in solidum mill-1 ta' Jannar 1995, a fol. 405, 410, 1292, 1293. Madanakollu tali raba' llum tinsab reġistrata fuq F B u Gio Maria B, a fol. 1245;<br><br>(ii) *Tenement* 83178, ossija Ħabel ix-Xini limiti ta' Burmarrad, li kienet fuq isem il-konvenut mis-16 ta' Awwissu 1991 sal-1 ta' Frar 2010, u llum tinsab fuq isem F B, a fol. 405, 414, 415, 1247.<br><br>(iii) *Tenement* 50356, ossija *12th Portion Farm* Benwarrat Naxxar, li kienet mikrija lil ħafna nies in solidum inkluż lil konvenut u lil attriċi mis-16 ta' Awwissu 1994, a fol. 1289, u llum | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Rigward il-qbiela ta' dawn ir-raba', il-Qorti tara li dawn il-qbiela illum jinsabu fuq isem binhom F B u dan stante trasferiment li għamel unilateralment il-konvenut. Fi kwalunkwe każ, il-Qorti kienet xorta waħda *se mai* kienet tassenjahom lil konvenut u għalhekk mhux ser tieħu konjizzjoni ulterjuri tagħhom. |

| | | |
|---|---|---|
| | tinsab fuq isem F B, a fol. 405, 421, 422, 423, 1246. | |
| | | |
| 7 | **Benefikati fuq Plot 12 ta' San Pawl Milqi Burmarrad, ċjoe' id-Dar Matrimonjali, *showroom*, u 3 garaxxijiet, inkluż Jasmine Garage mibni fuq Plot 7 ġewwa San Pawl Milqi Burmarrad:**<br><br>(i) Ħlas lil Perit Ludovico Micallef fl-ammont komplessiv ta' Lm16,908.66 (€39,397.18), a fol. 703 – 718;<br><br>(ii) Ħlas lil kuntrattur V W fl-ammont ta' Lm9,623 (€22,421.59), a fol. 719 – 724;<br><br>(iii) Ħlas ta' materjal lil Ballut Bricks, fl-ammont ta' Lm6,935.9 (€16,190.64) a fol. 725 – 784.<br><br>B'hekk it-total ta' spejjeż kien dak ta' Lm33,467.56 (€77,979.41).<br><br>Il-konvenut jisħaq illi dawn il-benfikati saru mill-bejgħ tal-art parafernali tiegħu ġewwa Saint Mary Street, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar, a fol. 402. Fil-fatt huwa jikkontendi illi l-ameljoramenti saru b'xogħolu u l-flus parafernali tiegħu. | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Rigward dawn il-benefikati, il-Qorti taqbel mal-konsiderazzjoni tal-Perit Legali u b'hekk hija moralment konvinta illi dawn il-benefikati saru minn somma parafernali tal-konvenut u ċjoe' mir-rikavat tal-bejgħ tal-art f'St Mary Street Buġibba li għaddiet għandu permezz ta' donazzjoni minngħand il-ġenituri tiegħu. Ir-rikavat kien dak ta' Lm30,000 (€69,000), u kif qalet tajjeb il-Perit Legali mill-atti ma jirriżultax li tali somma ġiet depożitata f'xi kont bankarju. Għalhekk meta wieħed jara illi l-ammont minfuq għal dawn il-benifikati huwa dak ta' Lm33,467.56 (€77,979), u l-ammont parafernali tal-konvenut użat għal tali skop huwa dak ta' Lm30,000 (€69,900), jifdal bilanċ ta' €8,079 – liema somma tifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Fid-dawl ta' dan, il-Qorti tara illi l-attriċi għandha tingħata mill-konvenut is-somma ta' €4,039.50 bħala sehemha minn tali somma li ntużat għal benefikati in kwistjoni. |
| | | |
| 8 | **Kontijiet Bankarji tal-konvenut u l-attriċi, fuq isimhom kif ukoll konġuntivament, u li għadhom attivi** | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Fir-rigward tal-kontjiet bankarji intestati fuq isem il-mara, il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali u ċjoe' illi: (i) is-somma ta' €27,653.51 li kienet qiegħda tiġi trasferita mill-kontijiet bankarji mal-HSBC Bank Malta plc għandha tibqa' miżmuma mill-attriċi sabiex tagħmel tajjeb għal sehemha parafernali li ġej mill-wirt, (ii) is-somma ta' €20,293.73 |

| | | |
|---|---|---|
| | | miġbuda mill-kont bankarju tal-Bank of Valletta plc għandhom jibqgħu miżmuma għand l-attriċi, sabiex parti minnha ukoll tagħmel tajjeb għal sehemha parafernali li ġej mill-wirt.<br><br>Madanakollu l-Qorti tara illi l-attriċi għandha tirrifondi lil konvenut is-somma ta' €5,671.41, ossija nofs is-somma ta' €11,342.81 (ċjoe' il-bilanċ rimanenti wara li tkun tnaqqset is-somma parafernali tal-attriċi ta' €36,604.43 minn dak l-ammont ta' €47,947.24 miġbud minnha mill-kontijiet bankari varji).<br><br>Konsegwentament, il-Qorti tara ukoll kull somma oħra misjuba depożitati fil-kontijiet bankarji intestati fuq l-attriċi għandhom jiġu ugwalment diviżi bejn il-partijiet u dan fiċ-ċifri elenkati mill-Perit Legali stess.<br><br>Fir-rigward tal-kontijiet bankarji intestati fuq isem il-konvenut, il-Qorti taqbel mal-konklużjonijiet tal-Perit Legali u ċjoe' illi: (i) is-somma ta' €22,059.21 żbankati mill-kont bankarju mal-HSBC Bank Malta plc għandha tibqa' miżmuma mill-konvenut sabiex tagħmel tajjeb għal sehemu parafernali li ġej mill-wirt, (ii) mis-somma sekwestrata ta' €12,853.62, is-somma ta' €6,666.07 għandha tiġi assenjata lil konvenut sabiex din ukoll tagħmel tajjeb għal sehemu parafernali li ġej mill-wirt.<br><br>Konsegwentament, il-Qorti tara ukoll kull somma oħra misjuba depożitati jew sekwestrata fil-kontijiet bankarji intestati fuq il-konvenut għandhom jiġu ugwalment diviżi bejn il-partijiet u dan fiċ-ċifri elenkati mill-Perit Legali stess. |
| | | |

| | | |
|---|---|---|
| 9 | **Polza tal-Assigurazzjoni:**<br><br>Fuq isem l-attriċi hemm polza ta' assigurazzjoni attiva, a fol. 883; | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Il-Qorti taqbel mal-Perit Legali, fis-sens illi din il-polza għandha tibqa' fuq isem l-attriċi, b'dana illi hija tirrifondi lil konvenut nofs il-pagamenti li hija għamlet għal tali polza. |
| | | |
| 10 | **Investimenti:**<br><br>(i) Investiment mal-Global Capital taħt l-isem ta' *The Property Fund* bin-numru 2006010052 fuq isem il-konvenut mit-18 ta' Awwissu 2006 u dan fl-ammont ta' €40,009.80, vide fol. 336, iżda fix-xhieda tal-20 ta' Jannar 2012 ir-rappreżentant tal-Global Capital iddikjara illi tali investiment kien f'likwidazzjoni (a fol. 330). Madanakollu l-Qorti ma għandha l-ebda informazzjoni ulterjuri;<br><br>(ii) Investiment mal-Global Capital taħt l-isem ta' *The Protected Asset Tcp Fund No. 2 GBP* bin-numru 2006015078 fuq l-ismijiet tal-partijiet konġuntivament mis-16 ta' Awwissu 2006 u dan fl-ammont ta' GBP14,349.37, vide fol. 339;<br><br>(iii) Investiment mal-Bank of Valletta plc bin-numru 158475 fuq isem l-attriċi, a fol. 875; | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Fir-rigward ta' dawn l-investimenti, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn għandhom jingħalqu, filwaqt li s-somma likwidata għandha tinqasam ugwalment bejn il-partijiet.<br><br>Madanakollu fir-rigward tal-investiment bin-numru 2006010052 li kien jinsab diġa' in likwidazzjoni lura fl-2012, il-Qorti tara illi ġialadarba tali investiment kien jinsab fuq isem il-konvenut, teżisti l-probabilita' illi tali somma kif likwidata ġiet mgħoddija lil konvenut. Għalhekk, il-konvenut għandu jgħaddi nofs tali somma kif likwidata lill-attriċi, u dan għandu japplika għal kwalunkwe investiment ieħor li nelfrattemp leħaq ġie tterminat u likwidat. |
| | | |
| 11 | **Ishma mal-Borża ta' Malta:**<br><br>(i) Konvenut fuq ismu għandu holdings fl-Malta International Airport fl-ammont ta' 12,000, u kif ukoll fil-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' 4678, a fol. 446, 454; | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Fir-rigward ta' dawn l-ishma, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali li dawn għandhom jingħalqu, filwaqt li s-somma likwidata għandha tinqasam ugwalment bejn il-partijiet. |

| | | |
|---|---|---|
| | (ii) Attriċi fuq isimha għandha holdings fil-Bank of Valletta plc fl-ammont ta' 6,238, a fol. 832. | |
| | | |
| 12 | **Kirjiet:**<br><br>(i) Kirja lil G H mill-1 ta' Mejju 2004 sal-14 ta' Jannar 2006, u dan skont irċevuti ppreżentati fejn kienet titħallas il-kirja ta' Lm18 kuljum (€42) sal-aħħar tas-sena 2004, umbagħad ġiet awmentata għal Lm19 (ekwivalenti għal €44.27), a fol. 565, 573. Għalhekk il-kirja komplessiva għal tali perjodu kienet Lm11,629 (€27,095.57);<br><br>(ii) Kirja lil C Cutajar mill-1 ta' Settembru 2008 sal-1 ta' Settembru 2013, u dan skont skrittura datat 16 ta' Awwissu 2018 fejn il-kirja kienet ta' €25 kuljum, a fol. 406, 425. Għalhekk il-kirja komplessiva kienet ta' €45,625 għal ħames snin;<br><br>(iii) Kirja lil I K u J K mill-1 ta' Settembru 2013, u dan skont skrittura datata 6 ta' Awwissu 2013 għal perjodu ta' sitt (6) snin, fejn il-kirja kienet ta' €35 kuljum, a fol. 1118, 1123 – 1126. Madanakollu f'xhieda tagħha ta' nhar l-20 ta' Marzu 2017, l-attriċi tikkonferma li l-isnack bar ilu ma jinkera mill-21 ta' Diċembru 2015, a fol. 1141. Għalhekk il-kirja komplessiva kienet ta' €30,345;<br><br>(iv) Kirja lil Godrey M għas-sena 2009 tal-garaxx li jinsab Burmarrad Road, Burmarrad versu l-kirja ta' €50 kuljum, a fol. 1141, 1620. Il-Qorti rat li fin-nota ta' sottomissjonijiet tiegħu, il-konvenut jikkonferma dak li saħqet dwaru l-attriċi, u jammetti illi huwa kera tali garaxx għal sena waħda. | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Rigward il-kirjiet, il-Qorti tara li dawn għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni stante huwa ċar illi l-attriċi ma gawdietx minn nofs tali kirja u dan minkeja tali dħul indubjament jifforma parti mill-komunjoni tal-akkwisti. Mill-atti jidher li minn meta falla ż-żwieġ tal-partijiet, il-konvenut daħħal is-somma komplessiva ta' €121,315.57 f'kirjiet. Għalhekk il-konvenut għandu jgħaddi lill-attriċi nofs tali somma, u ċjoe' €60,657.79 rappreżenU sehemha minn tali kirjiet. |

| | | |
|---|---|---|
| | Għalhekk il-kirja komplessiva kienet ta' €18,250. | |
| | | |
| 13 | **Vetturi fuq isem il-Konvenut:**<br><br>Fil-preżent (ċjoe' id-data tax-xhieda tar-rappreżentant ta' Transport Malta, 23 ta' Ottubru 2012), il-konvenut għandu fuq ismu, a fol. 439 - 446:<br><br>(i) **International B614 bin-numru ta' reġistrazzjoni E9386** li ilha garaged sa mill-11 ta' Awwissu 1997;<br><br>(ii) **Honda Accord bin-numru ta' resġistrazzjoni FAA-643** li ilha garaged mill-31 ta' Mejju 2011;<br><br>(iii) **Isuzu Trooper bin-numru ta' reġistrazzjoni JBO-247**;<br><br>Fil-passat il-konvenut kellu fuq ismu, a fol. 447:<br><br>(i) **Rover 2000 bin-nurmu ta' reġistrazzjoni BAV-417**, u dan għal perjodu bejn is-17 ta' Marzu 1995 sal-31 ta' Mejju 1996;<br><br>(ii) **Nissan Coball bin-numru ta' reġistrazzjoni HAO-384**, u dan għal perjodu bejn id-9 ta' Ġunju 1994 sal-25 ta' Novembru 1996;<br><br>(iii) **Mitsubishi Strada bin-numru ta' reġistrazzjoni VIP-772**, u dan għal perjodu bejn it-3 ta' Diċembru 1999 sat-12 ta' Ġunju 2003;<br><br>(iv) **Toyota Dyna bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD-387**, u dan għal perjodu bejn is-26 ta' Ottubru 1984 sal-5 ta' Settembru 2002;<br><br>(v) **Zetor bin-numru ta' reġistrazzjoni IAB-631**, u dan għal | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Fir-rigward tal-vetturi, il-Qorti taqbel mal-Perit Legali u ċjoe' illi għandha ssir valutazzjoni tal-vettura tat-tip Mitsubishi Pajero bin-numru ta' reġistrazzjoni DID-032 fis-sena 2008 u l-vettura tat-tip Toyota Dyna bin-numru ta' reġistrazzjoni BAD-387 fis-sena 2002, u l-konvenut jgħaddi nofs tali valur lill-attriċi bħala sehemha mill-istess. Barra minn hekk, u fir-rigward tal-vetturi tat-tip International B614 bin-numru ta' reġistrazzjoni E9386, Honda Accord bin-numru ta' reġistrazzjoni FAA-643 u Isuzu Trooper bin-numru ta' reġistrazzjoni JBO-247, għandhom jiġu assenjati lil konvenut filwaqt li ssir stima tal-valur tagħhom fil-preżent u jgħaddi lill-attriċi nofs tali valur bħala sehemha mill-istess vetturi. |

| | | |
|---|---|---|
| | perjodu bejn is-6 ta' Lulju 1995 u l-10 ta' Lulju 1995;<br><br>(vi) **Mitsubishi Pajero bin-numru ta' reġistrazzjoni DID-032**, u dan għal perjodu bejn it-13 ta' Ġunju 2003 sal-31 ta' Ottubru 2008, hekk kif din għaddiet fuq isem F B;<br><br>(viii) **Daihatsu Fourtrak bin-numru ta' reġistrazzjoni FWD-457**, u dan għal perjodu bejn il-15 ta' Mejju 1996 sas-6 ta' Jannar 2000;<br><br>(ix) **Toyota Dyna 300 bin-numru ta' reġistrazzjoni AAG-139**, u dan għal perjodu bejn is-16 ta' April 1996 sat-13 ta' April 1998. | |
| | | |
| 14 | **Bejgħ ta' Mobbli:**<br><br>Skont skrittura datata 6 ta' Awwissu 2013, il-konvenut biegħ lil I u J K numru ta' mobbli li jinsabu ġewwa l-i*snack* bar versu l-prezz ta' €78,875; | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Rigward il-bejgħ tal-mobbli ġewwa l-i*snack bar*, il-Qorti tara li l-Perit Legali tisħaq ili fl-atti ma hemmx prova tal-allegat bejgħ. Madanakollu l-Qorti tara li hemm skrittura ta' bejgħ tal-imsemmija mobbli fl-2013. Għalhekk tenut kont tali ftehim, il-konvenut għandu jgħaddi lil attriċi s-somma ta' €39,437.50 rappreżenU sehemha minn tali mobbli. |
| | | |
| 15 | **Mobbli:**<br><br>(i) Dak kollu li jinsab fid-dar matrimonjali 'Qalb ta' Ġesu' Triq Manwel Bonniċi Burmarrad, kif elenkat fil-mandat ta' deskrizzjoni, a fol. 102. Il-Qorti tara li għalkemm l-attur jgħid li din il-mobbli ġejja minn wirt tiegħu, ma tresqet l-ebda prova għal tai allegazzjoni;<br><br>(ii) Dak kollu li jinsab fis-*safe*, kif elenkat fil-mandat ta' deskrizzjoni, a fol. 102. Il-Qorti li l-attriċi tisħaq illi | **Konsiderazzjoni:**<br><br>Fir-rigward tal-mobbli: (i) fid-dar matrimonjali 'Qalb ta' Ġesu' Triq Manwel Bonnici, Burmarrad', inkluż is-*safe*, (ii) fix-*showroom*, (iii) fil-garaxxijiet kollha, (iv) fil-*business premises*, il-Qorti tara illi dawn il-mobbli ġew kollha elenkati fil-mandat ta' deskrizzjoni, u għalhekk dawn il-mobbli għandhom jiġu stmati minn nies fil-qasam, b'dana illi l-mobbli jiġu assenjati lil konvenut jew inkella jibqgħu jgħajtu lil F B skont il-każ |

| | | |
|---|---|---|
| | qabel ma telqet mid-dar matrimonjali kien hemm ċirka Lm55,000 konU fis-safe. Prova ta' dan ma tresqitx, u għalhekk il-Qorti tista' tieħu biss in konsiderazzjoni ta' dak li l-marixxalli sabu fis-safe fil-mument li sari l-mandat ta' deskrizzjoni u ċjoe is-somma ta' €4,000;<br><br>(iii) Dak kollu li jinsab fis-showroom, kif elenkat fil-mandat ta' deskrizzjoni, a fol. 102;<br><br>(iv) Dak kollu li jinsab fil-garaxxijiet, kif elenkat fil-mandat ta' deskrizzjoni, a fol. 102;<br><br>Il-Qorti tara li fl-atti ġie kkonfermat minn F B stess illi mill-2008 'il quddiem, il-konvenut beda jgħaddilu raba' fuq ismu, muturi, karozzi u van bil-patt u kunizzjoni li jieħu ħsiebu, a fol. 540. | (ċjoe' dawk li jinsabu diġa' fuq ismu), filwaqt li l-konvenut għandu jagħti lill-attriċi nofs il-valur tal-istess mobbli <u>kollha</u>, rappreżenU sehemha mill-istess mobbli, inkluż dawk li huwa ttrasferixxa lil F B mingħajr il-kunsens tal-attriċi.<br><br>B'referenza partikolari għal flus id-dar, il-Qorti tara li skont il-mandat ta' deskrizzjoni l-marixxall sab biss is-somma ta' €4,000 fi flus konU. Min-naħa l-oħra, il-Perit Legali tagħmel referenza għal dak li ddikjarat l-attriċi u ċjoe' li ftit qabel ma telqet mid-dar, żewġha għamel il-kont tal-flus li kellhom id-dar fis-safe u rat quddiem għajnejha li kien hemm is-somma ta' Lm55,000, filwaqt li tikkontendi illi hija temmen lill-attriċi u b'hekk il-konvenut għandu jgħaddi lil martu s-somma ta' Lm27,500 (€64,075). Madanakollu l-Qorti ma tħossx li għandha tikkondividi l-ħsieb tal-Perit Legali stante li ma tresqet l-ebda prova rigward dan. Għalhekk il-Qorti hija tal-fehma li fin-nuqqas ta' prova, il-flus li għandhom jittiehdu in konsiderazzjoni huma proprju dawk li ġew miskuba mill-marixxall u mniżżla fil-mandat ta' deskrizzjoni, b'dana illi l-attriċi għandha tiġi assenjata nofshom. |

Magħdud mal-premess u tenut kont tal-fattispeċji tal-każ in eżami, il-Qorti tinsab moralment konvinta illi l-attriċi għandha *di piu'* tiġi assenjata s-somma €50,000 mill-konvenut sabiex tkopri:

i. Sehemha mid-dħul tal-konvenut minn meta ż-żwieġ tkisser irrimedjabilment, liema dħul l-attriċi ma gawdietx minnu fl-intier tiegħu; u,

ii. Xorta ta' kumpens għat-tbatija li sofriet minnu l-attriċi matul dawn is-snin taż-żwieġ filwaqt li żewġha kien qiegħed jonqos lill-attriċi bl-aġir tiegħu.

<u>*Elenku tal-Assi Parafernali tal-Partijiet u l-Assenjazzjoni tagħhom*</u>

Fir-rigward ta' assi parafernali, il-Qorti tara illi:

iii. L-attriċi għandha sehemha minn proprjeta' tal-ġenituri tagħha, liema proprjeta' ġiet mibjugħa permezz ta' kuntratt datat 12 ta' Ġunju 2013, u b'hekk sehemha huwa ekwivalenti għas-somma ta' €36,604.43.[55] Din is-somma ġiet ikkonsidrata fil-likwidazzjoni ta-komunjoni tal-akkwisti;

iv. Il-konvenut għandu sehemu mill-wirt tal-ġenituri fi flus, u ċjoe' Lm4,455.66 (€10,381.68) u GBP16,245.56 (€18,343.60),[56] total ta' €22,059.21. Din is-somma ġiet ikkonsidrata fil-likwidazzjoni ta-komunjoni tal-akkwisti;

v. Permezz ta' kuntratt datat 19 ta' Ġunju 1994,[57] il-ġenituri tal-konvenut ttrasferixxew fuq binhom il-konvenut permezz ta' donazzjoni:

a. Biċċa art ġewwa Saint Mary Street, Buġibba, limiti ta' San Pawl il-Baħar: Din il-plot ġiet mibjugħa mil-konvenut permezz ta' kuntratt datat 7 ta' Jannar 1995 versu l-prezz ta' Lm30,000 (€69,900);[58]

b. Plot bin-numru 7 formanti parti mill-artijiet magħrufa bħala 'Ta' San Pawl Milqi' ġewwa Burmarrad: Din il-plot ġiet maqsuma fi tnejn, u ġiet mgħoddija mill-konvenut lil uliedu F u D B permezz ta' skrittura datata 18 ta' Mejju 1995;[59]

c. Plot bin-numru 12 formanti parti mill-artijiet magħrufa bħala 'Ta' San Pawl Milqi' ġewwa Burmarrad: Fuq din il-plot ġiet mibnija id-dar matrimonjali tal-partijiet, flimkien ma' *showroom* u garaxxijiet. Rigward il-benefikati dawn ġew trattati fit-taqsima ta-likwidazzjoni tal-kounjoni tal-akkwisti;

d. Garaxx bla numru iżda bl-isem ta' Anġlu Garage f'Burmarrad Road, Burmarrad: Dan ma jidhirx li ġie mibjugħ u għalhekk huwa parafernali tal-konvenut.

**DEĊIDE:**

---

55 Fol. 1137.
56 Fol. 1145-1146.
57 Fol. 97, 1282.
58 Fol. 1273.
59 Fol. 1161, 1163.

Għalhekk u għal dawn il-motivi, filwaqt li tiddisponi mill-eċċezzjonijiet sollevati miz-zewġ partijiet, din il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi din il-kawza billi:

Fir-rigward it-talbiet attriċi:

1. Tilqa' l-ewwel u t-tieni talba attriċi, u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet stante li l-ħajja ta' bejn il-partijiet m' għadhiex iktar possibbli għaliex iz-zwieġ tkisser b'mod irremidjabbli, u dan minħabba vjolenza, moħqrija u inġurji gravi da parti tal-konvenut, u dana mill-1 ta' Settembru 2001, ċjoe' ix-xahar li fih l-attriċi telqet mid-dar matrimonjali għall-ewwel darba; filwaqt li tawtorizza lill-attriċi tgħix separatament minn ma' żewġha; Il-Qorti qiegħda tindika li n-numru progressiv ta' reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ tal-partijiet huwa 1499/1971, u konsegwentament tordna lir-Reġistratur tal-Qorti jinnotifika lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku b'din is-sentenza ta' separazzjoni personali fi zmien tletin (30) jum mil-lum;

2. Tilqa' it-tielet talba attriċi u tordna lil konvenut iħallas lill-attriċi bħala manteniment nofs il-pensjoni u kwalsiasi altru dħul li huwa jipperċepixxi mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, b'dana illi nofs tali pensjoni u benefiċċji ulterjuri għandhom jiġu depożitati direttament lill-attriċi mill-imsemmi Dipartiment f'dak il-kont bankarju li fih jidħol il-benefiċċju tan-nuqqas ta' kontribuzzjonijet soċjali mħallsa;

3. Tilqa' r-raba' talba attriċi u tapplika kontra l-konvenut is-sanzjonijiet *in toto* kif elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kodiċi Ċivili;

4. Tilqa' l-ħames talba rigward il-beni parafernali;

5. Tilqa' is-sitt talba u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tas-seba' (7) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' *'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'*; filwaqt tinnomina lin-Nutar Dr. Sean Critien sabiex jirċievi kwalsiasi att relattiv u l-kuraturi deputati Dr. Christopher Chircop u P.L. Nicky Aquilina sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

Fir-rigward tat-talbiet rikonvenzjonali:

1. Tilqa' limitatament l-ewwel talba rikonvenzjonali, b'dana illi tippronunzja s-separazzjoni personali bejn il-partijiet iżda dan minħanbba tortijiet imputabbli lil konvenut, filwaqt li tawtorizza lill-konvenut jgħix separatament mill-attriċi;

2. Tiċħad it-tieni talba rikonvenzjonali rigward id-dritt tal-attriċi li titlob u/jew tipperċepixxi manteniment mingħand il-konvenut, u kif ukoll dwar id-dritt tiegħu li jitob tali mingħand martu l-attriċi;

3. Tiċħad it-tielet talba dwar ħlas ta' manteniment lilu mill-attriċi;

4. Tiċħad ir-raba' talba dwar l-applikazzjoni tas-sanzjonijiet kif elenkati f'Artikolu 48 *et seq* tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta;

5. Tilqa' l-ħames talba rikonvenzjonali, u xxolji u tillikwida l-komunjoni tal-akkwisti eżistenti bejn il-partijiet, b'dan illi d-diviżjoni u l-assenjazzjoni għandha tkun skont il-provvediment tas-seba' (7) parti ta' din is-sentenza, u ċjoe' 'It-Terminazzjoni, Likwidazzjoni, Divizjoni u Assenjazzjoni ta' dak kollu li Jifforma Parti mill-Komunjoni tal-Akkwisti u l-Assenjazzjoni tal-Beni Parafernali'; filwaqt tinnomina lin-Nutar Dr. Sean Critien sabiex jirċievi kwalsiasi att relattiv u l-kuraturi deputati Dr. Christopher Chircop u P.L. Nicky Aquilina sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaċi fuq l-istess att;

6. Tilqa' is-sitt talba rikonvenzjonali rigward il-beni parafernali;

7. Tilqa' is-seba' talba u tordna li l-konvenut jibqgħalu d-dritt li jgħix u jabita fid-dar bl-indirizz "Qalb ta' Ġesu, Triq Manwel Bonnici, Burmarrad", u dan ad esklużjoni tal-attriċi;

8. Tastjeni milli tiddeċiedi t-tmien talba.

Il-Qorti tordna li l-ispejjeż ta' din il-kawża għandhom jiġu sapportati kollha mill-konvenut.

Ft. Dr. Abigail Lofaro
Imħallef

Ft. Rita H Baldacchino
Deputat Registratur